Ħarġa nru. 47 - Frar 2011

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



**Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Dubai u Meydan,
paġni 46-47



**SportMalta Awards - L-għażliet Sportivi Nazzjonali**
Jean Todt preżenti għall-awards,
paġni 31-32



# Massimo Cremona jibbrilla fl-Awards

» Aktar f'paġna 31

• BASKETBALL • ŻWIEMEL • FUTBOL • INTERVISTA
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAR-REGATTA
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • SNOOKER
• TIĠRIJET TAL-ĦAMIEM • MARATONA TA' MALTA

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' LE MERIDIEN




Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com

2011



## Frar

Ix-xahar ta' Frar kien wieħed movimentat bl-aktar mumenti sodisfaċenti kienu r-riżultati pożittivi taż-żewġ timijiet nazzjonali - dak tal-Kbar u dak ta' Taħt il-21 sena - fejn kisbu draw identiku ta' 0-0 kontra Svizzera u Catania Primavera rispettivament.

Il-Kampjonat Premier daħal f'fażi mill-aktar interessanti fejn ġew deċiżi t-timijiet li jilagħbu fiċ-Championship Pool u fir-Relegation Pool.

Il-logħba tal-basketball, bħalissa xejn ma hi għaddejja minn mument feliċi fejn il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni jinsab wieqaf...

Barra minn hekk l-MFA iddeċidiet li twaqqaf l allowances għat-taħriġ tal-plejers nazzjonali...

Dan kollu u aktar... wieħed għandu jsibu proprju f'dan il-magażin sportiv uniku fil-gżejjer Maltin li kull ma jmur dejjem qed jikber fil-popolarità.

Il-funzjoni ta' dan il-magażin huwa li jolqot kull dixxiplina tal-isport biex ikompli jnissel aktar interess fost il-qarrejja li huma wkoll dilettanti tal-isport.

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ ma'

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Kemm kien ir-riżultat fil-partita ta' ħbiberija bejn Malta u Svizzera?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2011: **Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 46 hija:*
**Ray "Żażu" Farrugia**
*u r-rebbieħa huma (1) Kyle Mintoff - Mellieħa (2) Massimo Cremona - Zebbug (Malta) (3) TonJoe Farrugia - Għaxaq*

TeamSporT®




2




1




3


GET MORE FROM
YOUR WORKOUT
POWERADE®
Contains electrolytes and carbohydrates
to help you train better
POWERADE








SPORTIV


Ħarġa nru 47
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikatur
Paul Falzon

Editur
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

Reklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

*Cover - Ir-rebbieħ tal-IsportMalta Awards - L-għażliet Sportivi Nazzjonali, Massimo Cremona, jgħolli t-trofew u fl-azzjoni fit-Table Football*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta


# Werrej


4 **Malta v Svizzera**
Waħda mill-aqwa wirjiet matul dawn l-aħħar snin

6 **Analiżi**
Xaqq ta' dawl għaż-żewġ timijiet nazzjonali?

8 **Kampjonat Premier**
Tibda t-tieni fażi u...

14 **L-Ewwel Diviżjoni**
Sitt timijiet ikomplu jissieltu għall-promozzjoni

16 **It-Tieni Diviżjoni**
Zejtun C. iżommu l-quċċata tal-klassifika

17 **It-Tielet Diviżjoni**
Tliet timijiet jinqatgħu għalihom f'kull sezzjoni

18 **Intervista**
Sena memorabbli għal Massimo Cremona

20 **YFA**
Il-Youth F.A. tipprepara biex tibda taħdem minn Ta' Qali

22 **Riżultati Lokali**

24 **Futsal**
Me + Futsal = Fun

26 **Partita ta' ħbiberija**
"It-tieni era" ta' Ray 'Żażu' Farrugia tibda fuq nota pożittiva

28 **Sliema Complex**
Inawgurat uffiċjalment il-Kumpless Sportiv ta' Sliema Wanderers

31 **KMS**
Serata ta' suċċess

38 **Tiġrijiet tal-Ħamiem**
Wirja mill-isbaħ tal-Ħamiem tat-Tiġrija

39 **Maratona ta' Malta**
Għada ssir is-26 edizzjoni

40 **Gozo Sports**
Tibda l-aħħar tiġrija fir-rawnd finali

42 **Basketball**
Tikber l-inċertezza hekk kif il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel jinsab sospiż

44 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Riżultati, Sewwieqa u Ħinijiet

46 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Dubai u Meydan... Esperjenza unika

48 **Snooker u Pool**
Zak Barton Champion 2011

50 **L-iStorja tal-Futbol Malti**
Kampjonat 1953-54

53 **Core Stability**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

54 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja

56 **Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV



Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



maltafootball.com

Malta v Svizzera



Gareth Sciberras (Malta) itajjar il-periklu minn fuq Hakan Yakin (Svizzera)

# Waħda mill-aqwa wirjiet matul dawn l-aħħar snin

F'waħda mill-aqwa wirjiet għal dawn l-aħħar snin, Malta kisbet riżultat prestiġġjuż bl-iskor ta' 0-0 f'partita ta' ħbiberija li lagħbet kontra l-Isvizzera, fl-Istadium Nazzjonali, li serviet bħala parti mill-preparazzjoni għall-partita diffiċli valida mill-preliminari tal-Euro 2012, kontra l-Greċja.

Kienet prestazzjoni fejn il-Maltin qasmu l-logħob mal-avversarji, b'futbol intelliġenti u fl-ebda mument qatt ma dehru inferjuri għall-avversarji tagħhom.

Wieħed irid jgħid ukoll li fit-tim tagħhom, l-Isvizzeri kellhom bosta plejers ta' klassi li qed jagħmlu isem kbir għalihom infushom mat-timijiet rispettivi fosthom Stephan Lichsteiner (Lazio), Reto Ziegler (Sampdoria), u Gokhan Inler (Udinese), Alexander Frei (FC Basel) u Eren Derdiyok (Bayer Leverkusen).

Żgur li dan il-konfront jibqa' wieħed memorabbli għall-gowlkiper Justin Haber li kien il-protagonista meta salva żewġ penalties biex żamm



Shaun Bajada jindirizza freekick lejn il-lasti ta' Svizzera

09.02.2011 - 20.30 hrs

| | |
|---|---|
| Malta | 0 |
| Svizzera | 0 |

National Stadium

**Malta** – Justin Haber, Jonathan Caruana, Carlo Mamo (Clayton Failla 64), Gareth Sciberras, Andrei Agius (Joseph Zerafa 80), Paul Fenech (Jamie Pace 57), Roderick Briffa, Michael Mifsud, Andrew Cohen (Kevin Sammut 90), Sean Bajada, Andre Schembri (Ivan Woods 85)

*Coach* – John Buttigieg

**Svizzera** – Diego Benaglio, Stephan Lichsteiner, Reto Ziegler, Steve Von Bergen, Pirmin Schwegler (Blerin Dzemaili 42), Gokhan Inler (Gelson Fernandes 73), Alexander Frei (David Degen 81), Hakan Yakin (Marco Streller 46), Stephane Grichting (Francois Affolter 32), Valentin Stocker (Xherdan Shaqiri 62), Eren Derdiyok

*Coach* – Ottmar Hitzfeld

**Referee** – Marios Stamatis (Ċipru)

**Assistenti** – Doros Touros, Stelios Nikita (Ċipru)

**Raba' Uff.** – Marco Borg (Malta)

**Ammoniti** – S.Von Bergen, S.Lichsteiner (S), M.Mifsud, A.Schembri (M)

lil sħabu fil-partita.

Kien lejn tmiem il-logħba li l-Isvizzeri bdew juru l-aħjar logħob iżda bl-ebda mod ma setgħu jippenetraw lid-difiża Maltija.

Wara biss żewġ minuti, l-Isvizzera setgħu fetħu l-iskor meta ngħataw penalti wara li Jonathan Caruana mess il-ballun b'idu. Iżda mill-11-il metru, Alexander Frei ra lill-gowlkiper Malti jxellef il-ballun mal-lasta l-wieqfa.

Il-partita żvolġiet f'waħda bilanċjata bil-Maltin jersqu viċin permezz ta' żewġ freekicks ta' Shaun Bajada (17) u Andrew Cohen (25) iżda sabu lill-gowlkiper avversarju, Diego Benaglio attent.

Fit-tieni taqsima, l-Isvizzeri kienu aktar avventurużi fejn resqu viċin li jiftħu l-iskor, fit-48 minuta, iżda minn pożizzjoni ideali Alexander Frei xeħet għoli.

Fis-56 minuta, l-avversarji tagħna ingħataw penalti ieħor għall-foul fil-kaxxa ta' Gareth Sciberras fuq Eren Derdiyok, iżda Haber reġa' kien l-eroj meta salva x-xutt ta' Gokhan Inler.

Fis-70 minuta, kien Cohen li, wara azzjoni personali, xeħet il-ballun lejn ir-rokna tax-xibka minn qagħda angolata iżda l-ballun għadda ma' sieq il-lasti.

L-aħħar azzjoni denja ta' nota waslet, fis-77 minuta, b'xutt mill-viċin ta' Eren Derdiyok iżda Justin Haber reġa' kien providenzjali.



Il-formazzjoni Maltija kif bdiet kontra l-Isvizzera:
Wara - Justin Haber, Andrei Agius, Jonathan Caruana, Carlo Mamo, Andrè Schembri, Paul Fenech;
Quddiem: Andrew Cohen, Roderick Briffa, Michael Mifsud, Gareth Sciberras, Shaun Bajada



Andre Schembri jirċievi t-trofew tal-Isportiv tas-Sena mingħand is-Sinjuri Sandro Micallef u Charles Camenzuli mill-Għaqda Kittieba Sports

# Justin Haber jirreġistra rekord

Justin Haber, li jilgħab ma' Ferencvaros, sar l-ewwel gowlkiper li laqa' żewġ penalties mat-tim nazzjonali Malti wara li għat-tielet darba, sofrejna żewġ penalties f'partita waħda. Huwa salva x-xuttijiet ta' Alexander Frei (2) u Gokhan Inler (56).

L-ewwel darba kienet nhar is-27 ta' Marzu, 1985, fit-telfa ta' 6-0 kontra l-Ġermanja tal-Punent valida mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja (Ludwig-spark Stadion, f'Saarbrucken). Dak in-nhar Felix Magath (14) skorja l-penalti tiegħu iżda l-gowlkiper Malti, John Bonello, laqa' xutt ta' Rudi Voeller (54).

It-tieni darba li Malta sofriet żewġ penalties (f'partita waħda) kontra tagħha kien nhar is-6 ta' Diċembru, 1986, fil-preliminari tal-Kampjonat Ewropej kontra l-Italja.

Fl-imsemmija partita, it-Taljani ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-0 b'gowls ta' Riccardo Ferri (11) u Alessandro Altobelli (20) .... iżda l-ebda gowl ma wasal mill-11-il metru.

Kien Altobelli li nkariga miż-żewġ penalties, fis-47 u fit-62 minuta. L-ewwel penalty xeħtu għoli u fit-tieni tentattiv ra lill-gowlkiper Malti, John Bonello, jilqa' x-xutt tiegħu.

# Xaqq ta' dawl għaż-żewġ timijiet nazzjonali?



F'din id-dinja ħadd ma jagħmel il-mirakli. L-amministrazzjoni l-ġdida sabet ma wiċċha "problemi kbar" f'dak li jirrigwardja l-iskwadri nazzjonali.

Inħatru bosta kowċis, inklużi dawk barranin, iżda r-riżultati rari waslu .... saħansitra kien hemm min fost dawk l-istess kowċis barranin (li mexxew lit-tim nazzjonali) li kkritikaw lill-futbol Malti bħala wieħed medjokri għall-aħħar u l-futur jibqa' wieħed imċajpar ...

Baqa' ma nbidel xejn biex baqgħet tirrenja l-apatija fit-tim nazzjonali bil-konsegwenza li l-partitarji dejjem baqgħu 'l bogħod milli jitilgħu, lejn Ta' Qali, biex isegwu l-partiti internazzjonali.

Kienu jkunu l-interventi tas-South End Core biex jitnissel entużjażmu ġdid kull darba li t-tim nazzjonali kien se jilgħab fl-Istadium Nazzjonali ... u jimmerithom prosit kbir għax kull darba kienu strumentali biex jasal il-messaġġ lil dawk il-ftit mijiet biex imorru jagħtu l-appoġġ tagħhom .... iżda l-poplu Malti huwa u jibqa' passiv jekk kemm-il darba r-riżultati ma jaslux.

Fil-verità, ma għadniex nsofru telfiet kbar .... iżda r-riżultati rari jaslu .... u spiċċajna wkoll f'pożizzjonijiet lura ħafna (fir-rankings tal-FIFA) minn pajjiżi li bdew il-futbol warajna ....

Jidher li matul ix-xahar ta' Jannar, l-amministrazzjoni l-ġdida tal-MFA bdiet bir-riformi tagħha billi ġew ngaġġati Robert Gatt (bħala d-direttur taċ-Ċentru Tekniku), Edward Aquilina (head scout tal-MFA) u Ray "Żażu" Farrugia bħala l-kowċ tat-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena.

Żgur li dawn it-tliet elementi mportanti fi ħdan l-Assoċjazzjoni ma għandhom bżonn tal-ebda ntroduzzjoni hekk kif taw servizz sublimi lil-logħba domestika fejn libsu wkoll il-flokk nazzjonali.

Filwaqt li Gatt u Aquilina se jibdew jaħdmu minn wara l-kwinti, Farrugia se jaħdem aktar dirett biex kull mossa

MISTO
cafe • restaurant • venue

tal-progress tiegħu tiġi analizzata speċjalment mill-istampa lokali.

Din se tkun it-tieni avventura tiegħu fit-tmexxija ta' din il-kategorija wara li għamel dan bejn l-1998 u l-2001. Kien perijodu fejn it-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena kiseb l-aqwa riżultati ta' kull żmien.

Proprju fl-ewwel partita tiegħu bi grupp prattikament ġdid għal kollox, Ray Farrugia rnexxielu jmexxi lit-tim għal draw ta' 0-0 kontra Catania Primavera li huwa meqjus minn fost l-aktar qawwija fl-Italja

Meta staqsejt plejer partikolari li lagħab fl-imsemmija partita ta' x'jaħseb dwar iż-Żażu, qalli: "Kowċ teknikament bravu li jnissillek motivazzjoni kbira għax jurik li jemmen fil-kapaċitajiet tiegħek u toħroġ tiffaċċja lill-avversarji b'moral għoli ....."

Fir-rigward tat-tim tal-Kbar, kontra l-Isvizzera kien tim ittrasformat. Rajna tim jattakka u jiddefendi b'mod kollettiv u fl-ebda mument ma wera xi sintomi ta' inferjorità kumplessiva. L-Isvizzeri ħadu dan il-konfront b'serjetà kbira, tant, li l-formazzjoni inizjali kienet komposta bl-aqwa elementi possibbli.

Spiċċajna fi draw ta' 0-0 ... l-avversarji fallew żewġ penalties ... meta sabu quddiemhom lill-bravu gowlkiper Justin Haber isalva ż-żewġ tentattivi!!!

Meta staqsejt lill-kowċ, John Buttigieg, jekk jistax ikompli jibni fuq din il-wirja għall-partita diffiċli tas-26 ta' Marzu li ġej, kontra l-Greċja, valida mill-Euro 2012, b'mod mill-aktar umli qalli, "Innotajt bosta punti pożittivi ... iżda rridu nżommu saqajna ... għad irridu naħdmu ħafna għax il-Griegi huma teknikament aħjar ...."

Riforma oħra li wettqet l-amministrazzjoni l-ġdida hija li waqqfet l-*allowance* għat-taħriġ tal-plejers nazzjonali. Forsi xejn ma niżlet tajjeb mal-plejers u mhux se nidħol fil-mertu tal-każ minħabba li huwa delikat ħafna. Barra minn hekk l-amministrazzjoni l-ġdida rriformat il-Kampjonati Nazzjonali għax temmen li l livell jista' jogħla biex fuq kollox jiggwadanja t-tim nazzjonali.

Agħar milli konna żgur li m'aħna se nkunu qatt. Tgħid din l-arja l-ġdida fil-kwartieri ġenerali tal-Malta Football Assocation hija għodwa ġdida għal futur pożittiv fil-logħba domestika?




*L-attakkant ta' Floriana, Daniel Nwoke, jirċievi t-trofew mingħand il-manager tal-Marketing tal-BOV, is-Sur Charles Azzopardi*

# Nwoke huwa l-BOV Plejer tax-Xahar għal Jannar 2011

L-attakkant Niġerjan ta' Floriana, Daniel Nwoke, rebaħ l-unur BOV Plejer tax-Xahar għal Jannar, 2011.

Nwoke kellu xahar mill-aqwa fejn kien strumentali biex Floriana jitilgħu mal-ewwel tlieta fil-klassifika.

Fid debutt tiegħu, nhar is-7 ta' Jannar, huwa skorja żewġ gowls fir-rebħa ta' 3-1 fuq Ħamrun Spartans biex imbagħad baqa' jżomm l-appuntament bid-doppjetta personali fiż-żewġ logħbiet sussegwenti, fir-rebħiet ta' 6-1 fuq Vittoriosa Stars u 4-3 fuq Qormi ... biex minn tliet partiti tella' total personali ta' sitt gowls.

Barra minn hekk f'dawn it-tliet partiti, Nwoke ġie vvotat, mill-ġurnalisti, bħala l-Aħjar Plejer tal-Logħba.

Sfortunament, fil-logħba kontra Qormi, Nwoke sofra injury muskolari biex matul ix-xahar ta' Frar kien nieqes mill-azzjoni fejn in-nuqqas tiegħu inħass hekk kif Floriana sofrew erba' telfiet konsekuttivi.

Is-Sur Charles Azzopardi, Manager tal-Marketing fi ħdan il-Bank of Valletta, ippreżenta lil Daniel Nwoke bit-trofew tal-Plejer tax-Xahar tal-BOV għal Jannar 2011.

Watch LIVE Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt

BOV Premier League

BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal

# Tibda t-Tieni Fażi u .....




Ryan Fenech (Valletta) jiċċelebra wara li skorja kontra Sliema W.

Fi tmiem il-ġimgħa li għadda, ingħata bidu għat-Tieni Fażi wara li saru magħrufa s-sitt timijiet taċ-Championship Pool u l-erbgħa tar-Relegation Pool.

Matul ix-xahar ta' Jannar, is-suq tat-trasferiment laħaq il-qofol tiegħu bit-trasferiment tal-attakkant internazzjonali Malti, Michael Mifsud, hekk kif kollox kien jidher lest biex jingħaqad ma' Floriana, li iżda, wara li ma mmaterjalizza xejn, b'mod mill-aktar sorprendenti kienu Qormi li kisbu l-firma tiegħu.

Fl-ewwel partita tiegħu, dik kontra Birkirkara, Mifsud skorja hat-trick fir-rebħa ta' 4-1 biex Qormi kellhom aspettattivi kbar li setgħu jikkwalifikaw għaċ-Championship Pool .... iżda b'mod mill-aktar drammatiku ġew ikkundannati biex jilagħbu fir-Relegation Pool meta proprju, fit-93 minuta, sofrew il-gowl ta' 2-2 kontra Marsaxlokk mill-attakkant Arġentin, Julio Alcorse, li kienu ilu biss ftit sekondi fil-grawnd .... u dan wara li Joseph Farrugia poġġa lill-Qriema fil-vantaġġ proprju fid-90 minuta!!!!

Iżda huma ddiżappuntaw bil-kbir meta fl-ewwel partita tagħhom fir-Relegation Pool sofrew telfa kbira bl-iskor ta' 4-0 kontra Sliema Wanderers hekk kif dawn tal-aħħar issa kważi huma ċerti li stagun ieħor jilagħbu fil-Kampjonat Premier wara li fetħu vantaġġ ta' tmien punti fuq Vittoriosa Stars li jinsabu f'qiegħ il-klassifika hekk kif dan l-istaġun se jiġi relegat tim wieħed biss.

Ta' min jgħid ukoll li taħt it-tmexxija tal-kowċ il-ġdid, Danilo Doncic, il-Wanderers kisbu tliet rebħiet konsekuttivi biex insew id-diżappunt tas-serje ta' riżultati negattivi meta wieħed iqis li l-Wanderers huma wieħed mit-timijiet aristokratiċi Maltin.

Intant, l-affarijiet għall-Ġirbin saru aktar diffiċli għalihom wara li tilfu l-konfront dirett kontra Hibernians, bl-iskor ta' 2-1, biex għandhom distakk ta' ħames punti u għaldaqstant meta fadal ħames partiti x'jintlagħbu, il-pressjoni kull ma tmur tibda dejjem tiżdied ...... hija ħasra li tim bħal Vittoriosa Stars jinsab f'din il-pożizzjoni minħabba li f'kull partita kien sfida denja għal kull avversarju .... iżda kien iltim mill-fortuna!!!!!

It-tim li l-aktar li ddiżappunta matul dan ix-xahar kien Floriana li minn erba' partiti ma kiseb l-ebda punt. Wieħed jistaqsi jekk "l-avvenimenti" li seħħew fi ħdan il-klabb u li wasslu lill-kumitat biex jirreżenja .... u mbagħad reġa' rtira r-riżenja tiegħu ..... affettwawtx il-prestazzjonijiet tal-Greens li kienu biss id-dell tal-wirjiet preċedenti li saħansitra wassluhom sat-tieni pożizzjoni.

It-telfa ta' 4-0 kontra Marsaxlokk kompliet tesponi l-kriżi tal-Furjaniżi .... biex l-istess Xlukkajri urew li bdew ġejjin f'tagħhom u li bdew ukoll jemmnu li jistgħu jisfidaw bis-serjetà għal post fil-kompetizzjoni tal-UEFA Europa League flimkien ma' Birkirkara u Tarxien Rainbows.

Jidher li Birkirkara jistgħu jerġgħu jkunu dak it-tim li jisfida lil-leaders Valletta għar-rebħ tal-Kampjonat .... u forsi ..... jittamaw li jirrepetu s-suċċess tas-sena li għaddiet.

Wara d-draw ta' 1-1 kontra Hamrun Spartans, il-Beltin ippanikkjaw xi ftit hekk kif il-vantaġġ f'ras il-klassifika naqas għal sitt punti fil-konfront tal-Istripes .... il-partitarji xejn ma kienu f'burdata brijuża u saħansitra wrew id-diżapprovazzjoni tagħhom lejn il-benjamini tagħhom.

Fadal disa' partiti u fil-logħba tal-futbol kollox jista' jiġri ... iżda bis-sitt punti vantaġġ u bl-iskwadra kbira li għandhom li tippossjiedi potenzjal qawwi, Valletta xorta waħda jibqgħu l-favoriti netti li jirbħu l-Kampjonat ..... it-timijiet ta' warajhom iridu wkoll jitilfu l-punti fil-konfronti diretti ta' bejniethom!!!! ... nistennew u naraw.



Michael Mifsud (Qormi) fl-azzjoni kontra Birkirkara

## PREMIER

**Logħba Nru 76 – 28.01.2011 - 19.30 hrs**

**Hamrun Spartans** 2
D. Shields 15 pen, G. Spiteri 76

**Marsaxlokk** 3
F. Raimy 65, R. Guerreiro 67, T. Templeman 78

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadidum**

**Hamrun S.** – Omar Borg, Mark Anthony Bonnici (Mead Mifsud 45), Dene Shields, Massimo Grima, Lee James Agius (Dylan Kokavessis 85), Marcelo Pereira, Dyson Falzon, Gaetan Spiteri, Jovan Vukanic, David Camilleri, Steve Bonnici
*Coach* – Steve D'Amato

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Malcolm Licari, Andrew Spiteri, Emil Yanchev, Carlo Mamo, Peter Pullicino, Florent Raimy (Ryan Darmanl 89), Gareth Sciberras (Ruben Guerreiro Gravata 52), Martin Deanov, Trevor Templeman, Alfred Effiong
*Coach* – Patrick Curmi

**Referee** – Paul Caruana
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – D. Camilleri, L. J. Agius, M. Grima (HS); F. Raimy, P. Pullicino, T. Templeman, R. Guerreiro, M. Deanov (M)

## PREMIER

**Logħba Nru 77 – 29.01.2011 - 14.00 hrs**

**Qormi** 1
J. Souza Santos 39 pen

**Hibernians** 0

HT 1-0 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Jason Vandelanoite, Stefan Giglio, Keith Fenech, Joseph Chetcuti (Ben Camilleri 74), Joseph Farrugia, Abubakar Bello Osagie (Christos Karamanolis 60), George Mallia, Jonathan Bondin (Gabriel Buttigieg 85), Kang Ho Jung, Josue Souza Santos
*Coach* – Stephen Azzopardi

**Hibernians** – Mario Muscat, Matthew Gauci (Bjorn Kristensen 88), Jonathan Pearson, Ryan Camilleri, Patrick Osei, Richie Hart, Andrew Cohen, Steve Pisani (Matthew Tabone 56) Brian Fairbairn, Paul McManus (Matt Clarke 77), Edward Herrera
*Coach* – Mark Miller

**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Mariano Debono, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – P. Osei (H); J. Bondin (Q)

## PREMIER

**Logħba Nru 78 – 29.01.2011 - 16.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 1
J. Lima Sequeira 45 pen

**Valletta** 4
T. Scerri 11, 92 R. Fenech 30, 64

HT 1-2 **National Stadium**

**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Josef Mifsud, Mark Scerri, Steve Bezzina (Noel Turner 72), Clifford Gatt Baldacchino, Jackson Lima Sequeira, Obinna Obiefule, Chakib Lackhem, Roderick Bajada (Miguel Ciantar 80), Beppe Muscat, Clayton Failla (Jean Pierre Mifsud Triganza 56)
*Coach* – Mark Marlow

**Valletta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Ian Azzopardi, Jonathan Caruana, Steve Borg, Edmond Agius, Ramon Dos Santos, Kevin Sammut (Gilbert Agius 76), Ryan Fenech (Kurt Magro 91), Denni Rocha Dos Santos (Ian Zammit 82), Terence Scerri
*Coach* – Jesmond Zerafa

**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Alan Camilleri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Paul Caruana
**Ammoniti** – M. Scerri, J. Lima, O. Obiefule (SW), R. Briffa (V)
**Tkeċċa** – J. Lima Sequeira 61 (SW)

## PREMIER

**Logħba Nru 79 – 30.01.2011 - 14.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 3
C. Dos Santos Rodrigues 36, 58, D. Bueno 51

**Floriana** 1
D. Draganov 71

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Steve Sadowski, Manuel Caruana (Ryan Mintoff 85), Everton Antonio Pereira, Gianluca Calabretta (Mark Tanti 56), Ricardo Costa (Daniel Mariano Bueno 33), Cristiano Dos Santos Rodrigues, Sergio Pacheco De Oliveira, Orosco Anonam, Lee Galea, Justin Grioli
*Coach* – Noel Coleiro

**Floriana** – Lotfi Saidi, Brian Said, Thomas Paris, Ivan Woods, Christian Caruana (Owen Bugeja 70), Clyde Borg, Duncan Pisani (Kiril Dzhorov 54), Manolito Micallef, Marcal Guerreiro Fernandes (Sacha Borg 70), Dragomir Draganov, Tyrone Farrugia
*Coach* – Todor Raykov

**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Konrad Borg, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Chris Lautier
**Ammoniti** – T. Farrugia, M. Micallef (F); L. Galea, G. Calabretta, J. Grioli (TR)
**Tkeċċa** – T. Farrugia 72 (F)

## PREMIER

**Logħba Nru 80 – 30.01.2011 -16.00 hrs**

**Vittoriosa Stars** 0

**Birkirkara** 1
A. Agius 38

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Vittoriosa S.** – Simon Agius, Carl Sammut, Clayton Micallef, Steve Wellman, Jeffrey Chetcuti, Murilo Maccari, Ryan Grech, Edison Luis Dos Santos, Jorge Santos Silva, Anthony Ewurum, Alan Tabone (Leighton Grech 71)
*Coach* – Winston Muscat

**Birkirkara** – Michael Fraser, Terence Vella (Ryan Camenzuli 89), Joseph Zerafa, Nikola Vukanac, Shaun Bajada (Ryan Scicluna 83), Andrei Agius, Rodolfo Kumbrevicius (Karl Pulo 73), Rowen Muscat, Paul Fenech, Emiliano Lattes, Angus Buhagiar
*Coach* – Paul Zammit

**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Edward Spiteri, Malcolm Mercieca
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – R. Kumbrevicius, P. Fenech, A. Buhagiar (B); R. Grech, J. Santos Silva, J. Chetcuti (VS)

## PREMIER

**Logħba Nru 81 – 04.02.2011 - 19.30 hrs**

**Marsaxlokk** 2
A. Effiong 50, F. Raimy 64

**Vittoriosa Stars** 2
J. Santos Silva 21, 61

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Malcolm Licari (Sunday Eboh 82), Andrew Spiteri, Rumen Angelov Galabov, Emil Yanchev, Florent Raimy, Gareth Sciberras, Gary Caruana (Ruben Guerreiro Gravata 64), Carlo Mamo (Ryan Darmanin 87), Martin Deanov, Alfred Effiong
*Coach* – Patrick Curmi

**Vittoriosa S.** – Simon Agius (Jean Matthias Vella 41), Clayton Micallef, Murillo Maccari, Karl Sammut, Jeffrey Chetcuti, Luis Edison Dos Santos, Ryan Grech, Jorge Santos Silva, Anthony Ewurum (Alan Tabone 76), Stephen Wellman, Leighton Grech
*Coach* – Winston Muscat

**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Konrad Borg, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Glenn Tonna
**Ammoniti** – A. Spiteri, R. Galabov, F. Raimy, M. Deanov, G. Sciberras, R. Guerrero (M); J. Santos Silva (V)
**Tkeċċa** – R. Galabov 60 (M)

## Min qed jiskorja

14 – Terence Scerri (Valletta)
13 – Alfred Effiong (Marsaxlokk)
11 – Gaetan Spiteri (Hamrun S)
9 – Denni Rocha Dos Santos (Valletta)
8 – Jean Pierre Mifsud Triganza (Sliema W.)
7 – Emiliano Lattes (Birkirkara); Cristiano Dos Santos Rodrigues (Tarxien R.)
6 – Daniel Nwoke; Ivan Woods (Floriana); Paul McManus (Hibernians); Obinna Obiefule; Jackson Lima Sequeira (Sliema W.); Daniel Mariano Bueno (Tarxien R.); Edison Luis Dos Santos; Anthony Ewururm (Vittoriosa S.)
5 – Paul Fenech; Michael Galea (Birkirkara); Massimo Grima (Hamrun S.); Sergio Pacheco De Oliveira (Tarxien R.); Kevin Sammut (Valletta); Jorge Santos Silva (Vittoriosa S.)
4 – Marcelo Pereira; Dene Shields (Hamrun S.); Dyson Falzon (Hamrun S. 1+ Valletta 2); Andrew Cohen; Edward Herrera (Hibernians); Ruben Gravata Geurreiro (Marsaxlokk); Cleavo Frendo; Josue Souza Santos (Qormi); Ricardo Costa (Tarxien R.); Ryan Fenech (Valletta 2 + Hamrun S. 2)
3 – Terrence Vella (Birkirkara); Christian Caruana (Floriana); Trevor Templeman (Marsaxlokk); George Mallia, Michael Mifsud (Qormi)
2 – Trevor Cilia; Alan Tabone (Birkirkara); Dragomir Draganov; Michael Mecerod (Floriana); Peter Anizoba (Hamrun S.), Dylan Kokavessis (Hamrun S. 1+Marsaxlokk 1); Steve Pisani; Adrian Pulis (Hibernians); Julio Alcorse; Florent Raimy; Gareth Sciberras (Marsaxlokk); Abubakar Bello-Osagie; Joseph Farrugia (Qormi); Etienne Barbara, Chakib Lachkhem; Mark Scerri (Sliema W.); Gilbert Agius; Jamie Pace; Ian Zammit (Valletta); Leighton Grech (Vittoriosa S.)
1 – Andrei Agius; Patrick Borg; Rodolfo Kumbrevicius, Nikola Vukanac (Birkirkara); Luke Agius; Ryan Darmanin; Kiril Dzhorov; Tyrone Farrugia; Manolito Farrugia; Brian Said (Floriana); Rupert Mangion (Hamrun S.); Triston Caruana; Matthew Clarke; Brian Fairbrain; Jean Paul Farrugia; Bjorn Kristensen; Jonathan Pearson (Hibernians); Martin Deanov; Malcolm Licari (Marsaxlokk); Kosta Bjedov; Jonathan Bondin; Ben Camilleri; Joseph Chetcuti (Qormi); Manuel Caruana; Everton Antonio Pereira (Tarxien R.); Edmond Agius; Steve Borg; Roderick Briffa; Jonathan Caruana; Omonigho Temile (Valletta); Clayton Micallef (Vittoriosa S.)
Awto-Gowls – Matthew Gauci; Jonathan Pearson (Hibernians); Kang Hojung (Qormi); Clayton Micallef (Vittoriosa S.)





### KIF JINSABU

**Championship Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 19 | 13 | 6 | 0 | 43 | 12 | 23 |
| Birkirkara | 19 | 8 | 6 | 5 | 28 | 26 | 17 |
| Marsaxlokk | 19 | 6 | 9 | 4 | 29 | 25 | 15 |
| Tarxien R. | 19 | 8 | 5 | 2 | 26 | 25 | 15 |
| Floriana | 19 | 8 | 3 | 8 | 25 | 24 | 14 |
| Hamrun S. | 19 | 7 | 3 | 9 | 32 | 37 | 13 |

**Relegation Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sliema W. | 19 | 6 | 7 | 6 | 26 | 26 | 14 |
| Qormi | 19 | 5 | 6 | 8 | 22 | 30 | 11 |
| Hibernians | 19 | 4 | 6 | 9 | 25 | 34 | 11 |
| Vittoriosa S. | 19 | 2 | 5 | 12 | 21 | 38 | 6 |



Plejers ta' Marsaxlokk f'mument ta' ċelebrazzjoni

Dyson Falzon (Hamrun S.) segwit minn Trevor Templeman (Marsaxlokk)





Dragomir Draganov (Floriana) issikkat minn Steve Borg u Roderick Bajada (Valletta)

Il-kowċ ta' Marsaxlokk Patrick Curmi flimkien mal-president Robert Micallef



PREMIER

**Logħba Nru 82 – 05.02.2011 - 14.00 hrs**

**Birkirkara** 1
R. Kumbrevicius 23

**Qormi** 4
M. Mifsud 13, 17, 70, J. Souza Santos 84 pen

HT 1-2 **National Stadium**

**Birkirkara** – Michael Fraser, Emiliano Lattes, Nikola Vukanac, Andrei Agius, Shaun Bajada, Rowen Muscat, Angus Buhagiar, Rodolfo Kumbrevicius (Andrew Decesare 76), Terence Vella (Michael Galea 46), Paul Fenech, Karl Pulo (Ryan Scicluna 86)
*Coach* – Paul Zammit
**Qormi** – Matthew Farrugia, Jason Vandelannoite, Stefan Giglio, Christos Karamanolis, Keith Fenech, Michael Mifsud, Joseph Farrugia, Abubakar Bello-Osagie (Matthew Bartolo 61), Goerge Mallia (Kang Hojung 73), Jonathan Bondin, Josue Souza Santos (Cleavon Frendo 87)
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Alan Camilleri, Chris Francalanza
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – A. Buhagiar , S. Bajada (B); C. Karamanolis 23 (Q)

PREMIER

**Logħba Nru 83 – 05.02.2011 - 16.00 hrs**

**Valletta** 1
R. Briffa 57

**Hamrun Spartans** 1
D. Falzon 77

HT 0-0 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Steve Borg, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Ramon Dos Santos, Kevin Sammut (Omonigho Temile 67), Andrade Antunes Anderson (Edmond Agius 77), Denni Rocha Dos Santos, Ryan Fenech (Gilbert Agius 36), Terence Scerri
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Hamrun S.** – Omar Borg, Massimo Grima, Rupert Mangion, Dene Shields (Peter Anizoba 89), Marcelo Pereira (Dylan Kokavessis 62), Dyson Falzon, Gaetan Spiteri, Jovan Vukanic, Nikolai Chipev, David Camilleri, Steve Bonnici
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Ingmar Spiteri, Mariano Debono
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – T. Scerri (V); M. Grima (HS)

PREMIER

**Logħba Nru 84 – 06.02.2011 - 14.00 hrs**

**Floriana** 0

**Sliema Wanderers** 1
O. Polycaro Obiefule 89 pen

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Floriana** – Lotfi Saidi, Brian Said, Thomas Paris, Sacha Borg, Owen Bugeja, Clyde Borg (Duncan Pisani 88), Pablo Doffo, Joseph Borg, Ivan Woods, Kiril Dzhorov (Marcal Guerriero Fernandes 50), Dragomir Draganov (Christian Caruana 38)
*Coach* – Todor Raykov
**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Julian Briffa, Steve Bezzina, Josef Mifsud, Clifford Gatt Baldacchino, Clayton Failla, Miguel Ciantar (Noel Turner 74), Roderick Bajada, Etienne Barbara, Chakib Lachkhem (James Paris 94), Jean Pierre Mifsud Triganza (Obinna Polycaro Obiefule 62)
*Coach* – Danilo Doncic
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Philip Agius, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – P. Doffo, S. Borg (F), C. Gatt Baldacchino, M. Ciantar, J. Briffa, O. Polycaro Obifuele, E. Barbara (SW)
Tkeċċa – T. Paris 89 (F)

PREMIER

**Logħba Nru 85 – 06.02.2011 - 16.00 hrs**

**Hibernians** 3
A. Cohen 49, E. Herrera 52, B. Fairnbairn 88

**Tarxien Rainbows** 1
C. Dos Santos Rodrigues 87

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Ryan Camilleri, Aaron Xuereb, Jonathan Pearson, Patrick Osei, Richie Hart, Andrew Cohen, Brian Fairbairn (Matthew Tabone 92), Edward Herrera, Paul McManus (Steve Pisani 85)
*Coach* – Mark Miller
**Tarxien R.** – David Cassar, Steven Sadowski (Ryan Mintoff 64), Manuel Caruana, Everton Antonio Periera, Gianluca Calabretta (Mark Tanti 59), Cristian Dos Santos Rodrigues, Sergio Pacheco De Oliviera, Daniel Mariano Bueno, Orosco Anonam, Lee Galea, Justin Grioli (Julian Vella 46)
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Andrè Arciola
Assistenti – Edward Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – A. Xuereb (H); D. M. Bueno, M. Caruana (TR)
Tkeċċa – D. M. Bueno 55 (TR)

PREMIER

**Logħba Nru 86 – 12.02.2011 - 14.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 0

**Birkirkara** 0

**National Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Steven Sadowski, Everton Pereira, Gianluca Calabretta (Sergio Hili 83), Cristino Rodrigues, Sergio Pacheco De Oliveira, Mark Tanti (Justin Grioli 46), Luke Vella Critien, Orosco Anonam, Ryan Mintoff, Lee Galea
*Coach* – Noel Coleiro
**Team B** – Michael Fraser, Angus Buhagiar (Nikola Vukanac 20), Patrick Borg, Joseph Zerafa, Shaun Bajada (Rodolfo Kumbrevicus 89), Rowen Muscat, Paul Fenech, Andrei Agius, Emiliano Lattes, Michael Galea, Ibrahim Babatunde (Karl Pulo 77)
*Coach* – Paul Zammit
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Konrad Borg, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – O. Anonam, G. Calabretta, R. Mintoff (TR), A. Agius, P. Borg, P. Fenech (B)

PREMIER

**Logħba Nru 87 – 12.02.2011 - 16.00 hrs**

**Floriana** 0

**Valletta** 2
D. Rocha Dos Santos 34, I. Zammit 90

HT 0-1 **National Stadium**

**Floriana** – Lotfi Saidi, Duncan Pisani, Brian Said, Tyrone Farrugia, Manolito Micallef, Pablo Doffo, Clyde Borg (Kiril Dzhorov 74), Ivan Woods, Christian Caruana (Christian Cassar 85), Dragomir Draganov, Marcelo Guerreiro Fernandes (Sacha Borg 59)
*Coach* – Todor Raykov
**Valletta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Steve Borg, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Gilbert Agius, Omonigho Temile, Antunes Anderson, Denni Dos Santos (Ian Zammit 89), Terence Scerri (Kevin Sammut 76), Jamie Pace (Edmond Agius 26)
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Philip Agius, Alan Camilleri
Raba' Uff. – Andre Arciola
Ammoniti – D. Pisani, C. Caruana (F), I. Azzopardi, O. Temile, D. Dos Santos (V)

## PREMIER

**Logħba Nru 88 –13.02.2011 - 15.00 hrs**

**Qormi** 2
J. Bondin 22, J. Farrugia 91
**Marsaxlokk** 2
R. G. Gravata 69 pen, J. Alcorse 93
HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Jason Vandelannoite, Stefan Giglio, Christos Karamanolis, Keith Fenech (Joseph Chetcuti 79), Michael Mifsud, Joseph Farrugia, Abubakar Bello-Osagie, George Mallia (Matthew Bartolo 62), Jonathan Bondin, Josue Souza Santos (Matthew Camilleri 69)
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Luca Lodetti (Ruben Guerriero Gravata 61), Emil Yanchev, Carlo Mamo, Malcolm Licari, Sunday Eboh, Peter Pullicino, Trevor Templeman, Florent Raimy (Julio Alcorse 89), Ryan Darmanin, Alfred Effiong
*Coach* – Patrick Curmi
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Mariano Debono, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Paul Caruana
**Ammoniti** – L. Lodetti, M. Licari, S. Eboh, T. Templeman, R. G. Gravata (M); A. Bello-Osagie, K. Fenech, M. Mifsud, J. Farrugia (Q)
**Tkeċċa** – M. Farrugia 67 (Q)

## PREMIER

**Logħba Nru 89 – 13.02.2011 - 15.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 4
J. P. Mifsud Triganza 15, E. Barbara 40, 52, J. Sequeira 46
**Hibernians** 0
HT 2-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Julian Briffa, Josef Mifsud, Mark Scerri (Alex Muscat 74), Jean Pierre Mifsud Triganza (Chakib Lachkhem 69), Steve Bezzina, Clifford Gatt Baldacchino, Jackson Lima Sequeira, Roderick Bajada, Clayton Failla (Adam Spiteri 77), Etienne Barbara
*Coach* – Danilo Doncic
**Hibernians** – Mario Muscat, Matthew Tabone (Triston Caruana 57), Jonathan Pearson, Matthew Gauci, Edward Herrera (Bjorn Kristensen 57), Richard Hart, Patrick Osei, Brian Fairbairn, Andrew Cohen (Jean Paul Farrugia 74), Steve Pisani, Adrian Pulis
*Coach* – Mark Miller
**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Edward Spiteri, Ingmar Spiteri
**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi
**Ammoniti** – R. Hart, M. Tabone (H)

## PREMIER

**Logħba Nru 90 – 13.02.2011 - 15.00 hrs**

**Vittoriosa Stars** 2
E. Luis Dos Santos 59, L. Grech 66
**Hamrun Spartans** 3
D. Kokavessis 39, G. Spiteri 78, 83
HT 0-1 **National Stadium**

**Vittoriosa S.** – Jean Matthias Vella, Clayton Micallef, Jeffrey Chetcuti, Steve Wellman, Karl Sammut, Ryan Grech (Leighton Grech 46), Murilo Maccari, Jorge Santos Silva, Alan Tabone (Dino Cachia 75), Edison Luis Dos Santos, Anthony Ewurum (Carlos Compagnoli 65)
*Coach* – Winston Muscat
**Team B** – Omar Borg, Dragan Milovic, Rupert Mangion, Dylan Kokavessis (Lee James Agius 75), Marcelo Pereira, Dyson Falzon, Gaetan Spiteri, Jovan Vukanic, Nikolai Chipev (Peter Anizoba 77), David Camilleri, Steve Bonnici
*Coach* – Steve D'Amato
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – William Debattista, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – E. Luis Dos Santos (VS)

## PREMIER

**Logħba Nru 91 – 19.02.2011 - 14.00 hrs**

**Marsaxlokk** 4
A. Effiong 14, 53, 80, 86
**Floriana** 0
HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Trevor Templeman, Emil Yantchev, Rumen Galabov, Carlo Mamo, Florent Raimy (Luca Lodetti 87), Peter Pullicino, Gareth Sciberras, Martin Deanov (Sunday Eboh 73), Alfred Effiong (Julio Alcorse 87), Ryan Darmanin
*Coach* – Patrick Curmi
**Floriana** – Lotfi Saidi, Brian Said, Owen Bugeja, Manolito Micallef, Pablo Doffo, Ivan Woods (Thomas Paris 64), Mohamed El Yamani (Marcal Guerreiro Fernandes 63), Sacha Borg (Christian Cassar 56), Tyrone Farrugia, Clyde Borg, Dragomir Draganov
*Coach* – Todor Raykov
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Mitchell Scerri
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – M. Deanov (M); C. Borg (F)

## PREMIER

**Logħba Nru 92 – 19.02.2011 - 16.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 1
S. Pacheco De Oliveira 35 pen
**Birkirkara** 3
M. Galea 10, E. Lattes 47, Paul Fenech 77
HT 1-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Steve Sadowski (Julian Vella 54), Manuel Caruana, Everton Antonio Pereira, Ricardo Costa (Sergio Hili 79), Cristiano Dos Santos Rodrigues, Sergio Pacheco De Oliveira (Andre Farrugia 88), Luke Vella Critien, Orosco Anonam, Lee Galea, Justin Grioli
*Coach* – Noel Coleiro
**Birkirkara** – Michael Fraser, Emiliano Lattes, Joseph Zerafa, Nikola Vukanac, Paul Fenech, Rowen Muscat, Ibrahim Babatunde (Andrew Decesare 83), Shaun Bajada (Ryan Scicluna 89), Patrick Borg, Michael Galea (Rodolfo Kumbrevicius 89), Andrei Agius
*Coach* – Paul Zammit
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Philip Agius, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Paul Caruana
**Ammoniti** – C. Dos Santos Rodrigues, M. Caruana (TR); J. Zerafa, P. Borg, S. Bajada (B)

## PREMIER

**Logħba Nru 93 – 20.02.2011 - 14.00 hrs**

**Hibernians** 2
P. McManus 39 pen, A. Pulis 81
**Vittoriosa Stars** 1
E. Luis Dos Santos 64
HT 1-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Edward Herrera, Adrian Pulis, Aaron Xuereb, Jonathan Pearson, Richie Hart, Patrick Osei, Paul McManus (Brian Fairbairn 52), Andrew Cohen, Ryan Camilleri (Bjorn Kristensen 70), Taki Abdelilah (Triston Caruana 85)
*Coach* – Mark Miller
**Vittoriosa S.** – Jean Vella, Pierre Aquilina (Clayton Micallef 46), Jeffrey Chetcuti, Stephen Wellman, Justin Camilleri, Ryan Grech, Murilo Maccari, Carlo Campagnoli, Carl Samut (Alan Tabone 83), Jorgè Santos Silva (Anthony Ewurum 75), Edison Luis Dos Santos
*Coach* – Wintson Muscat
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Alan Camilleri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – A. Pulis, P. Osei, R. Hart, J. Pearson (H), C. Sammut, A. Ewurum (VS)
**Tkeċċa** – B. Fairbairn 60 (H)

## PREMIER

**Logħba Nru 94 – 20.02.2011 - 16.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 1
D. Falzon 79
**Valletta** 1
J. Caruana 2
HT 0-1 **National Stadium**

**Hamrun S.** – Omar Borg, Dragan Milovic, Massimo Grima (Jovan Vukanic 85), Rupert Mangion, Dene Shields, Lee James Agius, Dyson Falzon, Nikolay Chipev, David Camilleri, Steve Bonnici (Mark Anthony Bonnici 23), Peter Anizoba (Mead Mifsud 78)
*Coach* – Steve D'Amato
**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Edmond Agius, Gilbert Agius, Kevin Sammut (Ryan Fenech 80), Omonigho Temile, Terence Scerri, Andrade Antunes Anderson (Ian Zammit 67)
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Konrad Borg, Chris Francalanza
**Raba' Uff.** – Andrè Arciola
**Ammoniti** – D. Falzon, P. Anizoba, L. J. Agius (HS); K. Sammut (V)

## PREMIER

**Logħba Nru 95 – 21.02.2011 - 19.30 hrs**

**Qormi** 0
**Sliema Wanderers** 4
J. P. Mifsud Triganza 23, 31, M. Scerri 75, O. Obiefule 85
HT 0-2 **Hibernians Stadium**

**Qormi** – Matthew Camilleri, Jason Vandelannoite, Stefan Giglio, Christos Karamanolis (Kang Hojung 46), Keith Fenech (Joseph Chetcuti 68), Michael Mifsud, Joseph Farrugia, Abubakar Bello-Osagie, Jonathan Bondin, Cleavon Frendo (George Mallia 46), Josue Souza Santos
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Sliema W.** – Viktor Szentpeteri, Julian Briffa, Josef Mifsud, Mark Scerri, Jean Pierre Mifsud Triganza (Chakib Lachkhem 67), Steve Bezzina, Clifford Gatt Baldacchino, Jackson Lima Sequeira (Beppe Muscat 85), Roderick Bajada, Clayton Failla (Obinna Obiefule 67), Etienne Barbara
*Coach* – Danilo Doncic
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – M. Mifsud, J. Souza Santos (Q); C. Failla (SW)


Ben Camilleri (Qormi) jiddefendi l-ballun minn Jonathan Pearson (Hibernians)


Rodolfo Kumbrevicius (Birkirkara) fl-azzjoni kontra Vittoriosa S.




# l-ewwel dar tal-ħolm tiegħek

Li tibda kapitlu ġdid fl-istorja ta' ħajtek ifisser ukoll li wasal iż-żmien li jkollok id-dar li dejjem ħlomt li jkollok. Nifhmu li dan il-mument huwa importanti u nafu li bl-appoġġ tagħna dan il-pass fl-istorja tiegħek jista' jkun wieħed eħfef. Kellimna llum u skopri l-firxa ta' benefiċċji, li permezz tagħhom, id-dar li ilek toħlom tista' ssir realtà.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV HOME LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 27444

Is-self huwa suġġett għal kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw. It-terminu ta' self ma jistax ikun aktar mill-eta' tal-irtirar.

Bank of Valletta

BOV 1st Div. League
BOV
Bank of Valletta
your Success, our Goal




Msida St. Joseph v Dingli Swallows

# Sitt timijiet ikomplu jissieltu għall-promozzjoni

## Kampjonat

**29.01.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**St. Andrew's v Mosta ....................................2-3**
*Nicky Vella Petroni 5, Ronni Hartvig 14 (SA); Mark Briggs, Nikola Bogdanovic 40, William Camenzuli 67 (M)*

**Balzan Y. v Pietà H. .......................................4-3**
*Daniel Alves Campos 2, Robson Luiz Bandeira, Quilin Refalo 8 (PH); Steve Meilak 10, Aaron Agius 58, Renato Conceicao 73, Lydon Micallef 76 (BY)*

**30.01.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**Msida SJ v St. George's.................................1-3**
*Ismail Achami 56 (MSJ); Mark Barbara 64, Jonathan Luiz Ruiz 79, Gary Inguanez 91 pen (SG)*

**Mqabba v Dingli S. .......................................2-2**
*Leontiev Konda 10, Clayton Caruana 20 (DS); Vilson Caushi 40, Claudio Calleja 72 (M)*

**05.02.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**Lija A. v Melita ............................................1-1**
*Marko Potezica 57 (LA); Michael Cachia 78 (M)*

**St. George's v St. Andrew's..........................2-1**
*Emanuel Sevasta 20 o.g. (SA); Mark Barbara 38, Jonathan Luiz Ruiz 56 (SG)*

**06.02.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**Balzan Y. v Mosta.........................................2-1**
*Aaron Agius 22, Pedro Dos Santos Calcado 79 pen (BY); Simon Shead 44 (M)*

**Msida SJ v Dingli S. .....................................0-2**
*Charlon Sammut 42, 62 (DS)*

**12.02.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**Mqabba v Melita...........................................0-0**

**Lija A. v Pietà H. ..........................................3-1**
*Marko Potezica 8, 53, Admir Dzanovic 87 (LA); Zack Muscat 70 (PH)*

**13.02.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**St. Andrew's v Balzan Y. ..............................0-3**
*Ronni Hartvig 38 o.g., Renato Conceicao 56, Pedro Dos Santos Calcado 60 (BY)*

**Dingli S. v St. George's.................................1-1**
*Charlon Sammut 13 (DS); Gary Inguanez 32 pen (SG)*

**19.02.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**Melita v Msida SJ..........................................2-0**
*Nigel Rizzo 18, Luke Micallef 39 (M)*

**Mosta v Lija A. ..............................................2-0**
*Simon Shead 70, Victor Osobu 80 (M)*

**20.02.2001**
**Victor Tedesco Stadium**
**Pietà H. v Mqabba.........................................2-4**
*John Paul Muscat 15, 45, 51, Pierre Grima 92 pen (M); Quilin Refalo 54 pen, Christian Grech 87 (PH)*

**Dingli S. v St. Andrew's ...............................0-0**



Balzan Youths v Mosta

### KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan Y. | 11 | 8 | 2 | 1 | 24 | 10 | 26 |
| Mqabba | 11 | 6 | 3 | 2 | 19 | 9 | 21 |
| St. George's | 11 | 6 | 3 | 2 | 20 | 14 | 21 |
| Mosta | 11 | 6 | 2 | 3 | 24 | 14 | 20 |
| Lija A. | 11 | 5 | 2 | 4 | 14 | 14 | 17 |
| Melita | 11 | 4 | 4 | 3 | 15 | 11 | 16 |
| St. Andrew's | 11 | 3 | 4 | 5 | 13 | 14 | 13 |
| Dingli S. | 12 | 3 | 3 | 6 | 9 | 20 | 12 |
| Pietà H. | 11 | 2 | 3 | 6 | 21 | 25 | 9 |
| Msida SJ | 11 | 0 | 0 | 11 | 3 | 31 | -4 |

**Msida SJ tnaqqsulhom 4 punti*
**Balzan Y. ingħataw rebħa ta' 3-0 wara protest fuq Msida SJ*


Balzan Youths v Pietà


Balzan Youths v St Andrew's

BOV 2nd Div. League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal

# Zejtun Corinthians jibqgħu jżommu l-quċċata tal-klassifika



Mellieħa v Naxxar Lions

**Il-partiti kollha jintlagħbu fis-Centenary Stadium**

**24.01.2011**
**Senglea A. v Rabat A. ....................... 1-0**
*Ricardo Severino 58 pen (SA)*

**St. Patrick v San Gwann ....................... 3-1**
*Alex Ellul 19, Gordon Failla 27, 73 (SP); Joseph Chidi Achokwu 20 (SG)*

**29.01.2011**
**Naxxar L. v Mellieħa ....................... 2-0**
*Darren Falzon 54, 84 (NL)*

**Mgarr U. v Zejtun C. ....................... 0-1**
*Amadeo Mercieca 85 (ZC)*

**30.01.2011**
**San Gwann v Zebbug R. ....................... 1-1**
*Clint Caruana 41 (ZR); Mauro Busuttil 93 (SG)*

**Zurrieq v Gzira U. ....................... 0-3**
*Cedric Sciberras 23, Richard Attard 89, Roberto Brincat 91 (GU)*

**31.01.2011**
**Rabat A. v St. Patrick ....................... 0-0**

**Birżebbuġa SP v Senglea A. ....................... 2-0**
*Carlos Camenzuli 17, Keith Muscat 42 (BSP)*

**05.02.2011**
**Gzira U. v Mellieħa ....................... 1-2**
*Philip Taylor 12, Fabiano Bassi 63 (M); Keith Bonello 45 (GU)*

**Mgarr U. v Naxxar L. ....................... 2-1**
*Chris Abela 3, Matthew Muscat 83 (MU); Andrè Rocha Da Silva 88 (NL)*

**06.02.2011**
**Senglea A. v Zurrieq ....................... 0-4**
*Darren Bellizzi 63, Alistair Camilleri 72, 92, Warren Kiomall 87 (Z)*

**Zejtun C. v San Gwann ....................... 3-0**
*Amadeo Mercieca 13, 77, Ryan Cauchi 89 (ZC)*

**10.02.2011**
**St. Patrick v Birżebbuġa SP ....................... 2-0**
*David Mamo 3, Rodnick Ellul 92 (SP)*

**Zebbug R. v Rabat A. ....................... 1-7**
*Emeka Basil Onuta 2, 71, David Azzopardi 21, Yessous Camilleri 36, Adam Smeir 53, Chris Muscat 59, Ryan Micallef 85 (RA); George Saliba 82 (ZR)*

**13.02.2011**
**Naxxar L. v Gzira U. ....................... 3-0**
*Andrè Rocha Da Silva 20, 47, Gabriel Buys Duarte 91 pen (NL)*

**San Gwann v Mgarr U. ....................... 2-1**
*Keith Vella 42, Miguel Francica 60 (SG); Ibrahim Tarek 56 (MU)*

**19.02.2011**
**Rabat A. v Zejtun C. ....................... 0-0**

**Mellieħa v Senglea A. ....................... 2-2**
*Nikolay Filipov 33, Joseph Vella 87 (M); Simon Aquilina 84, 92 (SA)*

**20.02.2011**
**Birżebbuġa SP v Zebbug R. ....................... 2-1**
*Ronnie Celeste 45, Matthew Borg 56 (BSP); Timmy Thomas 85 (ZR)*

**Zurrieq v St. Patrick ....................... 2-0**
*Steve Azzopardi 63, Alistair Camilleri 86 (Z)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zejtun C. | 15 | 10 | 3 | 2 | 21 | 6 | 33 |
| Mellieħa | 15 | 9 | 2 | 4 | 22 | 13 | 29 |
| Naxxar L. | 15 | 9 | 1 | 5 | 29 | 19 | 28 |
| Rabat A. | 15 | 8 | 3 | 4 | 32 | 8 | 27 |
| Birżebbuġa | 15 | 8 | 3 | 4 | 24 | 17 | 27 |
| St. Patrick | 15 | 7 | 2 | 6 | 20 | 24 | 23 |
| Senglea A. | 15 | 5 | 2 | 8 | 27 | 26 | 17 |
| Gzira U. | 15 | 4 | 5 | 6 | 23 | 26 | 17 |
| Zebbug R. | 15 | 5 | 2 | 8 | 18 | 28 | 17 |
| Zurrieq | 15 | 4 | 3 | 8 | 18 | 30 | 15 |
| San Gwann | 15 | 4 | 3 | 8 | 16 | 30 | 15 |
| Mgarr U. | 15 | 2 | 1 | 12 | 11 | 34 | 7 |

BOV 3rd Div. League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal

# Tliet timijiet jinqatgħu għalihom f'kull Sezzjoni

## Sezzjoni A

**28.01.2011**
**St. Lucia v St. Venera L. .......................... 0-3**
*Dylan Mercieca 58, Jeffrey Zammit 72, Dalton Wingfield 88 (SVL)*

**Xgħajra T. v Marsaskala.......................... 0-4**
*Matthew Gauci 54, 63, Terence Cachia 57, 58, (M)*

**01.02.2011**
**Siggiewi v Gudja U. ................................ 1-4**
*Aaron Guazzo 24, Ndayi Kalenga 34, Peter Paul Sammut 52, 68 (GU); Mark Camilleri 62 (S)*

**Mdina K. v Mtarfa.................................... 1-1**
*Tarik Abdila 38 pen (M); Duncan Galea 43 o.g. (MK)*

**04.02.2011**
**Swieqi v Attard......................................... 2-2**
*Kayne Said 22, Mimcho Traykov 89 (A); Eric Sciberras 45, Pierre Gaillouste 87 (SU)*

**St. Venera L. v Qrendi............................ 2-0**
*Dalton Wingfield 4, 12 (SVL)*

**06.02.2011**
**Siggiewi v St. Lucia ................................ 3-0**
*Jason Camilleri 49, 68, Harun Ahmed Mohamed 75 (S)*

**Gudja U. v Mdina K. ................................ 2-0**
*Trevor Thomas 2 pen, Peter Paul Sammut 91 (GU)*

**10.02.2011**
**Mtarfa v Xgħajra T. .................................. 3-1**
*Giorgio Cumbo 47, Cleavon Mizzi 69, Claude Bonanno 90 (M); Ali Manaf 79 (XT)*

**Marsaskala v Swieqi U. ......................... 0-0**

**13.02.2011**
**Attard v St. Venera L. 1-0**
*Andrew Hili 84 (A)*

**St. Lucia v Qrendi ................................... 1-0**
*Marlon Farrugia 83 (SL)*

**14.02.2011**
**Mdina K. v Siggiewi................................. 0-1**
*Roderick Farrugia 13 (S)*

**20.02.2011**
**Xgħajra T. v Gudja U................................ 0-5**
*Ndayi Kalenga 50, 75, 82, 86, Peter Paul Sammut 89 (GU)*

**Swieqi U. v Mtarfa.................................. 2-0**
*Fabian Debono 23, 70 (SU)*



Swieqi v Mtarfa



Gudja U. v Gharghur



Mdina v Siġġiewi

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St. Venera L. | 13 | 11 | 0 | 2 | 26 | 7 | 33 |
| Gudja U. | 14 | 10 | 2 | 2 | 38 | 9 | 32 |
| Siggiewi | 14 | 10 | 1 | 3 | 30 | 16 | 31 |
| St. Lucia | 14 | 7 | 2 | 5 | 16 | 19 | 23 |
| Attard | 13 | 6 | 3 | 4 | 19 | 14 | 21 |
| Mdin K. | 14 | 6 | 2 | 6 | 21 | 16 | 20 |
| Swieqi U. | 14 | 5 | 4 | 5 | 18 | 22 | 19 |
| Xgħajra T. | 14 | 3 | 2 | 9 | 12 | 30 | 11 |
| Mtarfa | 14 | 2 | 4 | 8 | 11 | 21 | 10 |
| Qrendi | 13 | 1 | 3 | 9 | 8 | 23 | 6 |
| Marsaskala | 13 | 1 | 3 | 9 | 13 | 35 | 6 |

** St. Venera L. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Attard*

## Sezzjoni B

**25.01.2011**
**Pembroke A. v Luqa SA..........0-5**
*Lee Baldacchino 43, 57, Glenn Azzopardi 70, Mark Said 71, Alex Abdilla 77 (LSA)*

**Kalkara v Għaxaq.....................2-2**
*Bjorn Dalli 7, 68 pen (Għ); Michael Zammit 45, Jean Claude Vella 80 (K)*

**30.01.2011**
**Marsa v Kirkop U......................0-2**
*Sufin Atomi 63, Christian Mifsud 64 (KU)*

**Għargħur v Fgura U..................2-1**
*Chris Vella 3, Malcolm Tirchett 31 pen (Għ); Lydon Vella 24 (FU)*

**06.02.2011**
**Gozo Stadium**
**Gozo FC v Luqa SA ..................2-3**
*Joseph M. Portelli 70, Ian Xuereb 80 (G); Roderick Debattista 82, Mark Said 86, 88 (LSA)*

**11.02.2011**
**Sirens v Pembroke A. ...............2-3**
*George Falzon 23, 62 (S); Steve Micallef 33, Malcolm Sammut 53, Daniel Calleja 92 (PA)*

**Marsa v Kalkara........................0-1**
*Sinclair Camilleri 21 (K)*

**12.02.2011**
**Kirkop U. v Għargħur .............1-2**
*Ivan Ebejer 84, Benjamin Acton Perry 91 (Għ); Albert Busuttil 88 pen (KU)*

**Fgura U. v Luqa SA..................1-3**
*Lydon Vella 8 (FU); Lee Baldacchino 20, 82, Roderick Debattista 70 (LSA)*

**18.02.2011**
**Pembroke A. v Għaxaq ............3-0**
*Jean Claude Borg 31, Geoffrey Spiteri 79, Carlo Leonardi 85 pen (PA)*

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għargħur | 12 | 9 | 1 | 2 | 28 | 16 | 28 |
| Kırkop U. | 12 | 8 | 0 | 4 | 24 | 13 | 24 |
| Luqa SA | 12 | 7 | 2 | 3 | 29 | 16 | 23 |
| Pembroke | 12 | 5 | 2 | 5 | 19 | 18 | 17 |
| Għaxaq | 12 | 4 | 4 | 4 | 21 | 20 | 16 |
| Marsa | 12 | 3 | 5 | 4 | 12 | 15 | 14 |
| Fgura U. | 12 | 4 | 2 | 6 | 18 | 22 | 14 |
| Sirens | 11 | 3 | 3 | 5 | 20 | 23 | 12 |
| Gozo FC | 11 | 3 | 1 | 7 | 19 | 31 | 10 |
| Kalkara | 12 | 2 | 2 | 8 | 13 | 29 | 8 |

** Luqa SA ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Gozo FC*
** Fgura U. ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest fuq Għaxaq*



Massimo Cremona rebbieħ tal-Overall tal-iSports Awards

## Rebbieħ tal-overall Sports Awards

# Dan l-unur jinkuruna sena memorabbli

## - Massimo Cremona (Table Football)



Massimo Cremona jifraħ bis-suċċess tat-Tazza taċ-Champions fit-tim ta' F.illi Bari Reggiana



Massimo Cremona bit-Tazza taċ-Champions (F.illi Bari Reggiana)

*Kif beda l-interess tiegħek għat-Table Football?*

L-interess beda minħabba li minn età żgħira kont insegwi ħafna l-futbol, kemm lokalment (ma' Valletta) kif ukoll dak barrani (ma' Liverpool).

Kien, fl-1988, meta kont irbaħt il-kampjonat tal-iskola (il-Kulleġġ ta' St. Albert) biex l-interess baqa' dejjem jikber.

Niftakar li l-ewwel tournament li ħadt sehem fih kien il-Kampjonati Ewropej tal-Juniors li kien sar fil-Vilhena Band Club, fil-Floriana ... kienet l-ewwel esperjenza tiegħi fuq livell nazzjonali fejn l-anqas biss kont għaddejt għall-gruppi fil-kategorija ta' Taħt il-15-il sena.

Kien diżappunt kbir personali u għaldaqstant għamilt sfida miegħi nnifsi biex nibda nitħarreġ b'mod regolari

Fl-1990, kont mort l-Italja (għall-ewwel darba) biex nilgħab it-Table Football fejn iltqajt għall-ewwel darba ma' Renzo Frignani - wieħed mill-aqwa plejers ta' kull żmien f'din il-logħba ... illum, l-istess Frignani huwa r-reserve tiegħi fit-tim ta' Reggiana iżda jagħtini ħafna pariri siewja li nitgħallem ħafna minnhom.

Minn hemm dejjem bqajt nieħu dan l-isport b'serjetà kbira biex eventwalment ksibt bosta suċċessi.

Irrid ngħid li l-ewwel tim lokali kien dak ta' Valletta Subbuteo Club fejn kont nipparteċipa fil-Kampjonat Nazzjonali organizzat mill-Malta Table Football Sports Association.

*F'hiex jikkonsisti u x'jinvolvi t-taħriġ għal dan it-tip ta' sport?*

It-taħriġ fiżiku huwa mportanti għax jagħtik saħħa u motivazzjoni mentali.

Jiena nittrenja erba' darbiet fil-ġimgħa - fis-6.00 a.m. immur ġirja ta' ħames kilometri u mbagħad inkompli t-taħriġ fil-gym biex inżomm ġismi u l-muskoli fl-aħjar kundizzjoni possibbli.

Il-logħba tat-Table Football hija strapazzuża minħabba li tournament normalment jibda fid-9.00 a.m. u jibqa' sejjer sas-6.00 p.m. fejn kull plejer irid jogħqod fuq saqajh għal dawn is-sigħat kollha.

Jekk plejer ma jkunx f'kundizzjoni fiżika tajba, dan jgħejja bil-konsegwenza li jgħejja wkoll il-moħħ biex tonqos il-konċentraz-

zjoni b'possibbiltà kbira li jikkommetti bosta żbalji elementari.

Barra minn hekk, jien nuża wkoll lil Adel Muscat bħala *sports psychologist* li tgħinni ħafna fi problemi psikoloġiċi sportivi.

Fl-2006 u fl-2007, ħdimt taħt il-gwida tal-kowċ nazzjonali tal-għawm, Andy Colburn, fejn kont nagħmel l-*altitude training* bħal ma' jagħmlu l-għaddasa biex kont inżomm lili nnifsi f'kundizzjoni fiżika aħjar għax dan it-tip ta' taħriġ jgħin ukoll biex iżid ir-*red cells* fid-demm li jagħtu aktar enerġija.

Jiena nemmen li dawn huma dettalji żgħar li jagħmlu d-differenza biex plejer ikun aktar ippreparat għall-esiġenzi li jiltaqa' magħhom waqt il-logħob tal-ogħla livelli.

Barra minn hekk, nagħmel dieta bilanċjata u niekol ikel sustanzjuż u nevita wkoll li kull filgħaxija niekol l-għaġin minħabba li fih ħafna karboidrati.

Fuq il-mejda, nitħarreġ sagħtejn kuljum. Xi kultant nittrenja waħdi u f'bosta drabi nistieden lil sħabi biex jiġu jagħmlu sessjonijiet miegħi ... iżda mhijiex faċli daqskemm wieħed jimmaġina. .... il-motivazzjoni u l-imħabba li għandi lejn dan l-isport partikolari jżommuni biex inkompli navvanza f'dan l-isport ... li dejjem tani sodisfazzjon kbir.

*Kif beda l-interess minn klabbs Taljani għas-servizzi tiegħek?*

Bejn, l-2001 u l-2004, waqaft nilgħab it-Table Football minħabba li kont kowċ ta' Naxxar Lions, fl-Ewwel Diviżjoni.

Iżda fl-2004, meta ġiet organizzata t-Tazza tad-Dinja tat-Table Football, ġejt mistieden biex nifforma parti mit-tim nazzjonali Malti minħabba l-esperjenza li kelli f'dan l-isport.

Kien proprju f'dan it-tournament mondjali li ġej avviċinat minn diriġenti tal-klabb tas-Serie B ta' Catania biex nifforma parti mill-iskwadra tagħhom. Jien mill-ewwel aċċettajt biex inkompli nikseb aktar esperjenza f'din il-logħba.

Fil-Kampjonat tas-Serie B mill-ewwel ħallejt il-marka tiegħi minħabba li rbaħt it-tmien logħbiet kollha ndividwali tiegħi fejn ma qlajt l-ebda gowl.

B'dawn il-prestazzjonijiet, bdejt niġbed ukoll interess partikolari minn diversi klabbs fejn imbagħad ingħaqadt mal-klabb Belġjan ta' Temploux biex, fl-2005, iffirmajt mal-klabb tas-Serie A ta' Reggiana fejn f'dak l-istaġun spiċċajna fit-tielet post.

Ma' dan il-klabb ikkwalifikajt għall-final tat-Tazza taċ-Champions Ewropea, li kienet saret, f'Murcia, fi Spanja, iżda ħriġt tellief kontra t-tim ta' Perugia.

Fis-sena sussegwenti, irnexxieli nasal sal-final tat-Tazza tad-Dinja ndividwali iżda tlift bil-*golden goal* kontra avversarju Taljan li kien reġistrat mal-klabb ta' Milan.

Mossa li ffastidjatni ħafna kienet li membru mill-klabb ta' Reggiana (li jien kont qed nilgħab taħt dan l-isem) beda jagħti l-appoġġ tiegħu lill-avversarju tiegħi "għax Taljan" bil-konsegwenza li ftit jiem wara erġajt ingħaqadt ma' Perugia għal sentejn.

Fl-ewwel sena tiegħi, erġajt lgħabt fil-final tat-Tazza taċ-Champions fejn għat-tieni darba sfajt megħlub, din id-darba kontra Napoli.

Irrid ngħid ukoll l-attendenza f'din il-kompetizzjoni dejjem tkun madwar 1,500 spettatur. Għaliha jikkompetu 24 tim (fil-maġġoranza tagħhom ikunu timijiet Taljani) li jkunu komposti minn sitt plejers (jew tmienja) fejn jilagħbu erbgħa.

*Liema kienu l-aktar mumenti memorabbli fil-karriera tiegħek?*

Is-sena 2010 kienet l-aktar waħda memorabbli tal-karriera tiegħi fejn ilħaqt il-quċċata.

Għal dawn l-aħħar tliet snin, lgħabt għal F.illi Bari Reggiana fejn anke sibt appoġġ u għajnuna kbira mid-diriġenti u l-istaff tekniku ta' dan il-klabb.

L-aktar żewġ unuri prestiġġjużi li dejjem immirajt għalihom waslu fi spazju ta' xahrejn, f'Settembru u Ottubru.

Fix-xahar ta' Settembru, irbaħt it-Tazza tad-Dinja ma' Malta, li saret fil-Ġermanja, u f'Ottubru rbaħt it-Tazza taċ-Champions ma' F.illi Bari Reggiana li saret, fl-Awstrija. L-unur li rbaħt fis-serata tal-iSports Awards jinkuruna sena memorabbli.

Irrid nagħmel parentesi u ngħid li mument ta' sodisfazzjon kbir personali kien meta, fl-2006/07, tlajt fl-ewwel post tar-rankings mondjali fejn bqajt fil-quċċata għal tmien xhur sħaħ.

Kien sodisfazzjon enormi minħabba li n-numru wieħed tad-dinja għal dawn l-aħħar snin kien l-Olandiż, Eric Verhagen, fejn dan għandu vantaġġ kbir li bil-karozza tiegħu jilħaq kull tournament li jintlagħab fil-pajjiżi ġirien ta' pajjiżu filwaqt li jien (meta ma nirrappreżentax lill-klabb tiegħi u nikkompeti f'tournaments individwali), irrid noħroġ l-ispejjeż kollha minn buti. Illum ninsab fil-ħames post tar-rankings mondjali.

*Issa li prattikament irbaħt kollox li t-Table Football tista' toffri, kemm għadek immotivat li tkompli tilgħab?*

Irrid inkompli nibni fuq dak li rbaħt minħabba li għandi mħabba kbira lejn il-logħba. Sakemm nibqa' mmotivat nibqa' nilgħab.

Meta, fl-2006/07, ilħaqt il-quċċata tar-rankings mondjali, bosta kienu dawk li ssuġġerewli biex nieqaf mil-logħba biex nispiċċa fuq l-ogħla nota ... iżda li kieku smajt minnhom, illum mhux qed ingawdi dawn is-suċċessi ......

*Kemm taħseb li t-Table Football għandha futur f'pajjiżna?*

L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tat-Table Football qed taħdem ħafna biex dan l-isport ikompli jikber f'pajjiżna.

Il-president, Silvio Catania, huwa l-mutur u l-moħħ ta' din l-Assoċjazzjoni li qed jaħdem b'mod kontinwu biex "iwassal il-messaġġ" ta' dan l-isport.

Bħalissa hemm parteċipazzjoni sodisfaċenti fost it-tfal li jipprattikaw dan l-isport li huma ovvjament il-futur ta' ġenerazzjoni ġdida.

Inutli li wieħed jisforza u jimbotta lil dawn it-tfal biex jibdew jipprattikaw dan l-isport għax l-imħabba lejn it-Table Football trid tkun naturali. Għaldaqstant irridu nagħrfu kif se nressqu lil dawn it-tfal lejn il-logħba biex isiru jħobbu u jibqgħu mmotivati f'dak kollu li jagħmlu.

Min-naħa tagħha, l-Assoċjazzjoni għandha nies iddedikati li lesti li jgħallmu lil dawn it-tfal li huwa nteressati f'din il-logħba.

*Matul dawn l-aħħar ġimgħat, it-Table Football ġie kkritikat minħabba li mhuwiex meqjus bħala sport hekk kif int irbaħt l-overall tal-iSports Awards. X'tikkummenta?*

Kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu u jien nirrispetta dak kollu li jingħad fuq it-Table Football.

Però, l-Assoċjazzjoni tat-Table Football hija affiljata mal-Kumitat Olimpiku Malti u mal-Kunsill Malti għall-Isport. Aktar minn hekk ma nistax ngħid.




Personalment, fl-2006 u proprju f'Diċembru li għadda, ingħatajt il-Gold Award mill-Kumitat Olimpiku Malti minbarra li rbaħna unur ieħor bħala t-Tim tas-Sena.

*X'ringrazzjamenti tixtieq tagħmel?*

Irrid niddedika dan is-suċċess lit-tfal tiegħi, Christine u Michael, li dejjem iżommu mmotivati biex inkompli navvanza f'dan l-isport.

Irrid nirringrazzja lill-poplu Malti u Għawdxi tal-appoġġ u tal-votazzjoni tagħhom biex stajt nirbaħ l-overall ta' li Sports Awards kif ukoll lill-ġurnalisti li bil-vot tagħhom spiċċajt fit-tieni post ta li Sportiv tas-Sena.

Fl-aħħarnett irrid nirringazzja lill-Assoċjazzjoni tat-Table Football għall-appoġġ u għall-ħidma kontinwa tagħha.



In-naħa tas-Centenary Stadium minn fejn se tibda topera l-Youth FA

# Il-Youth F.A. tipprepara biex tibda taħdem minn Ta' Qali

## Ħarsa lejn aktar Nurseries affiljati mal-Youth F.A.

Ix-xogħol fuq il-bini l-ġdid tal-Youth F.A. jinsab fi stadju avvanzat biex lejn nofs Marzu, 2011, il-Youth F.A. wara 29 sena ta' ħidma mill-uffiċini tagħha fil-Floriana, tkompli taħdem minn ġewwa Ta' Qali. Kien proprju ftit ġranet biss wara li laħaq president tal-Malta Football Association, is-sur Norman Darmanin Demajo, waqt l-Annual Presentation Night tal-Youth F.A., f'Awissu 2010, kien ħabbar fid-diskors tiegħu li xtaq, fuq il-programm tiegħu, li l-Youth F.A. tibda tiffunzjona minn Ta' Qali, minn ġewwa s-Centenary Stadium. Ix-xogħol inbeda lejn nofs, Novembru 2010, biex f'dawn il-ġranet qed isiru l-aħħar xogħlijiet biex dan il-post fi ftit ġranet oħra jibda jilqa' 49 Nursery affiljati mal-Youth F.A. f'ambjent aktar modern u attrezzat.

F'din il-ħarga ser nagħtu wkoll ħarsa lejn żewġ Nurseries oħra, dawk ta' Pembroke u Qormi, biex b'hekk insiru nafu aktar mill-qrib uħud minn nurseries fi ħdan il-Youth F.A.



Is-sala prinċipali tal-Youth FA



Ix-xogħol li qed isir fil-kwartieri ġenerali tal-Youth FA





## Pembroke Athleta Football Nursery.

**Indirizz:**
Pemroke Athleta Football Nursery, Tunis Road, Pembroke.

**Website:** www.pembrokeathletafn.com

**Logo:**
Saret fis-sena 1997, bil-background tkun l-emblema ta' Pembroke.

**Twaqqif:** 1997

**Mission Statement:**
L-Għan prinċipali tan-Nursery huwa li teduka lit-tfal fin-Nursery dixxiplina fiżika, morali u teknika flimkien mal-edukazzjoni permezz tal-logħba tal-futbol fi spritu sportiv u taċċerta li tippartecipa fil-kampjonati u festivals organizzati mill-Youth F.A u l-Malta F.A.

**Kuluri uffiċjali:** Griż u aħmar.

**Età ta' tfal:** Minn 4 snin sa 16-il sena.

**Total ta' plejers subien u bniet:** 240

**Numru ta' plejers nisa:** 34

**Tim tan-nisa fil-Kampjonat tal-MFA:** Iva

**Kemm-il darba jinżamm it-taħriġ għall-kategorija:**

| | |
|---|---|
| U17 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U15 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U13 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U11 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U9 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U7 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| Bniet | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |

**It-taħriġ jinżamm fuq:**
Ground b'turf artifiċjali.

**Kumitat Staġun 2009/2010:**

| | |
|---|---|
| President: | Matthew Grech |
| V.President: | David Said |
| Segretarja: | Yvonne Debono |
| Tezoriera: | Rita Mifsud |
| Membri: | Alfred Debono, Arthur Borg, Anna Pisani, Sandro Pisani. |

**Sotto kumitati fi ħdan in-Nursery:**
Iva biex jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-attivitajiet tan-Nursery.

**Numru ta' kowċis ikkwalifikati / liċenzjati:** 8

**Head Coach:**
Is-Sur Alfred Debono (Liċenzja UEFA B)

**Amalgamazzjoni ma' xi akkademja jew klabb barrani:**
Hemm prospetti tajba biex fix-xhur li ġejjin issir amalgamazzjoni ma' akkademja barranija.

**Staġun 2009/2010:**
Kampjonati APS Bank U17B
Kampjonati APS Bank U15B
Gatorade Festivals U13
Gatorade Festivals U11

**Unuri Mirbuħa:**
U16 – Promozzjoni minn Section C għal B.
U14 – Promozzjoni minn Section C għal B u għal A.

**Tournament organizzat:**
Stabbilt wieħed fis-sena nhar it-19 ta' Marzu.
Tournaments matul l-istaġun kull xahar għall-age groups differenti.

**Parteċipazzjoni internazzjonali:**
Manchester darbtejn.
Wales darbtejn.
Tunisia darbtejn.
Bulgarija darba.

**Plejers li tħarrġu fin-Nursery u lagħbu mat-tim Nazzjonali Malti:**
Siraj Arab u Samir Arab (U17)

**Attivitajiet matul il-btajjel tas-sajf:**
Skola tal-futbol għall-etajiet bejn il-5 u t-12-il sena.

**Proġetti fil-preżent:** Spectators stand.

**Proġetti għall-futur:**
Tliet 5-a-side pitches u Sports Complex ħdejn il-grawnd.

## Qormi F.C. Youth Nursery.

**Indirizz:**
Qormi F.C. Youth Nursery, Qormi F.C. Training Grounds, Triq il-Belt Valletta, Qormi.

**Website:** www.qorminursery.com

**Logo:**
Kulur strips isfar u iswed bil-ballun fin-nofs u taħt il-kliem "Leali mit-tfulija"

**Twaqqif:** 28 ta' Settembru 1988.

**Mission Statement:**
"Leali mit-tfulija" l-motto tan-nursery li jfisser li t-tfal bil-futbol jikbru u jsiru rġiel maturi, dixxiplinati, u fl-istess waqt iħobbu l-logħba tal-ballun u l-klabb li jkunu qegħdin jittrenjaw miegħu.

**Kuluri uffiċjali:**
Isfar u iswed.

**Età ta' tfal:**
Minn 5 snin sa 16-il sena.

**Total ta' plejers subien u bniet:** 152

**Numru ta' plejers nisa:** 2

**Tim tan-nisa fil-Kampjonat tal-MFA:** Le.

**Kemm-il darba jinżamm taħriġ għall-kategorija:**

| | |
|---|---|
| U17 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U15 | 3 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U14 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U13 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U12 | 4 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U11 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U10 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U9 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U8 | 4 sessjonijiet fil-ġimgħa |
| U7 | 2 sessjonijiet fil-ġimgħa |

**It taħriġ jinżamm fuq:** Ground b'turf artifiċjali.

**Kumitat Staġun 2009/2010:**

| | |
|---|---|
| President: | Victor Camilleri |
| V. President: | Emanuel Falzon |
| Segretarja: | Bernice Darmanin |
| Teżorier: | Mario Scerri. |
| Membri: | Emanuel Galea, Kevin Agius, Dorianne Micallef, Carol Fabri, Kevin D'Amato, Josef Gafa. |

**Sotto kumitati fi ħdan in-nursery:** Xejn

**In-nursery amalgamati ma' xi akkademja jew klabb barrani:**
Iva. Sheffield Wednesday FC Academy.

**Numru ta' kowċis ikkwalifikati / liċenzjati:** 14

**Head Coach:**
Is-sur Charles Scerri (Licenzja UEFA A)

**Liċenzja mogħtija lin-ursery mill-MFA għall-istaġun 2010/2011**
Liċenzja A.

**Staġun 2010/2011:**
Kampjonati APS Bank U17 – Sezzjoni A
Kampjonati APS Bank U15 – Sezzjoni B
Gatorade Festival U13
Gatorade Festival U11

**Unuri Mirbuħa:**
2007-2008 Under 17C għal Sezzjoni B
2008-2009 Under 17B għal Sezzjoni A

**Tournament organizzat:**
Tumas Fenech Memorial Tournament. Fix-xahar ta' Frar u jkun miftuħ għal tfal ta' U7 u U13.

**Plejers li tħarrġu fin-nursery u lagħbu mat-tim Nazzjonali Malti:**
Steve Agius, Shamison Zammit, Dylan Pirotta u Maverick Gatt.

**Attivitajiet matul il-btajjel tas-sajf:**
Summer school tal-futbol għal tfal bejn is 6 u 13-il sena.

**Proġetti fil-preżent:**
Bini tan-Nursery.



### U19 – Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 27-Jan | Valletta vs Mosta | pp |
| 27-Jan | Floriana vs St. Patrick | 1-1 |
| 27-Jan | Birkirkara vs Pietà H. | 1-0 |
| 27-Jan | Melita vs Hibernians | 3-2 |
| 03-Frar | Mosta vs San Gwann | 0-2 |
| 03-Frar | Hibernians vs Valletta | 1-1 |
| 03-Frar | St. Andrews vs Floriana | 1-4 |
| 03-Frar | Melita vs Birkirkara | 2-0 |
| 10-Frar | Melita vs St. Andrews | 7-0 |
| 10-Frar | San Gwann vs Hibernians | pp |
| 10-Frar | Pietà H. vs Mosta | 4-1 |
| 10-Frar | Floriana vs Birkirkara | 2-2 |
| 17-Frar | Valletta vs St. Patrick | 0-4 |
| 17-Frar | Pieta' H. vs Hibernians | 1-0 |
| 17 Frar | Mosta vs Birkirkara | 0-0 |
| 17-Frar | Melita vs Floriana | 2-0 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS A

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Melita | 11 | 8 | 1 | 2 | 27 | 10 | 25 |
| Pietà H. | 10 | 6 | 2 | 2 | 26 | 10 | 20 |
| Hibernians | 9 | 6 | 1 | 2 | 28 | 9 | 19 |
| St. Andrew's | 10 | 4 | 1 | 5 | 21 | 28 | 13 |
| Birkirkara | 11 | 3 | 4 | 4 | 7 | 19 | 13 |
| Floriana | 10 | 2 | 5 | 3 | 12 | 14 | 11 |
| San Gwann | 9 | 3 | 1 | 5 | 12 | 20 | 10 |
| Valletta | 8 | 2 | 2 | 4 | 11 | 16 | 8 |
| St. Patrick | 9 | 2 | 2 | 5 | 10 | 18 | 8 |
| Mosta | 9 | 1 | 3 | 5 | 5 | 15 | 6 |

### U19 – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Mellieha vs Qormi | pp |
| 23-Jan | Balzan Y. vs Naxxar L. | 5-3 |
| 23-Jan | Hamrun S. vs Attard | 2-2 |
| 29-Jan | Marsaxlokk vs Hamrun S. | 1-0 |
| 30-Jan | Sliema W. vs Qormi | 3-2 |
| 30-Jan | Attard vs Mgarr U. | 3-0 |
| 06-Frar | Attard vs Marsaxlokk | 4-1 |
| 10-Frar | Mgarr U. vs Sliema W. | 3-2 |
| 10-Frar | Qormi vs Balzan Y. | 3-4 |
| 10-Frar | Naxxar L. vs Mellieha | 0-0 |
| 10-Frar | Hamrun S. vs Tarxien R. | 4-0 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS B

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Attard | 11 | 7 | 3 | 1 | 24 | 12 | 24 |
| Qormi | 11 | 5 | 4 | 2 | 28 | 17 | 19 |
| Balzan Y. | 11 | | 4 | 2 | 25 | 24 | 19 |
| Marsaxlokk | 11 | 5 | 3 | 3 | 18 | 13 | 18 |
| Hamrun S. | 13 | 3 | 6 | 4 | 24 | 18 | 15 |
| Naxxar L. | 11 | 4 | 3 | 4 | 19 | 18 | 15 |
| Sliema W. | 10 | 3 | 3 | 4 | 18 | 22 | 12 |
| Mgarr U. | 10 | 2 | 3 | 5 | 15 | 24 | 9 |
| Mellieha | 10 | 2 | 3 | 5 | 11 | 20 | 9 |
| Tarxien R. | 10 | 1 | 2 | 7 | 13 | 27 | 5 |

### U19 – Sezzjoni C

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Sirens vs Zurrieq | 0-3 |
| 23-Jan | Sta. Venera L. vs Msida SJ | 0-1 |
| 29-Jan | Rabat A. vs Lija A. | 0-1 |
| 29-Jan | Sirens vs Senglea A. | 2-5 |
| 05-Frar | Rabat A. vs Zebbug R. | 5-1 |
| 06-Frar | Sta. Venera L. vs Sirens | 0-0 |
| 10-Frar | Dingli S. vs Sta. Venera L. | 3-1 |
| 10-Frar | Lija A. vs Zurrieq | 2-3 |
| 12-Frar | Senglea A. vs Rabat A. | 1-3 |
| 12-Frar | Msida SJ vs Zebbug R. | 3-2 |
| 13-Frar | Pembroke A. vs Sirens | 4-1 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS C

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Msida SJ | 13 | 9 | 3 | 1 | 25 | 15 | 30 |
| Rabat A. | 13 | 9 | 2 | 2 | 32 | 10 | 29 |
| Senglea A. | 13 | 7 | 1 | 5 | 37 | 24 | 22 |
| Pembroke A. | 13 | 5 | 4 | 4 | 32 | 20 | 19 |
| Zurrieq | 12 | 4 | 5 | 3 | 28 | 27 | 17 |
| Lija A. | 12 | 5 | 1 | 6 | 22 | 29 | 16 |
| Zebbug R. | 12 | 4 | 2 | 6 | 32 | 26 | 14 |
| St. Venera L. | 13 | 2 | 4 | 6 | 16 | 26 | 13 |
| Sirens | 13 | 2 | 3 | 8 | 23 | 49 | 9 |
| Dingli S. | 12 | 1 | 3 | 8 | 21 | 42 | 6 |

### U19 – Sezzjoni D

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Xghajra T. vs Zejtun C. | 0-3 |
| 29-Jan | Birzebbuga SP vs Siggiewi | 0-1 |
| 30-Jan | Santa Lucia vs Zejtun C. | 1-3 |
| 30-Jan | Gudja U. vs Luqa St. Andrew's | w/o |
| 05-Frar | Fgura U. vs Vittoriosa S. | 6-2 |
| 05-Frar | Kalkara vs Mqabba | 1-0 |
| 05-Frar | Mtarfa vs Marsa | 4-0 |
| 10-Frar | Siggiewi vs St. George's | 2-0 |
| 10-Frar | Kirkop U. vs Gzira U. | 1-3 |
| 12-Frar | Birzebbuga SP vs Xghajra T. | 5-1 |
| 12-Frar | Zejtun C. vs Mtarfa | 0-1 |
| 13-Frar | Mqabba vs Gudja U. | 0-4 |

### KLASSIFIKA - YOUTHS D

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gudja U. | 11 | 9 | 2 | 0 | 40 | 7 | 29 |
| Siggiewi | 11 | 7 | 3 | 1 | 28 | 9 | 24 |
| Zejtun C. | 11 | 7 | 2 | 2 | 28 | 9 | 23 |
| Mtarfa | 11 | 7 | 2 | 2 | 33 | 15 | 23 |
| Kalkara | 11 | 7 | 2 | 2 | 29 | 17 | 23 |
| Kirkop U. | 10 | 6 | 0 | 4 | 31 | 13 | 18 |
| Vittoriosa S. | 8 | 6 | 0 | 2 | 24 | 16 | 18 |
| Gzira U. | 10 | 5 | 0 | 5 | 2 | 14 | 15 |
| Birzebbuga SP | 10 | 5 | 0 | 5 | 23 | 18 | 15 |
| Fgura U. | 9 | 5 | 0 | 4 | 20 | 20 | 15 |
| Xgħajra T. | 11 | 4 | 2 | 5 | 18 | 24 | 14 |
| Marsa | 9 | 3 | 2 | 4 | 15 | 12 | 11 |
| Mqabba | 11 | 3 | 1 | 7 | 17 | 31 | 10 |
| Għaxaq | 10 | 2 | 0 | 8 | 8 | 37 | 6 |
| St. Lucia | 10 | 1 | 1 | 8 | 7 | 34 | 4 |
| St. George's | 9 | 0 | 1 | 8 | 7 | 27 | 1 |
| Luqa SA | 10 | 0 | 0 | 10 | 0 | 46 | 0 |

### U17 - Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Sliema W. vs St. Andrews | 0-3 |
| 23-Jan | Melita vs Floriana | 1-1 |
| 23-Jan | Mosta vs Birkirkara | 0-2 |
| 29-Jan | San Gwann vs Paola H. | 0-3 |
| 29-Jan | Pietà H. vs Valletta | 0-6 |
| 29-Jan | St. Andrews vs Melita | 0-1 |
| 29-Jan | Floriana vs Qormi | 3-0 |
| 30-Jan | Melita vs Mosta | xx |
| 05-Frar | Hamrun S. vs Sliema W. | 1-0 |
| 05-Frar | Paola H. vs Qormi | 7-0 |
| 06-Frar | St. Andrews vs Birkirkara | 2-3 |
| 06-Frar | Floriana vs San Gwann | 0-3 |
| 12-Frar | Sliema W. vs Valletta | 2-1 |
| 12-Frar | Paola H. vs Floriana | 3-0 |
| 12-Frar | San Gwann vs Qormi | 3-1 |
| 13-Frar | Hamrun S. vs Pietà H. | 0-2 |
| 13-Frar | Mosta vs St. Andrews | 0-2 |

### KLASSIFIKA - U/17 A

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 14 | 11 | 2 | 1 | 48 | 17 | 35 |
| Valletta | 13 | 11 | 1 | 1 | 32 | 4 | 34 |
| Pietà H. | 13 | 9 | 0 | 4 | 31 | 17 | 27 |
| St. Andrew's | 14 | 8 | 1 | 5 | 25 | 16 | 25 |
| Mosta | 13 | 6 | 1 | 6 | 23 | 17 | 19 |
| Paola H. | 14 | 6 | 1 | 7 | 21 | 15 | 19 |
| Floriana | 14 | 5 | 4 | 5 | 22 | 19 | 19 |
| San Gwann | 14 | 5 | 2 | 7 | 20 | 26 | 17 |
| Sliema W. | 13 | 5 | 0 | 8 | 18 | 26 | 15 |
| Hamrun S. | 13 | 4 | 2 | 7 | 22 | 20 | 14 |
| Melita | 13 | 3 | 1 | 9 | 12 | 34 | 10 |
| Qormi | 14 | 0 | 1 | 13 | 3 | 66 | 1 |

### U17 – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Tarxien R. vs Lija/Iklin | 2-1 |
| 23-Jan | St. Patrick vs Marsaxlokk | 8-0 |
| 29-Jan | Balzan Y. vs Tarxien R. | 2-2 |
| 30-Jan | Mellieha vs Naxxar L. | 0-2 |
| 30-Jan | St. Patrick vs Pembroke A. | 2-4 |
| 05-Frar | Marsaxlokk vs Attard | 0-2 |
| 06-Frar | Mellieha vs Rabat A. | 0-1 |
| 06-Frar | Balzan Y. vs Marsa | 1-3 |
| 10-Frar | Pembroke A. vs Marsaxlokk | 5-0 |
| 10-Frar | Attard vs St. Patrick | 2-1 |
| 12-Frar | Lija/Iklin vs Balzan Y. | 0-2 |
| 12-Frar | Marsa vs Tarxien R. | 1-1 |
| 13-Frar | Rabat A. vs Naxxar L. | 0-0 |

### KLASSIFIKA - U/17 B

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke A. | 13 | 10 | 2 | 1 | 54 | 11 | 32 |
| Rabat D. | 12 | 9 | 2 | 1 | 31 | 9 | 29 |
| St. Patrick | 13 | 7 | 2 | 4 | 27 | 18 | 23 |
| Attard | 13 | 7 | 2 | 4 | 20 | 16 | 23 |
| Tarxien R. | 13 | 6 | 4 | 3 | 21 | 19 | 22 |
| Naxxar L. | 12 | 4 | 6 | 2 | 21 | 10 | 18 |
| Marsa | 13 | 4 | 2 | 6 | 22 | 16 | 15 |
| Balzan Y. | 13 | 3 | 3 | 7 | 15 | 26 | 12 |
| Mellieha | 12 | 3 | 2 | 7 | 12 | 24 | 11 |
| Lija/Iklin | 13 | 2 | 3 | 8 | 14 | 32 | 9 |
| Marsaxlokk | 13 | 0 | 1 | 12 | 8 | 64 | 1 |

### U17 – Sezzjoni C1

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Fgura U. vs Zebbug R. | 1-2 |
| 23-Jan | Mgarr U. vs Senglea A. | 2-0 |
| 30-Jan | Gzira U. vs Xghajra T. | 5-3 |
| 05-Frar | Senglea A. vs Msida SJ | 1-5 |
| 06-Frar | Gzira U. vs Fgura U. | 1-2 |
| 06-Frar | Zebbug R. vs Xghajra T. | 1-0 |
| 10-Frar | Fgura U. vs Msida SJ | 0-8 |
| 10-Frar | Senglea A. vs Zebbug R. | 2-7 |
| 13-Frar | Xghajra T. vs Mgarr U. | 0-2 |

### KLASSIFIKA - U/17 C1

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 10 | 9 | 0 | 1 | 39 | 9 | 27 |
| Msida SJ | 10 | 8 | 1 | 1 | 43 | 11 | 25 |
| Mgarr U. | 10 | 7 | 0 | 3 | 23 | 13 | 21 |
| Gzira U. | 10 | 6 | 2 | 2 | 32 | 14 | 20 |
| Senglea A. | 11 | 2 | 1 | 8 | 13 | 44 | 7 |
| Xghajra T. | 11 | 1 | 0 | 10 | 13 | 55 | 3 |
| Fgura U. | 10 | 0 | 2 | 8 | 7 | 24 | 2 |

### U17 - Sezzjoni C2

| | | |
|---|---|---|
| 29-Jan | Zejtun C. vs St. Venera U. | 3-1 |
| 05-Frar | Birzebbuga W. vs Zejtun C. | 4-1 |
| 05-Frar | Għaxaq vs Luqa SA | 1-2 |
| 06-Frar | Vittoriosa S. vs Mqabba | 1-5 |
| 12-Frar | Vittoriosa S. vs St. Venera U. | 1-4 |
| 13-Frar | Luqa SA vs Birzebbuga W. | o/w |
| 13-Frar | Zejtun C. vs Għaxaq | 4-0 |

### KLASSIFIKA - U/17 C2

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B'Buga W. | 10 | 8 | 1 | 1 | 38 | 10 | 25 |
| Zejtun C. | 11 | 7 | 3 | 1 | 34 | 15 | 24 |
| Mqabba | 10 | 7 | 1 | 2 | 33 | 11 | 22 |
| St. Venera | 10 | 6 | 1 | 3 | 24 | 18 | 19 |
| Vittoriosa S. | 10 | 3 | 0 | 7 | 17 | 24 | 9 |
| Ghaxaq | 10 | 1 | 0 | 9 | 6 | 30 | 3 |
| Luqa SA | 11 | 1 | 0 | 10 | 8 | 52 | 3 |

### U17 – Sezzjoni C3

| | | |
|---|---|---|
| 30-Jan | St. George's vs Siggiewi | o/w |
| 06-Frar | Siggiewi vs Dingli S. | 2-3 |
| 13-Frar | Zurrieq vs Santa Lucia | 1-5 |

### KLASSIFIKA - U/17 C3

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Dingli S. | 10 | 7 | 1 | 2 | 28 | 12 | 22 |
| St. Lucia | 10 | 6 | 1 | 3 | 19 | 10 | 19 |
| Siggiewi | 10 | 5 | 2 | | 29 | 20 | 17 |
| Sirens | 8 | 5 | 1 | 2 | 17 | 7 | 16 |
| Zurrieq | 9 | 2 | 0 | 7 | 15 | 26 | 6 |
| St. George's | 7 | 2 | 0 | 5 | 5 | 29 | 6 |
| Gudja U. | 8 | 1 | 1 | 6 | 5 | 14 | 4 |

### U15 - Sezzjoni A

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Paola H. vs Hamrun S. | 2-0 |
| 23-Jan | Naxxar L. vs Melita | 0-4 |
| 30-Jan | Paola H. vs St. Patrick | 4-2 |
| 30-Jan | Birkirkara vs Pietà H. | 0-4 |
| 30-Jan | Hamrun S. vs Mosta | 1-1 |
| 30-Jan | Valletta vs St. Andrews | 0-1 |
| 30-Jan | Naxxar L. vs Sliema W. | 0-3 |
| 30-Jan | Melita vs Floriana | 3-2 |
| 05-Frar | Floriana vs Naxxar L. | 3-0 |
| 05-Frar | Pietà H. vs Valletta | 0-2 |
| 06-Frar | St. Patrick vs Hamrun S. | 0-1 |
| 10-Frar | Sliema W. vs Melita | 0-4 |
| 10-Frar | St. Andrews vs Birkirkara | 2-3 |
| 10-Frar | Naxxar L. vs Pietà H. | 2-6 |
| 10-Frar | Mosta vs Paola H. | 0-2 |
| 13-Frar | Birkirkara vs Mosta | 3-1 |
| 13-Frar | Hamrun S. vs Floriana | 1-1 |
| 13-Frar | Valletta vs St. Patrick | 0-1 |
| 13-Frar | Paola H. vs Sliema W. | 0-1 |

### KLASSIFIKA - U/15 A

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Melita | 14 | 11 | 1 | 2 | 33 | 9 | 34 |
| Pietà H. | 14 | 9 | 4 | 1 | 33 | 15 | 31 |
| Sliema W. | 15 | 9 | 1 | 5 | 27 | 18 | 28 |
| St. Andrew's | 14 | 8 | 3 | 3 | 26 | 11 | 27 |
| Valletta | 15 | 8 | 3 | 4 | 21 | 10 | 27 |
| Paola H. | 15 | 7 | 3 | 5 | 26 | 20 | 24 |
| Floriana | 15 | 6 | 3 | 6 | 26 | 24 | 21 |
| Birkirkara | 15 | 5 | 3 | 7 | 23 | 26 | 18 |
| Hamrun S. | 15 | 3 | 5 | 7 | 17 | 26 | 14 |
| Mosta | 15 | 3 | 3 | 9 | 14 | 25 | 12 |
| St. Patrick | 15 | 1 | 4 | 10 | 16 | 37 | 7 |
| Naxxar L. | 14 | 1 | 1 | 12 | 5 | 46 | 4 |

### U15 – Sezzjoni B

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Zejtun C. vs Rabat A. | 1-1 |
| 23-Jan | Qormi vs Pembroke A. | 1-2 |
| 23-Jan | Attard vs Tarxien R. | 1-0 |
| 29-Jan | Marsa vs San Gwann | 0-6 |
| 29-Jan | Gzira U. vs Msida SJ | 1-1 |
| 05-Frar | Msida SJ vs Marsa | 1-0 |
| 06-Frar | Pembroke A. vs Zejtun C. | 4-0 |
| 06-Frar | Rabat A. vs Qormi | 0-3 |
| 06-Frar | San Gwann vs Gzira U. | 2-0 |
| 06-Frar | Gozo vs Mellieha | 0-0 |
| 10-Frar | Attard vs San Gwann | 1-3 |
| 10-Frar | Marsa vs Pembroke A. | 0-3 |
| 10-Frar | Gzira U. vs Rabat A. | 0-3 |
| 10-Frar | Tarxien R. vs Mellieha | 1-2 |
| 13-Frar | Gozo vs Attard | 2-3 |

### KLASSIFIKA - U/15 B

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| San Gwann | 15 | 13 | 0 | 2 | 49 | 5 | 39 |
| Pembroke A. | 15 | 13 | 0 | 2 | 46 | 13 | 39 |
| Mellieha | 14 | 8 | 4 | 2 | 46 | 20 | 28 |
| Qormi | 14 | 8 | 1 | 5 | 32 | 21 | 25 |
| Gozo FC | 14 | 7 | 2 | 5 | 38 | 16 | 23 |
| Attard | 15 | 7 | 1 | 7 | 36 | 27 | 22 |
| Tarxien R. | 14 | 5 | 3 | 6 | 20 | 20 | 18 |
| Msida SJ | 14 | 5 | 3 | 6 | 17 | 24 | 18 |
| Rabat D. | 15 | 5 | 2 | 8 | 25 | 31 | 17 |
| Zejtun C. | 14 | 4 | 2 | 8 | 15 | 34 | 14 |
| Gzira U. | 15 | 1 | 2 | 12 | 14 | 56 | 5 |
| Marsa | 15 | 0 | 2 | 13 | 11 | 82 | 2 |

### U15 – Sezzjoni C1

| | | |
|---|---|---|
| 22-Jan | Siggiewi vs St. George's | 3-1 |
| 30-Jan | Siggiewi vs Gudja U. | 4-1 |
| 30-Jan | Lija/Iklin vs Zebbug R. | 3-4 |
| 12-Frar | Marsaxlokk vs St. George's | 1-1 |
| 12-Frar | Senglea A. vs Sirens | 1-4 |

### KLASSIFIKA - U/15 C1

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 10 | 8 | 1 | 1 | 42 | 12 | 25 |
| Siggiewi | 10 | 8 | 0 | 2 | 45 | 21 | 24 |
| Lija/Iklin | 10 | 6 | 1 | 3 | 29 | 12 | 19 |
| Sirens | 10 | 6 | 1 | 3 | 23 | 16 | 19 |
| Gudja U. | 10 | 5 | 0 | 5 | 31 | 18 | 15 |
| St. George's | 10 | 2 | 2 | 6 | 13 | 33 | 8 |
| Senglea A. | 10 | 2 | 0 | 8 | 7 | 26 | 6 |
| Marsaxlokk | 10 | 0 | 1 | 9 | 6 | 48 | 1 |

### U15 - Sezzjoni C2

| | | |
|---|---|---|
| 29-Jan | Luqa SA vs Xghajra T. | 1-1 |
| 12-Frar | Ghaxaq vs Luqa SA | 0-4 |

### KLASSIFIKA - U/15 C2

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mgarr U. | 8 | 7 | 1 | 0 | 30 | 2 | 22 |
| Zurrieq | 7 | 5 | 1 | 1 | 23 | 2 | 16 |
| Luqa SA | 8 | 4 | 2 | 2 | 24 | 10 | 14 |
| Dingli S. | 8 | 3 | 1 | 4 | 15 | 10 | 10 |
| Xgħajra T. | 8 | 2 | 3 | 3 | 6 | 10 | 9 |
| Balzan Y. | 7 | 1 | 1 | 5 | 9 | 25 | 4 |
| Għaxaq | 9 | 1 | 0 | 8 | 3 | 51 | 3 |

### U15 - Sezzjoni C3

| | | |
|---|---|---|
| 29-Jan | Mqabba vs Birzebbuga W. | 0-4 |
| 29-Jan | St. Venera U. vs Kirkop U. | 1-3 |
| 29-Jan | Vittoriosa S. vs Fgura U. | 1-2 |

### KLASSIFIKA - U/15 C3

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kirkop U. | 6 | 6 | 0 | 0 | 28 | 2 | 18 |
| Fgura U. | 6 | 4 | 1 | 1 | 16 | 6 | 13 |
| Birżebbuga W. | 6 | 4 | 0 | 2 | 21 | 5 | 12 |
| St. Venera | 6 | 2 | 2 | 2 | 9 | 7 | 8 |
| Vittoriosa S. | 6 | 2 | 0 | 4 | 12 | 26 | 6 |
| Mqabba | 6 | 1 | 1 | 4 | 5 | 13 | 4 |
| Kalkara | 6 | 0 | 0 | 6 | 3 | 35 | 0 |

### Kampjonat Nisa - I Diviżjoni

| | | |
|---|---|---|
| 23-Jan | Gozo vs Raiders (Luxol) | 2-0 |
| 25-Jan | Mosta vs Hibernians | 2-1 |
| 25-Jan | Birkirkara vs Mgarr U. | 3-0 |
| 01-Frar | Gozo vs Mosta | 1-5 |
| 01-Frar | Raiders (Luxol) vs Mgarr U. | 1-0 |
| 02-Frar | Birkirkara vs Hibernians | 0-0 |
| 09-Frar | Mgarr U. vs Gozo | 0-2 |
| 15-Frar | Hibernians vs Raiders (Luxol) | 3-0 |
| 16-Frar | Mosta vs Birkirkara | 1-0 |

### KLASSIFIKA - I DIVIŻJONI

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mosta | 11 | 10 | 0 | 1 | 34 | 6 | 30 |
| Birkirkara | 12 | 7 | 2 | 3 | 31 | 11 | 23 |
| Hibernians | 12 | 7 | 2 | 3 | 26 | 7 | 23 |
| Gozo FC | 11 | 4 | 1 | 6 | 17 | 33 | 13 |
| Raiders L. | 12 | 2 | 2 | 8 | 5 | 30 | 8 |
| Mgarr U. | 12 | 0 | 3 | 9 | 3 | 29 | 3 |

### Kampjonat Nisa - II Diviżjoni

| | | |
|---|---|---|
| 26-Jan | Tarxien R. vs Kirkop U. | 0-0 |
| 26-Jan | Pembroke A. vs Lija / Iklin | 5-1 |
| 02-Frar | Melita vs Sta. Venera YB | 1-3 |
| 08-Frar | Kirkop U. vs Zurrieq | 0-1 |
| 08-Frar | Sta. Venera YB vs Hamrun S. | 1-1 |
| 09-Frar | Lija / Iklin vs Tarxien R. | 1-2 |
| 15-Frar | Marsa vs Pembroke A. | 5-4 |
| 16-Frar | Kirkop U. vs Melita | 3-1 |

### KLASSIFIKA - II DIVIŻJONI

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke A. | 9 | 7 | 1 | 1 | 40 | 9 | 22 |
| Marsa | 9 | 7 | 1 | 1 | 22 | 13 | 22 |
| St. Venera | 10 | 6 | 2 | 2 | 18 | 12 | 20 |
| Hamrun S. | 9 | 4 | 2 | 3 | 13 | 12 | 14 |
| Kirkop U. | 11 | 3 | 5 | 3 | 18 | 18 | 14 |
| Zurrieq | 10 | 3 | 4 | 3 | 13 | 12 | 13 |
| Melita | 11 | 1 | 5 | 5 | 9 | 17 | 8 |
| Tarxien R. | 9 | 1 | 1 | 7 | 5 | 20 | 4 |
| Lija/Iklin | 10 | 1 | 1 | 8 | 17 | 37 | 4 |






L-iskola tal-Futsal tiltaqa' mat-tim nazzjonali A tal-Futsal

# Me + Futsal = Fun

**Huwa fatt magħruf li l-futsal huwa wieħed mill-aktar sports li qegħdin jikbru b'rata mgħaġġla fid-dinja sportiva. Din mhijiex daqstant sorprendenti meta wieħed iqis li l-futsal ma huwa xejn ħlief verżjoni tal-futbol aktar ikkonċentrata, b'aktar azzjonijiet, intensità u aktar gowls.**

Biex jiġi żgurat li dan l-isport jibqa' jikber bl-istess mod, hemm bżonn ta' pjan serju ta' żvilupp li jrid bilfors jinkludi lit-tfal li huma l-ġenerazzjoni tal-futur. F'din l-edizzjoni, nixtieq nagħmel analiżi proprju dwar l-iżvilupp tal-futsal fost it-tfal żgħar tagħna - x'sar diġà, x'qed isir u x'nistgħu nagħmlu iżjed fil-futur.

Waħda mill-ewwel ħolmiet li kellu Michal Striz, l-ewwel kowċ nazzjonali tal-futsal appena wasal hawn Malta, kienet li l-futsal jiddaħħal fl-iskejjel tagħna. Għal dan il-għan, kien ħejja pjan bejn id-dipartiment tekniku tal-MFA, il-Ministeru tal-Isport, Żgħażagħ u Kultura, u l-Isport Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Isport. Dan il-pjan kien wassal biex ittella' għall-ewwel darba Futsal Festival fis-Centenary Stadium, Ta' Qali, li fih ħadu sehem studenti, kemm subien u anke bniet, minn diversi skejjel primarji u sekondarji minn madwar Malta u Għawdex kollha.

Dan il-Futsal Festival kellu l-iskop li jitqajjem interess dwar dak li kien għadu qed jissejjaħ 'five-a-side' fost dawn it-tfal, b'mod organizzat u edukattiv. Din l-attività tant kienet intlaqgħet tajjeb mill-istudenti li ħadu sehem fiha, li minn hemm 'il quddiem, il-Futsal Festival daħal bħala appuntament fiss fil-kalendarju sportiv tal-iskejjel tagħna.

Illum, tliet snin wara, dan l-ewwel Futsal Festival, il-kowċ nazzjonali Vic Hermans, qiegħed ikompli jibni fuq dawk li kienu l-ewwel passi billi ġiet intensifikata l-attenzjoni mogħtija proprju lil dawn il-Futsal Festivals.

Għall-ewwel darba din is-sena, minflok fis-Centenary Ground, il-finali tal-Festival ġew imtella' fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. Dan ifisser li l-logħob kollu ta' dawn il-finali sar ġewwa (fil-magħluq), fuq pitch ta' livell internazzjonali, li fih jittellgħu b'mod regolari logħob tal-futsal tal-ogħla livell lokali fosthom anke kompetizzjonijiet tal-UEFA.

Għall-ewwel darba wkoll, il-logħob ġew ikkontrollati minn referis tal-Futsal tal-MFA, li ħadu l-opportunità biex jgħallmu lil dawn iż-żgħar tagħna r-regoli bażiċi tal-logħba u jkattru fihom sens ta' sportività u dixxiplina.

Mis-suċċess tal-Futsal Festivals, jidher li beda jintlaħaq il-għan li kemm jista' jkun tfal fis-sistema edukattiva tagħna, jiġu esposti għall-isport tal-futsal. Issa, però, imiss li nimxu pass 'il quddiem. Dawn it-tfal li qegħdin jitgħallmu dwar il-futsal, u jixtiequ jibdew jipprattikawh, fejn ser jmorru? Min qiegħed joffri sistema ta' nurseries tal-futsal?

Hawnhekk jidher li għadna kemmxejn lura. Bdew jitfaċċaw l-ewwel skejjel tal-futsal li qegħdin joffru dan is-servizz, fosthom il-Malta Futsal School, li qed taħdem id f'id mal-MFA f'dan is-sens. L-isforzi u l-inizjattivi ta' dawn l-iskejjel, partikolarment tal-imsemmija Malta Futsal School huma notevoli u ta' min ifaħħarhom.

Riċentement, it-tfal li jattendu din l-iskola ingħataw l-opportunità li jattendu u



jippartecipaw, fil-UEFA Futsal EURO 2012, li ġiet organizzata proprju fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. It-tfal iltaqgħu u tħalltu liberalment mal-plejers tat-timijiet nazzjonali li pparteċipaw f'dan it-tornew.

Esperjenza unika li tat idea mill-qrib lil dawn it-tfal kienet it-tifsira li tkun atleta f'dan il-livell. Jiena ngħid li dawn huma tfal ixxurtjati ħafna li, minn età daqshekk żgħira, għandhom dawn l-opportunitajiet jiġru warajhom, però, min-naħa l-oħra nifhem ukoll li dan mhuwiex biżżejjed.

Naħseb li issa wasal iż-żmien li navvanzaw pass ieħor 'il quddiem. Wasal iż-żmien li jsir pjan fuq livell nazzjonali fejn il-klabbs membri tal-MFA, li diġà għandhom strutturi ta' nurseries funzjonanti, jiddaħħlu sħab f'dan il-proġett tal-futsal.

Waħda mill-ewwel affarijiet li jistgħu faċilment isiru, per eżempju u dejjem fl-opinjoni tiegħi, hija li jiġu mwaqqfa kampjonati tal-futsal għat-tfal bejn l-14 u is-17-il sena. Dawn il-kampjonati jistgħu joħolqu struttura li minnha jibbenifika kulħadd, kemm il-klabbs membri tal-MFA stess u anke l-komunità tal-futsal li, ta' min jgħid, s'issa għad m'għandhiex tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena.

Nagħlaq billi nġib eżempju żgħir bi plejer lokali li diġà bbenefika mill-koperazjoni bejn futsal u futbol. Rowen Muscat, plejer żagħżugħ ta' Birkirkara, beda jittrenja mat-tim nazzjonali tal-futsal meta kellu madwar 16-il sena. Illum, sentejn wara, kulħadd jaf kif dan il-plejer stabbilixxa ruħu fix-xena tal-futbol u kif kien ta' kontribut siewi għall-klabb tiegħu fir-rebħ tal-kampjonat tas-sena l-oħra.

Jekk verament nemmnu li l-futsal jista' jgħin lit-tfal tagħna jiżviluppaw talenti tekniċi raffinati li jgħinuhom anke f'karriera futura fil-futbol, allura m'għandhiex tkun problema biex dan il-pass li jmiss iseħħ.

**Diviżjoni 1**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ZC Excess Futsal | 10 | 9 | 0 | 1 | 76 | 25 | 27 |
| Paola Downtown FC | 10 | 8 | 0 | 2 | 72 | 29 | 24 |
| River Plate Bidnija Futsal Club | 10 | 7 | 0 | 3 | 62 | 43 | 21 |
| Naxxar Motors Futsal | 10 | 7 | 0 | 3 | 57 | 38 | 21 |
| Luxol Amazon Cinco | 10 | 5 | 1 | 4 | 38 | 38 | 16 |
| Pentagon Prop. F.C. | 10 | 5 | 0 | 5 | 39 | 51 | 15 |
| Los Street Boyz | 10 | 3 | 0 | 7 | 33 | 47 | 9 |
| Sliema Bilboa | 10 | 2 | 0 | 8 | 41 | 64 | 6 |
| White Eagles Sliema Daikin | 10 | 2 | 0 | 8 | 24 | 65 | 6 |
| Scandals sportinmalta.com | 10 | 1 | 1 | 8 | 46 | 88 | 4 |

**Diviżjoni 2**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bianco's FC | 8 | 5 | 2 | 1 | 46 | 43 | 17 |
| Todos FC | 8 | 5 | 1 | 2 | 45 | 37 | 16 |
| Southenders Bezzina | 8 | 5 | 0 | 3 | 53 | 39 | 15 |
| Valletta St.Paul's | 8 | 5 | 0 | 3 | 44 | 32 | 15 |
| Kerygma | 8 | 4 | 2 | 2 | 35 | 32 | 14 |
| Urban Sports | 8 | 4 | 0 | 4 | 43 | 38 | 12 |
| Zurrieq FC Futsal | 7 | 3 | 3 | 1 | 42 | 30 | 12 |
| Tal-Werqa SG | 8 | 3 | 3 | 2 | 31 | 35 | 12 |
| Korol Attrans | 8 | 3 | 1 | 4 | 31 | 33 | 10 |
| Lazio Supporters Club Malta | 8 | 1 | 2 | 5 | 38 | 52 | 5 |
| Riviera FC | 8 | 1 | 0 | 7 | 37 | 50 | 3 |
| Capital Boys | 7 | 1 | 0 | 6 | 34 | 58 | 3 |

**Diviżjoni 3**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Luqa St. Andrews FC | 8 | 6 | 1 | 1 | 34 | 16 | 19 |
| Hamrun Spartans FC | 7 | 6 | 0 | 1 | 32 | 18 | 18 |
| Classics Futsal Club | 8 | 5 | 1 | 2 | 30 | 16 | 16 |
| City Boys | 8 | 5 | 1 | 2 | 28 | 20 | 16 |
| Gladiators Futsal Club | 8 | 5 | 0 | 3 | 27 | 30 | 15 |
| Zurrieq Old Boys | 8 | 5 | 0 | 3 | 20 | 21 | 15 |
| New Team Futsal Club | 8 | 4 | 2 | 2 | 20 | 16 | 14 |
| Head Hunters Futsal | 8 | 4 | 1 | 3 | 37 | 35 | 13 |
| Fugazi 5 | 7 | 3 | 0 | 4 | 20 | 22 | 9 |
| Red Marleys | 8 | 2 | 3 | 3 | 17 | 19 | 9 |
| Paola Stars Futsal Club | 8 | 2 | 1 | 5 | 26 | 26 | 7 |
| AC Trampi | 8 | 1 | 1 | 6 | 20 | 28 | 4 |
| Pieta Futsal | 8 | 0 | 2 | 6 | 13 | 34 | 2 |
| Mellieha Bobs | 8 | 0 | 1 | 7 | 19 | 42 | 1 |

**Diviżjoni 4A**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Taz-Zwejt Boys | 6 | 6 | 0 | 0 | 40 | 13 | 18 |
| Pembroke Ath FC | 7 | 5 | 0 | 2 | 41 | 22 | 15 |
| Kimmon FC | 7 | 3 | 2 | 2 | 27 | 23 | 11 |
| Birkirkara St.Joseph SC | 7 | 3 | 1 | 3 | 28 | 27 | 10 |
| Warriors | 7 | 3 | 0 | 4 | 33 | 38 | 9 |
| Team Nokia | 7 | 2 | 1 | 4 | 20 | 35 | 7 |
| Deportivo Estudentes F.C.C | 7 | 0 | 0 | 7 | 16 | 47 | 0 |

**Diviżjoni 4B**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians FC | 7 | 5 | 2 | 0 | 38 | 17 | 17 |
| Chupitos Utd | 7 | 5 | 1 | 1 | 24 | 17 | 16 |
| Charline Stars | 6 | 4 | 1 | 1 | 38 | 18 | 13 |
| Fresh Events | 7 | 4 | 0 | 3 | 26 | 24 | 12 |
| Lanzadera FC | 7 | 1 | 1 | 5 | 20 | 29 | 4 |
| Sporting Smontor | 6 | 1 | 0 | 5 | 11 | 33 | 3 |
| Real Amazon FC | 6 | 0 | 1 | 5 | 11 | 30 | 1 |

**Diviżjoni 4C**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbugin | 7 | 5 | 1 | 1 | 24 | 17 | 16 |
| St. Helen Band Club | 7 | 5 | 0 | 2 | 42 | 16 | 15 |
| Aquila | 6 | 5 | 0 | 1 | 37 | 19 | 15 |
| Boca Juniors | 7 | 4 | 0 | 3 | 30 | 29 | 12 |
| Sporting Gauchos | 7 | 2 | 0 | 5 | 24 | 33 | 6 |
| Kingmasters | 6 | 1 | 1 | 4 | 27 | 33 | 4 |
| Caracas FC | 6 | 0 | 0 | 6 | 11 | 48 | 0 |

**Diviżjoni 4D**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Demons FC | 5 | 5 | 0 | 0 | 37 | 6 | 15 |
| Sirens FC | 5 | 3 | 1 | 1 | 17 | 21 | 10 |
| Msida St. Joseph FC | 6 | 3 | 0 | 3 | 21 | 20 | 9 |
| Progress Press | 5 | 2 | 0 | 3 | 16 | 13 | 6 |
| Mgarr Utd FC | 6 | 1 | 1 | 4 | 21 | 28 | 4 |
| Gringos | 5 | 1 | 0 | 4 | 11 | 35 | 3 |

**Diviżjoni 4E**

| Team | P | W | D | L | F | A | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan Youths FC | 6 | 6 | 0 | 0 | 26 | 5 | 18 |
| Zabbar Chievo | 6 | 5 | 0 | 1 | 21 | 9 | 15 |
| Gzira U FC | 6 | 4 | 0 | 2 | 25 | 22 | 12 |
| Kirkop Utd FC | 7 | 4 | 0 | 3 | 22 | 22 | 12 |
| Fact Futsal | 6 | 2 | 0 | 4 | 17 | 18 | 6 |
| Marsaxlokk FC | 6 | 0 | 0 | 6 | 9 | 34 | 0 |
| Qormi FC | 5 | 0 | 0 | 5 | 0 | 10 | 0 |




Il-plejer ta' Birkirkara, Rowen Muscat, jiltaqa' mat-tfal tal-iskola tal-Futsal



Ritratti: Rodney Pisani

## Primavera Catania v Malta U/21




Il-formazzjoni inizjali tat-tim Malti

# "It-tieni era" ta' Ray 'Żażu' Farrugia tibda fuq nota pożittiva

Fid-9 ta' Frar, it-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena, lagħab l-ewwel partita taħt it-tmexxija tal-kowċ Ray "Żażu" Farrugia, biex din hija t-tieni darba li qed imexxi lil din il-kategorija wara li għamel dan bejn l-1998 u l-2001.

It-tim Malti lagħab kontra Catania Primavera, fi Stadio Comunale Di Pedara, u spiċċa fi draw ta' 0-0, f'konfront li ddomina għal bosta ħinijiet u li seta' wkoll ħareġ rebbieħ.

Mitlub jikkumenta li beda l-era (oħra) ġdida tiegħu fuq nota pożittiva, Ray "Żażu" Farrugia, qal:

"Ma nistax nistaqsi għal aktar. Kienet prestazzjoni brillanti li fil-verità dan il-grupp ta' plejers issorprendieni fil-pożittiv.

"Dan il-grupp jidher li huwa determinat u fuq kollox għandu attitudni ddixxiplinata li ntegra tajjeb mill-ewwel ma' xulxin.

"Kienet partita li stajna rbaħna bi skor kbir hekk kif kellna ħames ċansijiet faċli, li iżda, ma rnexxilniex nisfruttawhom. Iżda, jien, kien jimportani mill-wirja aktar mir-riżultat. Hemm prospetti sbieħ li nistgħu nibnu skwadra tajba għall-futur."

Mistoqsi jekk l-avversarji kienux xi ftit inferjuri, il-kowċ nazzjonali ta' Taħt il-21 sena, aċċenna:

"Assolutament li le. Dan it-tim jinsab jokkupa t-tieni post tal-Primavera tas-Serie A bi plejers li, fi ftit xhur oħra, jibdew jittormaw parti mill-iskwadra tal-kbar tas-Serie A (tal-Kampjonat Taljan) u għaldaqstant wieħed jista' jinnota l-livell għoli ta' dan it-tim.

"Min-naħa tal-avversarji, dawn ħadu din il-logħba b'serjetà kbira fejn niżlu bl-aħjar formazzjoni possibbli. Għaldaqstant il-fatt li ddominaw dan il-konfront għal ħinijiet twal jagħtini pjaċir doppju għax jidher li f'dan il-grupp hemm potenzjal kbir li jawgura tajjeb għall-futur."

Ir-rekord preċedenti ta' Ray Farrugia bħala kowċ ta' Taħt il-21 sena (1998-2001), kien - minn 26 partita - tliet rebħiet, sitt draws u 17-il telfa.

**09.02.2011 - 15.30 hrs**

| | |
|---|---|
| **Catania Primavera** | **0** |
| **Malta U/21** | **0** |

**Stadio Comunale Di Pedara**

**Catania Primavera** – Marco Rossi, Luca Calapai, Andrea Irrera, Marco Cuomo, Mario Bria, Marco Trovato, Luca Barberi, Counera, Alessandro Malafronte, Francesco Rapisarda, Francesco Nicastro

*Coach* – Sasà Amura

**Malta U/21** – Steve Sultana, Cleavon Cassar, Luca Martinelli, Rowen Muscat, Owen Bugeja, Kane Farrugia, Leighton Grech, Mark Scerri (c), Terence Vella, Steve Pisani, Matthew Gauci.

*Reserves*: Daniel Balzan, Jonathan Scerri, Sheldon Grech, Triston Caruana, Jean Paul Farrugia, Ismael Grech, Dylon Grima.

*Coach* – Ray "Żażu" Farrugia

**Referee** – Mhux reġistrat

**Ammoniti** – L.Grech, J.P. Farrugia (M)

**Tkeċċa** – J.P. Farrugia 84 (M)



Il-kowċ, Ray 'Żażu' Farrugia jagħti struzzjonijiet lill-plejers Maltin



Il-captains taż-żewġ timijiet flimkien mat-terna arbitrali qabel il-partita


Are you travelling this summer?
Check out how the
Maltese Embassies
can assist you.
www.foreign.gov.mt


DECORATIVE TURF
TURF TYPES
RUBBER FLOORING
FLOOD LIGHTING
FENCE AND NETTING
389
Sports Systems Ltd.
Omni Turf
THREE EIGHT NINE
LIMONTA
SPORT
INFILLPROTP
newgrass
DELUXE
SOCCERPRO
E: 389@onvol.net T: 2144 6449 W: www.389.com.mt A: 22/26 Dun Xand Cortis Street; Birkirkara - Malta


Il-Prim Ministru, Lawrence Gonzi, jikxef il-lapida kommemorattiva tal-Kumpless Sportiv

# Inawgurat uffiċjalment il-Kumpless Sportiv ta' Sliema Wanderers

Nhar is-Sibt, 12 ta' Frar, il-klabb ta' Sliema Wanderers kiteb paġna ġdida fl-istorja tiegħu hekk kif il-Kumpless Sportiv, li jinsab f'Tignè Point, ġie inawgurat b'mod uffiċjali mill-Prim Ministru, Dr. Lawrence Gonzi, fil-preżenza tal-kumitat immexxi mill-president, is-Sur Steve Abela.

Dan il-Kumpless Sportiv jikkonsisti fi grawnd 11-a-side, sala tal-konferenzi (li tista' wkoll tintuża għall-wiri ta' videos), uffiċini għall-kumitat, għall-istaff tekniku kif ukoll għan-Nursery, dressing rooms, gymnasium, faċilitajiet mediċi kif ukoll għall-fiżjoterapija u żewġ 5-a-side indoor pitches li fihom jistgħu jintlagħbu bosta dixxiplini sportivi li fost oħrajn jinkludu futsal, handball, netball, volleyball u basketball.

Barra minn hekk se jinfetħu diskussjonijiet mal-Kunsill tal-lokalità Tas-Sliema biex persuni anzjani jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-Kumpless.

Il-grawnd il-kbir, jiġifieri, dak tal-11-a side, se jkun disponibbli minn filgħodu sa filgħaxija fejn anke jista' jinkera għall-iskejjel għar-rikreazzjoni ta' kull tip. Dan il-grawnd jista' jinqasam ukoll f'diversi pitches żgħar biex jakkomoda bosta funzjonijiet fl-istess waqt.

Għal filgħaxijiet, wara li t-tfal tan-Nursery u l-ewwel skwadra jkunu għamlu t-taħriġ tagħhom, il-grawnd jibqa' miftuħ biex jinkera għal logħbiet ta' 7-a-side jew anke 11-a-side.

Għal matul tmiem il-ġimgħa, il-grawnd jista' jkun ukoll disponibbli biex jiġu organizzati tournaments ta' kull xorta.

Ta' min jinnota wkoll li se jibdew isiru taħditiet biex dawk it-timijiet li jagħmlu taħt l-isem "Sliema" u jieħdu sehem fi sport differenti, jingħaqdu taħt l-Assoċjazzjoni Sportiva ta' Sliema Wanderers.

Qabel u wara l-inawgurazzjoni uffiċjali ta' dan il-Kumpless Sportiv ġew organizzati bosta attivitajiet li fihom ħadu sehem it-tfal tan-Nursery u tfal oħrajn Slimiżi biex jikkommemoraw din il-ġurnata memorabbli.


Il-ftuħ taċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-Kumpless Sportiv u (lemin) il-Prim Ministru, Lawrence Gonzi, waqt id-diskors tiegħu






*Il-Prim Ministru, Lawrence Gonzi, jiġi ppreżentat bil-flokk ta' Sliema Wanderers, b'ismu stess, mill-president tal-klabb, Steve Abela (fin-nofs)*

Dan huwa avviż imħallas

# *Check-in on your mobile*
# HASSLE FREE



*benefits include:*
Paperless process • Choose your seat • Easy baggage drop-off • Less queuing • Save time • Check in as early as 23 hours up to 2 hours prior to departure

mobile-airmalta*com
MOBILE CHECK*IN

**Air Malta** has made its check-in even easier for its customers with the launch of the new **Mobile Check-in** service on **mobile-airmalta.com**

Passengers travelling with or without baggage can check-in on their mobile phone* from relatively anywhere. Now there's no need to print your boarding card but just present your digital mobile boarding receipt at the gate.

*This service is available on all internet capable mobile phones.

Book online
airmalta*com
No hidden charges. No credit card fees

## SportMalta Awards - L-għażliet Sportivi Nazzjonali

# Serata ta' suċċess

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Il-Kunsill Malti għall-iSport u l-Għaqda Ġurnalisti Sport ġabru flimkien il-komunità sportiva Maltija sabiex jiġu ċċelebrati l-kisbiet tal-isportivi lokali tas-sena li għaddiet waqt avveniment spettakolari li sar fis-Sala ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, nhar id-29 ta' Jannar, bit-tieni edizzjoni ta' l-Isport Malta Awards – L-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2010. Dawn l-awards huma l-aqwa avveniment sportiv tas-sena u numru eċċezzjonali ta' atleti, uffiċjali u kowċis ġew ippremjati bl-awards fosthom Massimo Cremona li rċieva l-Isport Malta Award 2010. Il-finalisti għal din is-sena rrappreżentaw 15-il dixxiplina sportiva li nkludew: l-Atletika, l-Basketball, Billiards u Snooker, Canoeing, Football, Tiġrijiet taż-Żwiemel, Judo, Sparar, Għawm, Squash, Table Football, Table Tennis, Tenpin Bowling, Triathlon u Weightlifting.

Il-mistiedna u l-atleti kellhom l-opportunità li jsegwu serata mill-aktar eċċitanti u li kienet ippreżentata mill-personalitajiet televiżivi Dorienne Grech u Chris Cauchi. Is-serata bdiet permezz ta' Hip Hop Malta li flimkien ma' diversi crews ta' breakdance u streetlock taw esibizzjoni li kienet tinvolvi madwar 20 żeffien. Id-divertiment live kien jinkludi l-Versatile Brass Band, immexxija mill-Maestro Paul Borg, u artisti mill-aqwa fosthom Kristina Casolani u Airport Impressions. Apposta għal dan l-avveniment ġew miġjuba Malta tliet artisti mill-Belġju - Ilias Zefzaf (football freestyle), Thierry Klinkenber (World Champion VVT-Bike Trial) u għat-tieni darba Antoine Jehanne (Basketball artistiku)

Il-mistieden speċjali għal dawn l-awards kien is-Sur Jean Todt, il-President tal-FIA fejn dan kellu l-opportunità jiltaqa' mal-finalisti kollha qabel iċ-ċerimonja tal-awards u ppreżenta wkoll l-Isport Malta Award lil Massimo Cremona. Is-Sur Todt inġieb Malta mill-KMS bl-għajnuna tal-Malta Motorsports Federation.

Apparti l-kategoriji tal-Għażliet Sportivi Nazzjonali li huma l-Isportiv, l-Isportiva, l-Uffiċjal, it-Tim, l-Atleta ta' Taħt is-17-il sena u għarfien speċjali lill-atleti bi bżonnijiet speċjali, il-Kunsill Malti għall-Isport ta wkoll għarfien lil dak il-Kunsill Lokali li kkontribwixxa l-aktar għall-inizjattivi sportivi fil-komunità, lill-iskola tal-Istat li ħadmet l-aktar biex tassigura li l-istudenti tagħha jipparteċipaw regolarment f'attività sportiva u huma nvoluti fl-isport, lill-Għaqda sportiva li kkontribwiet sabiex iġġib atleti barranin lejn xtutna u award speċjali għal dak l-individwu li kkontribwixxa lejn l-isport b'għarfien għal ħajja iddedikata lill-isport.















# SportMalta Awards - L-Għażliet Sportivi Nazzjonali

**L-Awards tal-KMS għall-2010 inkludew**
Local Council Recognition Award; Kunsill Lokali Birkirkara; Sport Association Recognition Award: Malta Rugby Football Union; State School Recognition Award: Kulleġġ San Benedittu.

Il-KMS tat ukoll importanza lill dawn l-avvenimenti sportivi fl-2010:

**Għarfien għall-Kayak għall-Kanċer**
Fil-15 ta' Lulju, żewġ Kayakers Maltin, Albert Gambina u Dorian Vassallo ippartecipaw fi vjaġġ biex jgħinu lil Puttinu Cares minn Mahidia fit-Tunisia u li spiċċa, f'Golden Bay, fit-22 ta' Lulju, fejn koprew total ta' 324 kilometru.

**Għarfien għall-Atleta Veteran**
Ingħata wkoll għarfien lil Alfred Debono li, fl-età ta' 62 sena, għadu jipparteċipa f'maratoni kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Fil-kategorija ta 'l fuq minn 60 sena, f'April, huwa ġie l-ewwel fil-Maratona ta' Vjenna u f'Ottubru u f'Novembru, ipparteċipa fil-maratona ta' Chicago u ġie t-tieni. Fil-maratona ta' New York huwa spiċċa fir-raba' post. Ipparteċipa wkoll fin-nofs maratona ta' Toronto u tan-Niagara Falls, fil-Kanada, fejn ġie wkoll fl-ewwel post.

**Għarfien għall-espedizzjoni Challenge 8000 fuq il-Muntanja Everest**
L-atleti Gregory Attard, Marco Cremona u Robert Gatt saru l-ewwel Maltin li rnexxielhom jitilgħu fuq il-quċċata tal-akbar muntanja għolja fid-dinja, il-Muntanja Everest, f'għoli ta' 8,848 metru. It-tim kien ukoll magħmul mill-gwida Victor Saunders u Manuel Morgado, atleta Brażiljan. L-espedizzjoni ħadet 57 ġurnata u bdiet fis-17 ta' Mejju.

**Għarfien għar-Rekord tad-Dinja: Thomas Cremona**
Fil-11 ta' Diċembru 2010, Thomas Cremona ipprova jikser ir-rekord tad-dinja ta' 20 siegħa miżmum minn Vincent Bruning fil-'Concept 2 – Longest Continual Row' – kategorija heavyweight waqt attività biex tiġbor il-fondi għal Puttinu Cares. Thomas irnexxielu jagħmel dan ir-rekord ġdid ta' 24 siegħa.

**Michael Aquilina u l-Imħallef Gino Camilleri**
Waqt iċ-ċerimonja tal-awards – żewġ awards oħra ġew ippreżentati bħala għarfien speċjali. Waħda lill-familja ta' Dr. Michael Aquilina għall-kontribut tiegħu lejn l-isport lokali u l-oħra lill-Imħallef Gino Camilleri għall-ħajja ddedikata lill-isport.

Ir-riżultati tal-kategoriji kollha għall-Għażliet Sportivi Nazzjonali, 2010, li huma deċiżi mill-membri ta' l-Għaqda Ġurnalisti Sports bi proċedura tal-voti kienet is-sussegwenti:

**Sportiv tas-Sena**
**Rebbieħ:** Andrè Schembri (Football) 257 punt. Membru regolari tat-tim Ferencvaros fl-Ungerija fejn skorja wkoll hat-trick f'waħda mill-logħbiet tal-Kampjonat. Membru tat-tim Nazzjonali Malti.
*Tieni post:* Massimo Cremona (Table Football) 234 punt
*Tielet post:* William Chetcuti (Sparar) 206 punt
Mario Bonello (Atletika) 190 punt
Chris Camilleri (canoeing) 148 punt

**Sportiva tas-Sena**
**Rebbieħa:** Danica Bonello Spiteri (Triathlon) 241 punt; Rebbieħa tat-tielet post fil-kategorija tan-nisa Amateur World Time Trial Championship. Rebbieħa fil-kategorija tal-età tagħha (25-49 u ġiet il-ħames fl-ITV World Series f'Madrid. Fit-Triathlon ġiet l-ewwel fis-serje Birkirkara SC Triathlon Series, rebbieħa tal-midalja tad-deheb mat-tim Malti fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u spiċċat il-ħames fil-kompetizzjoni ndividwali.
*Tieni post:* Rebecca Brincat Thoresen (Basketball) 234 punt
*Tielet post:* Sue Abela (Bowling) 206 punt
Nicola Borg Costanzi (Canoeing) 181 punt
Davina Mangion (Għawm) 173 punt

**Uffiċjal tas-Sena**
Silvio Catania (Table Football) 247 punt; Ġie elett president tal-International Table Football Federation, Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Maltija u wieħed mill-organizzaturi prinċipali tal-Grand Prix Internazzjonali li sar f'Malta.
Esther Azzopardi (Football) 244 punt
Joe Caruana Curran (Billiards u Snooker) 236 punt
Jesmond Caruana (Weightlifting) 211 punt

**Tim tas-Sena**
**Rebbieħ:** Table Football Team 267 punt; Rebaħ il-Kampjonati tad-Dinja li saru fil-Ġermanja billi għelbu lill-Belġju fil-finali (Mark Gauci Captain, Massimo Cremona, Derek Conti, Samuel Bartolo, Charles Aquilina, Joe Borg Bonaci u Hansel Mallia).
*Tieni post:* Basketball Team tan-Nisa 247 punt
*Tielet post:* Team sewwieqa tiġrijiet taż-żwiemel 180 punt
Clive Farrugia u Darren Vella (Sparar) 175 punt
Triathlon Team 166 punt

**Kategorija Taħt is-17-il sena**
**Rebbieħ:** Daniel Bajada (Table Tennis) 234 punt; Rebaħ ħames senior ranking tournaments, wasal fl-aħħar 16, fil-Malta Junior Open ITTF; rebaħ iċ-Cervia International Open; rebaħ in-National Championships; jilgħab fis-Serie B fl-Italja ma' ASA Facciola u rebaħ titlu tas-singles organizzat mill-Federazzjoni Taljana f'Tervino.
Nikki Muscat (Għawm) 223 punt
Colette Sultana (Squash) 203 punt
Mark Sammut (Għawm) 202 punt
Jeremy Saywell (Judo) 173 punt

**Għarfien għall-Atleti bi bżonnijiet speċjali:**
Angele Azzopardi – kienet prominenti fil-bowling waqt l-istaġun tal-kompetizzjonijiet ta' l-iSpecial Olympics, rebħet il-midalja tad-deheb fid-doubles u l-midalja tal-fidda fil-kompetizzjonijiet individwali u mħallta fl-Ispecial Olympics Ewropej li saru fil-Polonja.

Dalli Claudio - Kien prominenti fl-atletika waqt l-istaġun f'attivitajiet li saru mill-Ispecial Olympics; rebaħ ukoll il-midalja tad-deheb mat-tim tal-relay u żewġ midalji tal-fidda fl-1500 u l-5000 metru fl-aħħar Special Olympics Ewropej li saru fil-Polonja.

**Avveniment Sportiv tas-Sena**
Kien hemm ukoll żewġ awards oħra li ġew żvelati dakinhar li kienu l-Avveniment Sportiv tas-Sena li ġie ppreżentat lill-Malta Amateur Athletics Association.

**Fr Hilary Tagliaferro**
L-għarfien speċjali lill-ġurnalist sportiv li kkontribwixxa lil dan il-ġeneru matul ħajtu mar għand Fr Hilary Tagliaferro.

**SportMalta Award**
Massimo Cremona li ġie t-tieni fil-kategorija Sportiv tas-Sena ħareġ rebbieħ fl-Isport Malta Award u kien ippreżentat bit-trofew mill-Onorevoli Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u s-Sur Jean Todt, il-President tal-FIA. Massimo li huwa plejer fil-qasam tat-Table Football kellu sena ta' suċċessi, fl-2010, fejn kien membru tat-tim Malti li rebaħ il-kampjonati mondjali kif ukoll spiċċa t-tielet fil-kompetizzjoni ndividwali tal-istess kampjonati. Kien ukoll membru tat-tim Taljan Filli Bari Reggione li rebaħ iċ-Champions League u lagħab f'kull partita. Bl-istess tim Taljan huwa spiċċa t-tielet fil-World Open Championship.

## SportMalta Award – Riżultat finali:

| Atleta | Ġurnalisti voti 40% | Presidenti voti 40% | Pubbliku vot 20% | Total Punti | Klassifika |
|---|---|---|---|---|---|
| Massimo Cremona (Table Football) | 4.52 | 7.80 | 4.145 | 16.47 | 1 |
| Danica Bonello Spiteri (Triathlon) | 4.66 | 6.84 | 3.947 | 15.44 | 2 |
| Mario Bonello (Atletika) | 3.67 | 8.80 | 2.550 | 15.02 | 3 |
| Nicola Borg Costanzi (Canoeing) | 3.50 | 4.88 | 1.653 | 10.03 | 4 |
| Andre Schembri (Futbol) | 4.97 | 2.92 | 1.813 | 9.70 | 5 |
| William Chetcuti (Sparar) | 3.98 | 2.92 | 1.228 | 8.13 | 6 |
| Davina Mangion (Għawm) | 3.34 | 1.96 | 2.389 | 7.69 | 7 |
| Rebecca Brincat Thoresen (Basketball) | 4.52 | 2.92 | 0.142 | 7.58 | 8 |
| Sue Abela (Ten Pin Bowling) | 3.98 | 0.96 | 0.189 | 5.13 | 9 |
| Christopher Camilleri (Canoeing) | 2.86 | 0.00 | 1.945 | 4.81 | 10 |
| Total | 40.00 | 40.00 | 20.00 | 100.00 | |



# Aktar assistenza mill-Gvern u l-KMS lejn l-għaqdiet sportivi





Matul l-2010, il-Kunsill Malti għall-iSport irreġistra 295 Għaqda sportiva, żieda ta' aktar minn 100 Għaqda sportiva fuq l-2008. L-Għaqdiet sportivi qed jibbenefikaw minn €5.5 miljun fis-sena; infetħu l-Open Air Fitness Centre u 16-il pitch tal-futbol b'wiċċ sintetiku ġdid; tkompliet il-firxa tal-programmi sportivi fost id-diversi setturi tas-soċjetà tagħna u issa qed nilħqu eluf ta' tfal u żgħażagħ, u permezz tal-iskema ta' Turiżmu Sportiv, kważi rdoppjaw l-bednights ta' sportivi u uffiċjali li ġew lejn pajjiżna.

Dawn il-miljiet kienu elenkati mill-Onor. Clyde Puli, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, meta kien qed jitkellem waqt Business Breakfast għall-uffiċjali tal-Għaqdiet Sportivi Nazzjonali. Waqt din l-attività, is-Segretarju Parlamentari qassam ukoll l-assistenza finanzjarja lill-Għaqdiet Sportivi u tnieda wkoll il-proċess biex tiġi aġġornata l-Politika Nazzjonali tal-Isport li għandha twassalna sas-sena 2020. Fid-diskors tiegħu s-Segretarju Parlamentari spjega kif il-Gvern permezz tal-KMS kompla bil-firxa ta' programmi sportivi għall-faxex ta' nies differenti fis-soċjetà tagħna mit-tfal sal-anzjani.

L-Onor. Puli sostna kif din is-sena ġew imnedija 12-il programm ġdid fl-iskejjel, qabel, waqt u wara l-ħinijiet tal-iskola bi programmi speċjalizzati fosthom Festivals u Tournaments għall-iskejjel kollha; Fundamental Basic Sport Skills; College Based Sports Activities; Outdoor u Adventure Activities u l-programm Sports Fun. Fil-fatt is-sena li għaddiet kienet sena oħra rekord għall-programmi tal-isport fl-iskejjel. Dan għaliex, barra miż-żieda fil-programmi, l-ammont ta' parteċipanti qabeż l-20,000 persuna.

Il-Gvern kompla jaħdem biex jiżdiedu wkoll l-programmi sportivi offruti billi frixna aħjar l-iskema tal-isports fil-Kunsilli Lokali. Din is-sena hemm 30 Kunsill Lokali li qed jipparteċipa f'dan il-programm. Bil-għan li jissaħħu l-Għaqdiet sportivi nazzjonali, il-KMS jamministra diversi skemi u assistenzi li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-isportivi Maltin.

L-Onor. Puli sostna li l-Gvern permezz tal-Ministeri responsabbli mill-isport u mill-Finanzi qed joffri xejn anqas minn 25 skema ta'assistenza lill-Għaqdiet sportivi. Hu żied jgħid li matul, l-2010, l-Għaqdiet sportivi reġistrati mall-KMS gawdew minn aktar minn €5 miljun f'assistenza diretta u indiretta.

Għad-dilettanti tal-motorsport kienu mnedija żewġ skemi godda: Skema għall-vetturi klassiċi u Skema ta' vetturi sportivi. Is-Segretarju Parlamentari saħaq li fil-baġit għal din is-sena l-Gvern nieda skema għal xiri ta' apparat sportiv filwaqt li ġedded l-iskema ta' rifużjoni fuq xiri ta' roti.

Dwar il-faċilitajiet sportivi amministrati mill-KMS, is-Segretarju Parlamentari sostna li s-sena li għaddiet sar investiment fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera li saħansitra ingħata ċertifikat mill-UEFA li fih jista' jsir logħob internazzjonali tal-Futsal. Sar immodernizzar tal-Kumpless Sportiv, tal-Qroqq, u infetaħ l-Outdoor Gym & Fitness Centre, f'Ta' Qali, li qed jitgawda bla ħlas mill-familji.

Bil-ħsieb li nqarrbu l-isport u l-attività fiżika aktar lejn in-nies qed jinfetħu wkoll il-faċilitajiet sportivi tal-iskejjel għall-Għaqdiet sportivi u għall-pubbliku in ġenerali wara l-ħinijiet tal-iskola. L-Onor. Puli sostna li sabiex tissaħħaħ il-viżjoni tal-Gvern f'dan il-qasam qed titħaddem skema ta' Turiżmu Sportiv, inkluż għal Għawdex, bl-għan li tkompli tiġi żviluppata niċċa ta' turiżmu sportiv. Din l-iskema tant kienet suċċess li mhux biss kienet irdoppjata l-assistenza mill-Gvern imma irdoppjaw ukoll il-bednights. Hu semma kif, fl-2010, bl-iskema ta' turiżmu sportiv 36 Għaqda sportiva attiraw lejn pajjiżna 'l fuq minn 40,000 bednight li ġġeneraw fl-ekonomija Maltija €2.2miljun. Min-naħa l-oħra l-iskema ta' turiżmu sportiv f'Għawdex attirat lejn Għawdex żewġ avvenimenti internazzjonali.

Is-Segretarju Parlamentari kkonkluda li dan hu kollu xogħol li qed isir biex il-poplu Malti u Għawdxi jkollu faċilitajiet sportivi *state of the art* flimkien ma' programmi sportivi għal kulħadd, sabiex tkompli titrawwem kultura sportiva.

# Imniedi l-proċess ta' aġġornament tal-Politika Nazzjonali tal-Isport

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Tnieda uffiċjalment il-proċess biex tiġi aġġornata l-Politika Nazzjonali tal-Isport li għandha twassalna sas-sena 2020. Dan il-kumitat, immexxi minn Pippo Psaila, se jkun qed jevalwa din il-politika u wara diskussjoni ħajja u b'moħħ miftuħ, ifassal l ewwel abbozz tagħha. Dan l-abbozz, imbagħad, jgħaddi għad-diskussjoni għand l-Għaqdiet Sportivi Nazzjonali biex huma wkoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' din il-Politika.

Bħala chairperson ta' dan il-kumitat, Pippo Psaila għandu esperjenza kbira fl-isport lokali. Bejn, l-1991 u l-1993, kien il-kowċ tal-futbol tat-tim Nazzjonali Malti. Kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Sportiv tal-Kumitat Olimpiku Malti. Huwa wkoll involut fl-isport ekwestriju u fil-preżent jokkupa l-kariga ta' direttur maniġerjali ta' kumpanija privata.

Il-Membri l-oħra f'dan il-kumitat huma:

**Dr Andrew Azzopardi**

Lecturer fl-Università ta' Malta fi ħdan id-Dipartiment tal-istudju taż-żgħażagħ u l- komunità fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni, żgħażagħ u studju tal-komunità. Kien qiegħed jikkoordina Masters dwar l-Edukazzjoni Inklussiva u Komunitajiet. Hu speċjalizzat fl-inklużjoni soċjali u jippreżenta programm ta' ġrajjiet kurrenti.

**Mario Bonello**

Perit. Ilu jipparteċipa f'kompetizzjonijiet Internazzjonali fl-atletika sa mill-1989. Ħa sehem fil-Logħob Olimpiku, fil-kampjonati mondjali u fil-Kampjonati Ewropej tal-atletika. Ħa sehem f'disa' edizzjonijiet tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, fejn rebaħ 18-il midalja u żewġ midalji tad-deheb fil-Kampjonati Ewropej u fil-Kampjonati Mondjali Masters f'2009 u 2010. Gie magħżul l-Isportiv Nazzjonali, fl-1999, u din is-sena kien finalist f'dan il-konkors. Huwa wkoll kowċ u lecturer tal-IAAF, Head Kowċ Nazzjonali tal-isprints u hurdles u jikkowċja atleti nazzjonali. Huwa ko-fundatur ta' grupp ta' atletika f'Għawdex u membru tal-Kummissjoni tal-atleti fi ħdan il-Kumitat Olimpiku Malti.

**Anna Calleja**

Għalliema u Speċjalista tal-Isport tal-persuni b'diżabbiltà u Direttur Nazzjonali tal-iSpecial Olympics Malta.

**Dr John Consiglio**

Lecturer fl-Università ta' Malta f'diversi dipartimenti fosthom fl-Institute for Physical Education and Sport u jispeċjalizza fl-Ekonomija u l-Isport. Ħadem ma' diversi kumpaniji kbar fil-qasam finanzjarju.

**Dr Carmel Cascun**

Avukat u jaħdem bħala Direttur ta' kumpanija fil-qasam tal-assikurazzjoni u Segretarju Ġenerali tal-Malta Shooting Sport Federation. Hu visiting lecturer fl-Università ta' Malta fil-qasam tal-assikurazzjoni.

**Joe Cassar**

Għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika u jokkupa l-kariga ta' Segretaju Ġenerali tal-Kumitat Olimpiku Malti u għandu esperjenza twila fil-qasam sportiv.

**Andrew Decelis**

Lecturer fl-Università ta' Malta u Direttur tal-Institute for Physical Education and Sport. Bħalissa qiegħed jagħmel Dottorat fl-attività fiżika u l-obeżità fl-adoloxxenti Maltin mal-Università ta' Bristol. Serva fil-bord tal-KMS għal sitt snin u kien f'diversi kummissjonijiet tal-KMS.

**Mariella Dimech**

Ħadmet fil-qasam organizzattiv u psikoloġiku għall-aktar minn 25 sena. Hi psikoterapista u għandha esperjenza maniġerjali, u fit-twaqqif u l-ko-ordinazzjoni ta' organizzazzjonijiet kemm fuq livell kliniku u organizzazzjonali. Hi tispeċjalizza fl-empowerment ta' persuni bi bżonnijiet differenti billi ttejjeb il-ħajja tagħhom u l-mod kif iħossu, jaħsbu u jaġixxu.

**Dr Peter Fenech**

Avukat u visiting lecturer fl-Università ta' Malta. Hu fassal għadd ta' abbozzi ta' liġijiet fosthom l-Liġi tal-Isport u r-Regolazzjoni kontra d-Doping, li hi konformi ma' dik tal-WADA. Hu serva bħala Viċi-President tal-MFA.

**Bertie Muscat**

Qiegħed jokkupa l-kariga ta' Deputat Chairman tal-KMS. Kien jilgħab il-waterpolo fuq livell nazzjonali u rrappreżenta lill-Malta f'kompetizzjonijiet tal-għawm internazzjonalment. Bejn, l-1990 u l-2004 kien Segretarju tal-Kumitat Ewropew tal-waterpolo. Hu kien ukoll membru fundatur u Segretarju tal-Kumitat Eżekuttiv tal-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar. Kien ukoll President u Segretarju Ġenerali tal-ASA ta' Malta u għal diversi snin serva f'għadd ta' karigi fil-KOM.

**Gino Schiavone**

Lecturer fl-Isports Leisure and Tourism fl-ITS u membru tal-EU Affairs Board tal-European Health and Fitness Association. Lokalment hu wkoll il-President tal-Malta Exercise Health and Fitness Association. Hu jagħmel parti wkoll mill-EOSE u hu l-Ambaxxatur Sportiv Nazzjonali għall-proġett LLL Sport.

**Andrew Agius Muscat**

Jaħdem bħala Kap Eżekuttiv tal-Malta Institute of Management. Ilu 17-il sena jaħdem fil-qasam tat-tmexxija, fejn 8 snin minnhom serva ta' konsulent fl-Uffiċju tal-Prim Ministru nkarigat mir-riforma tas-settur pubbliku. Hu okkupa diversi pozizzjonijiet ta' Kap Eżekuttiv f'kumpaniji privati kbar.



# Divertiment fit-toroq Maltin permezz taċ-Ċikliżmu



Il-Kunsill Malti għall-iSport (KMS) flimkien mal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu (MCF) qed jerġgħu jorganizzaw numru ta' bike rides f'diversi lokalitajiet madwar Malta. L-ewwel bike ride tas-sena saret nhar il-Ħadd, 13 ta' Frar, minn ħdejn l-iskola St Dorothy f'Ħaż-Żebbuġ sa ħdejn iċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Mosta.

L-għan ta' dawn l-attivitajiet hu li l-pubbliku jkun aktar attiv permezz taċ-ċikliżmu. Fl-istess waqt tinħoloq kuxjenza akbar u jkunu mħeġġa aktar nies jużaw ir-roti b'kunfidenza fit-toroq tagħna. F'dawn it-tip ta' bike rides diġà ħadu sehem kull tip ta' ċiklisti, b'esperjenzi u etajiet differenti, inkluż familji bi tfal żgħar.

Meta wieħed juża r-rota bħala mezz ta' trasport, ikun qed jagħmel eżerċizzju fiżiku bżonnjuż u jibża' għall-ambjent ta' madwarna. Għaldaqstant permezz ta' dawn il-bike rides, il-KMS u l-MCF qed joffru opportunità b'differenza għal rikreazzjoni waqt li tiltaqa' u tagħmel ħbieb ġodda. Fl-istess waqt din it-tip ta' attività tgħin lil dawk iċ-ċiklisti mingħajr esperjenza biex irawmu aktar kunfidenza fit-triq b'għajnuna minn nies esperti tul ir-rotta kollha.

Kull bike ride iddum bejn siegħa u sagħtejn u l-parteċipazzjoni hija b'xejn. Waqt kull attività jittieħdu l-miżuri kollha ta' sigurtà. Il-bike ride li jmiss se ssir nhar il-Ħadd, 6 ta' Marzu, bit-tluq ikun mill-by-pass ta' San Pawl il-Baħar sa Buġibba. Fid-9.30 a.m. jibdew jittieħdu r-reġistrazzjonijiet u sal-11.00 a.m. l-attività tkun intemmet. Il-KMS qed jipprovdi numru limitat ta' roti u helmets mingħajr ħlas, iżda wieħed għandu jirriservhom minn qabel.

Matul is-sena se jkunu organizzati bike rides oħra:

- 10 ta' April 2011: Żebbuġ – Sliema
- 31 ta' Lulju 2011: Luxol 'Cliff Micallef's Memorial Bike Ride'
- 'Car Free Day' Bike Ride (id-data għad trid tkun imħabbra)

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jagħmel kuntatt mal-KMS permezz tat-telephone fuq 21 660658 jew billi jibgħat e-mail lil communications@sportmalta.org.mt . Wieħed jista' jżur ukoll is-siti www.sportmalta.org.mt jew www.letsgocycling.org.








# Jittieħdu aktar inizjattivi mill-KMS Sport Promotion Unit







**Trekking fil-kampanja Maltija**

Matul Jannar komplew l-attivitajiet tat-trekking fejn kien hemm il-parteċipazzjoni ta' aktar minn 500 student. Dawn l-istudenti ġew minn skejjel primarji u sekondarji filwaqt li ħafna mill-mixjiet saru fil-kampanja tal-majjistral ta' Malta. Kull mixja li ssir hija klassifikata f'livelli differenti, minn waħda diffiċli għal oħra aktar tqila.

Il-parteċipanti li jkunu qed jagħmlu l-mixja għall-ewwel darba u studenti li jattendu skejjel tal-primarja jibdew b'rotta ħafifa. Parti kbira minn din il-mixja tkun għall-wità u fuq art lixxa. Għal kull rotta jsir risk assessment estensiv biex wieħed jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-parteċipanti kollha. Dawn il-mixjiet b'differenza jiffurmaw parti mill-attivitajiet li jsiru fuq barra mill-iSports Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport.

**Il-Liceo tal-Ħamrun jirbaħ l-inter-school basketball tournament**

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, fil-padiljun nazzjonali tal-basketball, f'Ta' Qali, sar l-inter-school basketball tournament għall-istudenti li jattendu t-tielet, ir-raba' u l-ħames sena tas-sekondarja. Għal darb'oħra dan it-tournament sar mill-iSport Promotion Unit, bil-kollaborazzjoni tal-Malta Basketball Association u l-Basketball Promotion Unit. Din is-sena ppartecipaw tmien skejjel tas-sekondarja.

Il-livell f'dan it-tournament kien wieħed għoli u jidher biċ-ċar li minn sena għall-oħra l-livell dejjem qed joqrob lejn dak li nsibu fil-kampjonati nazzjonali ta' din l-età. L-ammont ta' studenti li qed ikomplu bit-taħriġ tagħhom fil-logħba tal-basketball u wara l-ħin tal-iskola qiegħed dejjem jikber u dan qed jgħin biex jissaħħaħ il-livell f'dan it-tip ta' tournament. Fuq kollox dan il-fattur kien evidenti fost it-timijiet li għaddew għall-aħħar stadju ta' din il-kompetizzjoni.

Il-finali kienet bejn it-tim tal-Liceo tal-Ħamrun tal-Kulleġġ San Ġorg Preca u l-iskola sekondarja tas-subien ta' San Benedittu. F'logħba missielta u li ħalliet lil kulħadd fuq ix-xwiek sal-aħħar sessjoni, kienu t-tfal tal-Liċeo tal-Ħamrun li ħarġu bl-unuri. Bla dubju, id-determinazzjoni u l-esperjenza ta' bosta plejers f'dan it-tim kienu strumentali biex jintrebaħ it-tournament ta' din is-sena. Permezz ta' dawn il-paġni, l-iSport Promotion Unit tieħu l-opportunità biex tirringrazzja lir-referi tal-basketball, Brian Sly, u lill-uffiċjali Leonard Falzon u Ottavio Terribile.

**Kowċ barrani tal-atletika fl-iskejjel Maltin**

Bħala parti mill-programm fil-ħiliet bażiċi fi ħdan il-KMS Sport Promotion Unit u bis-saħħa ta' Athletics Malta inġieb f'pajjiżna, Marian Prezbruchy, kowċ Slovakk espert tal-high jump. Fil-jiem li Prezburchy għamel f'pajjiżna, apparti x-xogħol siewi li għamel fil-klabbs tagħna, għamel numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-istudenti tal-iskejjel.

Prezbruchy għandu esperjenza vasta kemm bħala atleta kif ukoll bħala kowċ, b'diversi unuri prestiġġjużi f'pajjiżu u fl-Ewropa... Total ta' 70 student minn diversi skejjel sekondarji kellhom l-opportunità li jitħarrġu ma' dan il-kowċ li qal li kien kuntent bl-entużjażmu li wrew l-istudenti Maltin.

Is-sena li għaddiet kien hemm esperjenza simili meta inġieb f'pajjiżna Paul Wilson, kowċ tal-atletika li hu espert fit-throws. Ħafna kkumentaw li grazzi għall-Assocjazzjoni Maltija tal-Atletika u l-KMS, li ħadu ħsieb l-organizzazzjoni ta' dawn iż-żewġ żjarat, l-atleti Maltin u l-istudenti fi skejjel differenti ħadu esperjenza unika u tgħallmu aktar mingħand dawn l-esperti internazzjonali. Fuq kollox Wilson u Prezbruchy komplew jgħinu lill-kowċis u lill-għalliema lokali fit-taħriġ tagħhom. Athletics Malta u l-KMS Sport Promotion Unit bi ħsiebhom jibqgħu jġibu aktar kowċis ta' dan il-kalibru għall-iżvilupp ta' diversi dixxiplini tal-atletika.

**Festival tal-Futsal għall-iskejjel kollha**

Bejn, il-31 ta' Jannar u d-9 ta' Frar, saret it-tieni fażi tal-Inter School Futsal Festival fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. Bħalissa qed jiġu fformati t-timijiet tal-kulleġġi f'pajjiżna, bil-ħsieb li l-logħba tal-futsal tkun reklamata aktar fost it-tfal u l-istudenti.

Fl-ewwel fażi sar il-logħob bejn kull klassi biex b'hekk jiġi magħżul it-tim tal-iskola tal-futsal. Fil-livell primarju t-timijet kienu magħmula minn tfal tal-ħames sena li twieldu fl-2001 u tfal tas-sitt sena li twieldu fl-2000. Kull tim kellu minimu ta' tifla. Fil-livell sekondarju t-timijiet junior kienu magħmula minn studenti tal-ewwel u t-tieni sena, filwaqt li fit-timijiet senior lagħbu studenti li jinsabu fit-tielet u r-raba' sena.

Fit-tieni fażi ta' dan il-festival, l-iskejjel jilagħbu ma' skejjel oħra tal-istess kulleġġ biex b'hekk jiġi fformat it-tim tal-kulleġġ. Din kienet fażi interessanti fejn wieħed setgħa josserva numru ta' għalliema jiddiskutu flimkien is-selezzjoni tat-tim tal-kulleġġ u dan jawgura tajjeb sabiex it-tielet u l-aħħar fażi tkun tal-ogħla livell possibli.

Qabel kull logħba, ir-referis li kienu provduti mill-Malta Football Association, spjegaw l-importanza tal-valuri tal-Fair Play u rispett waqt il-logħob u fil-ħajja. Min-naħa l-oħra l-għalliema tal-iSport Promotion Unit spjegaw dawn il-valuri lill-istudenti li ġew fil Kumpless Sportiv tal-Kottonera biex jagħtu l-appoġġ tagħhom lil sħabhom.

Vic Hermans, kowċ nazzjonali tal-futsal, kellu kliem ta' tifħir għall-istudenti u għall-għalliema li ppreparaw dan il-festival. Il-fażi finali se ssir fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera bejn id-9 u t-13 ta' Mejju fejn it-timijiet li jirrappreżentaw il-kulleġġi kollha tal-istat jingħaqdu ma' dawk privati u tal-Knisja.

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet sportivi fl-iskejjel, wieħed jista' jagħmel kuntatt mal-KMS Sport Promotion Unit permezz tal-e-mail spor tpromotion@sportmalta.org.mt jew fuq 21227673.

## Sportiv jintervista lil Gianluca Dingli

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Sewwieq żagħżugħ u promettenti fil-qasam tal-motorsport






*Min int u kif irnexxielek tidħol fil-qasam tal-motorsport?*

"Jiena Gianluca Dingli, żagħżugħ ta' 16-il sena, mir-Rabat, Malta. Jien dejjem kelli passjoni għall-karozzi u motorsports li jien insegwi regolarment u nixtieq li nintroduċi lili nnifsi fl-isport li nipprattika – it-tlielaq tal-karts, li jiena nieħu bis-serjetà, fejn ir-riżultati tiegħi dejjem kienu sodisfaċenti. Bdejt ninvolvi ruħi fil-karting fl-età ta' disa' snin fejn kont nattendi Skola Sports organizzata mill-KMS fil-Badger Karting, f'Ta' Qali. Id-Direttur Maniġerjali, is-Sur Edwin Gauci, ra t-titjib rapidu tiegħi u dejjem emmen li nista' nsir sewwieq promettenti. Wara xi sjuf ngħin lil missieri fil-garaxx tiegħu (li huwa sprayer), jien irnexxieli infaddal il-flus biex nixtri l-ewwel go kart li kienet chassis Mari b'makna four stroke. Wara li sirt membru fl-Island Karting Club (wieħed mill-klabbs tal-karting f'Malta) bdejt it-taħriġ regolarment għal diversi xhur u bdilt il-makna tiegħi għal waħda two-stroke u bdejt nieħu sehem fil-Kampjonat Nazzjonali fil-Kategorija Island Nazzjonali (ma' sewwieqa akbar minni) fejn ġejt ikklassifikat fit-tieni post.

*Kif żviluppajt din in-namra b'mod tista' tgħid professjonali?*

Matul ix-xhur tax-xitwa, 2008, għamilt xi kuntatti ma' BRM Racing Brescia srl u bħala l-uniku sewwieq bil-BRM, f'Malta, huma offrewli pakkett tajjeb għal chassis BRM ġdid u offrewli wkoll biex nirrappreżenthom f'Malta. Iċ-chassis wasal f'Malta, f'April 2008, u bdejt nirbaħ tellieqa wara l-oħra. Fil-kampjonat ġejt fit-tieni post iżda l-BRM kienu sodisfatti ħafna u emmnu tant fija li stednuni biex inżurhom fi Brescia għal xi laqgħat u taħriġ uffiċjali f'wieħed miċ-ċirkwiti magħrufa tal-Karting – South Garda Karting. Il-laqgħat u t-taħriġ irriżultaw pożittivi u wegħduni li fil-futur se nkun mistieden biex intellaq mat-team tagħhom. F'Diċembru, 2008, erġajt kont mistieden għal preżentazzjoni u għal aktar testijiet uffiċjali li kien se jwassal biex nieħu sehem f'xi tellieqa mat-tim uffiċjali. Wara ħafna taħriġ matul ix-xhur tax-xitwa 2008/2009 ħadt sehem fil-Kampjonat Café Oasis organizzat mill-Karting Club Malta fil-Klassi 125cc ristretta u sirt Champion ta' din il-Klassi.

*Mill-progress li għamilt f'pajjiżna kif spiċċajt ittellaq barra minn Malta?*

Fil-frattemp, BRM Racing srl, għamlu kuntatt miegħi biex insuq mat-tim tagħhom fi Sqallija, irrappreżenta mis-Sur Mario Lena li stedinni biex nieħu sehem fit-tlielaq mat-tim fi Sqallija – l-ewwel tellieqa li ħadt sehem fiha kienet fit-2 u t-3 Mejju, 2009, fil-Pista Del Lago, f'Palermo, fejn ġejt it-tielet. Wara r-riżultat tiegħi ġejt mistieden mill-ġdid biex nieħu sehem f'tellieqa oħra, fl-4 u 5 ta'Lulju, fil-Klassi Quattro tempi 250cc, li fiha din id-darba spiċċajt fl-ewwel post . Dan ir-riżultat wassal għat-tellieqa internazzjonali – OPEN MASTERS li saret, f'Lulju 17/18/19, fiċ-Circuito Internazionale Napoli. Din kienet tellieqa internazzjonali fejn ħadu sehem sewwieqa minn pajjiżi differenti u fejn jien irrapreżentajt lil Malta b'liċenzja Maltija maħruġa mill-Federazzjoni Motorsports Malta. Din kienet esperjenza kbira għalija. Minn 19-il sewwieq, tlaqt mit-12-il pożizzjoni, fil-finali u filwaqt li kont qiegħed fis-sitt post kelli nħabbat wiċċi ma' inċident sfortunat - sewwieq għadda minn fuqi u sofrejt injury f'riġlejja - iżda dan huwa parti mill-isport li nipprattika. Fil-kumplament tas-sena, 2009, ħadt sehem f'diversi tiġrijiet fi Sqallija fejn irbaħt it-Trofeo Pista Del Lago, f'Palermo.

*Kif kienet is-sena li għaddiet u x'inhuma l-pjani futuri għalik din is-sena?*

Fis-sena, 2010, erġajt ħadt sehem, fil-Klassi 125cc restricted, fil-Kampjonat Café Oasis organizzat mill-Karting Club (Malta) fejn erġajt ġejt l-ewwel. Waqt dan iż-żmien ukoll ħadt sehem f'diversi tlielaq tal-kampjonat Regionale, fi Sqallija, u anke kkwalifikajt biex nieħu sehem fil-kampjonat assolut tal-Italja, fil-Klassi 125 Rotax Max, u f'Diċembru, 2010, irreġistrajt żewġ rebħiet oħra - waħda fi Trofeo Leotta, f'Vittoria, u l-oħra fil-"Festa Del Pilota" fiċ-ċirkwit internazzjonali ta' Triscina f'Castelvetrano.

Waqt li jiena kont għaddej b'dawn it-tiġrijiet, kemm f'Malta kif ukoll barra, dejjem żammejt kuntatt ma' Skola Sports, fil-Badger Karting, fejn jiena dejjem għaddejt l-esperjenza tiegħi lil żgħażagħ li jipprattikaw dan it-tip ta' sports.

Ġejt onorat ukoll mill-Kunsill Lokali, Rabat, bħala ż-Żagħżugħ tas-sena, 2010, u jien nsib ħafna koperazzjoni mis-Sindku u l-kunsilliera tar-Rabat fejn dawn għamluli kuntatti ma' nies ta' esperjenza fil-Motorsports Rabtin.

Is-sena, 2011, bdiet fuq nota pożittiva ħafna għalija għax il-ħolma tiegħi saret realtà għax il-BRM Racing, fi Brescia, urew il-fiduċja tagħhom fija u ħatruni sewwieq uffiċjali tagħhom fil-Klassi Rotax Max liema tiġrijiet se jsiru matul din is-sena fiċ-ċirkwiti madwar l-Italja kollha.

Din il-ħatra ta' sewwieq uffiċjali hija storika għal Malta u saret nhar il-Ħadd, 16 ta' Jannar, f'Montichiari, fi Brescia, fejn il-familjari tiegħi kienu wkoll preżenti".

www.brmracing.it face book Gianluca Dingli sports team

NB: Sakemm morna għall-istampa, Gianluca Dingli, kellu bidu pożittiv bħala s-sewwieq uffiċjali tal-BRM Racing Team fil-Klassi 125 Rotax b'rebħa fil-Kampjonat Sqalli. Iktar minn 90 sewwieq ipparteċipaw f'din l-ewwel tellieqa Coppa CSAI Kampjonat tal-Karting.

Dingli jixtieq jirringrazzja lill-Kunsill Malti għall-iSport, Malta Motorsport Federation, Kunsill Lokali Rabat, Hetronic Malta, lill-isponsor ewlieni Virtù Ferries, BRM Racing SRL, lit-team manager tiegħu Mario Lena, Chevron Auto Dealer u Hubert Camilleri, Zoqdi Racing Team, Badger Karting u sponsors oħra.

minn Marco Farrugia

President tal-Federazzjoni Maltija Ħamiem tal-Ġiri

# Wirja mill-isbaħ tal-Ħamiem tat-Tiġrija

Kif ġie ppubblikat fil-ħarga ta' dan il-magażin fl-edizzjoni ta' Jannar, li għadda, kien imiss it-tmien wirja tal-Ħamiem tat-Tiġrija li ttellgħet fit-9 u fl-10 ta' Frar.

Din l-attività saret fil-Kumpless Monte Kristo, b'attendenza ta' 'l fuq minn 1,500 persuni, fejn ġew esebiti 19-il stand imtella' minn importaturi tal-ġwież tal-Ħamiem Maltin u barranin, prodotti u anke stands minn dilettanti ta' fama internazzjonali Olandiżi u Belġjani.

Kien hemm attendenza tajba wkoll minn dilettanti barranin mill-Olanda, Belġju u l-Ingilterra fejn kellhom kliem ta' tifħir lejn il-Federazzjoni u għall-organizzazzjoni ta' din l-attività.

Kienet wirja li fiha ġew esebiti 260 ħamiema tal-aqwa kwalità u sbuħija minn dilettanti Maltin u Għawdxin li kienu mqassmin fi tmien kategoriji differenti tal-Irġiel u tan-Nisa, b'ċurkett 2010 (Young Birds), Irġiel u Nisa b'ċurkett 2009 (Old Birds), Irġiel u Nisa li tellqu sa distanza ta' 280 kilometru (raced short distance) u Irġiel u Nisa (raced long distance).

Il-ġurija kienet imħallta bejn Maltin u Belġjani - Alfred Micallef (head judge), Andrew Scicluna Julian Busuttil, Joseph Cachia, Gejtu Sciberras, u dawk Belġjan, Maurice Mattheus, August Daelemans u Frank Daelemans.

Għar-raba' sena konsekuttiva, il-klabb rebbieħ kien dak ta' Qormi Racing Pigeon (ritratt) li għandu tmexxija tal-president, is-Sur Tony Bileci, u s-segretarju ġenerali s Sur Charles Attard.



## Ir-riżultati kollha

**Young Cocks 2010**
1. John Bajada (Gozo)
2. Mario Carta (Qormi)
3. Tony Belici (Qormi)
4. George Fenech (Msida)
5. Ġanni Azzopardi (Luqa)
6. Mario Carta (Qormi)

**Young Hens 2010**
1. Leo Agius (Birżebbuġa)
2. Joe Mallia (Attard)
3. Paul Casha (Qormi)
4. Claudio Fenech (Qormi)
5. Mario Farrugia (Mosta)
6. Tony Bileci (Qormi)

**Old Cocks**
1. A&F Grech (San Gwann)
2. A&F Grech (San Gwann)
3. Tony Mangion (Zabbar)
4. Mario Carta (Qormi)
5. Leo Agius (Birżebbuġa)
6. Mario Carta (Qormi)

**Old Hens**
1. Paul Casha (Qormi)
2. George Fenech (Msida)
3. Joe Axiaq (Gozo)
4. Mario Farrugia (Mosta)
5. Mario Farrugia (Mosta)
6. Joe Spiteri (Mosta)

**Raced Cocks Short Distance (280 km)**
1. Ray Falzon (Zurrieq)
2. Paul Casha (Qormi)
3. Salvu Grech (Zabbar)
4. John Camilleri (Msida)
5. Andre Scerri (San Gwann)
6. Tony Bileci (Qormi)

**Raced Cocks Long Distance (660 km)**
1. Mario Carta (Qormi)
2. Ray Sammut (Sliema)
3. Tony Bileci (Qormi)
4. Victor Bondin (Zejtun)
5. Andre Scerri (San Gwann)
6. Manwel Grima (Luqa)

The Federation of Racing Pigeons
sponsored by Citadel Insurance

motor • home • travel • marine • business • life

Citadel Insurance p.l.c • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082 • Tel: 25579000 • E-mail: info@citadelplc.com
Branches: Gzira • Haż-Żebbuġ • Naxxar • Paola • Tied Insurance Intermediaries: Malta • Gozo
Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the MFSA.

Citadel insurance




# Għada ssir s-26 edizzjoni

Għada ssir is-26 edizzjoni tal-Maratona ta' Malta fejn mistennija li jieħu sehem 380 parteċipant. Barra minn hekk, isiru wkoll in-nofs maratona li fiha se jieħdu sehem 1,200 atleta filwaqt li għal walkathon hemm irreġistrati aktar minn 600 atleta. Dawn it-totali jinkludu fihom 950 atleti barranin biex din l-edizzjoni se jkollha rekord ta' parteċipanti.

Il-maratona tibda fit-8.00 a.m. fejn tara lill-atleti jitilqu mis-swar tal-Imdina lejn ir-Rabat fid-direzzjoni tan-Nigret biex imbagħad jaqbdu r-rotta lejn il-by-pass tal-Imtarfa li teħodhom lejn Ta' Qali għall-ewwel sitt kilometri.

Bejn is-sitt u 12-il kilometru, ir-rotta tikkonsisti - Ta' Qali li tgħaddi minn ħdejn l-Istadium Nazzjonali, il-Pitkalija u l-Ambaxxata Amerikana (il-ġdida) lejn Ħ'Attard.

Mit 12 ʒaʒ 27 kilomctru:
- Ħ'Attard – Mosta – Ħ'Attard – Ta' Qali li tgħaddi minn ħdejn il-Pitkalija, l-Istadium Nazzjonali, il-Malta Fairs & Conventions Centre lejn Mdina Glass.

Hekk kif jibdew iħallu Ta' Qali, l-atleti jgħaddu minn ħdejn Mdina Glass, lejn Ħ'Attard għall-by-pass tal-Imrieħel, Ħamrun/Marsa by-pass, Marsa Blata l-Bajda, Sa Maison, Pietà, Ta' Xbiex u Gżira lejn Tas-Sliema fejn tispiċċa t-tellieqa.

Ir-rotta tan-nofs maratona, li tibda, fl-10.00 a.m., hija komposta - Mdina – Rabat – Nigret – Mtarfa – Ta' Qali (6 km); Ta' Qali għal Mdina Glass – Attard - il-by-pass tal-Imrieħel - Hamrun/Marsa bypass – Marsa - Blata l-Bajda - Sa Maison – Pietà – Msida - Ta' Xbiex – Gzira – Sliema.

Ir-rotta tal-walkathon, li tibda fid-9.00 a.m., hija l-istess tan-nofs maratona.

Ir-rebbieħa tas-sena li għaddiet kien il-Marokkin Hichamn El Barouki li rreġistra ħin ta' 2:32:56 segwit mill-kompatrijott tiegħu El Felhi li daħal f'2:35:07.






# Futbol

## Kampjonat Melita L-Ewwel Diviżjoni

# Tibda l-aħħar tiġrija fir-rawnd finali

Sannat Lions ikkunsidrati bħala l-favoriti f'dan l-istaġun, raw il-vantaġġ pjuttost sostanzjali tagħhom jinżel għal punt wieħed biss fi tmiem it-tieni rawnd. Dan seħħ wara li huma sfaw miżmuma fi tliet draws matul it-tieni rawnd. Sannat, jekk iridu jilħqu l-obbjettiv tagħhom, iridu jkunu iktar realistiċi minkejja li fuq il-karta jidhru li huma superjuri għat-timijiet l-oħra. Fuq kollox il-partiti jintrebħu minn min jiskorja l-iktar gowls u mhux minn min joħloq l-aktar ċansijiet. Proprju hekk ġralhom is-Sannatin f'nofs din il-fażi tal-Kampjonat.

Punt biss tagħhom, b'24 punt jinsabu Għajnsielem fejn il-Blacks komplew għaddejjin bir-riżultati pożittivi tagħhom b'rebħiet stretti iżda deċiżivi fir-rimonta tagħhom biex jieħdu l-kmand tal-klassifika. Fil-fatt erba' mill-ħames rebħiet li huma akkwistaw f'din il-fażi kollha rebħuhom b'gowl wieħed vantaġġ. Għaldaqstant minkejja li skorjaw ftit gowls huma akkwistaw tliet punti iktar mill-Lions f'din il-fażi. Ir-ritorn fl-attakk ta' Thiego Dos Santos jaf ikun determinanti fl-ambizzjonijiet tagħhom.

It-tielet post baqa' okkupat minn Nadur Youngsters. F'din it-tieni fażi huma kellhom riżultati mħallta fejn ħadu tliet rebħiet, żewġ telfiet u draw. Jinsabu ħames punti taħt il-leaders u fl-aħħar fażi kollox jista' jiġri. Wieħed jiftakar f'rimonta aktar qawwija li huma kienu għamlu, fl-staġun 2006-07, meta kienu ħadu t-titlu lill-istess Sannat meta l-Lions kienu għamlu kważi Kampjonat sħiħ f'ras il-klassifika.

Fir-raba' post, bi 13-il punt, insibu lill-koppja Rabtija. SK Victoria Wanderers kellhom tieni rawnd negattiv għall-aħħar fejn ħadu żewġ draws u erba' telfiet. Tidher li l-makna Niġerjana mhux qed tiffunzjona tajjeb daqs kemm jixtieq///u. Min-naħa l-oħra, Victoria Hotspurs huma barra mid-difiża tagħhom għat-titlu, qed juru sinjali ta' reazzjoni u d-debuttant l-attakkant Marokkin innewtralizzat Belġjan, Ossama Madah, jidher li ta saħħa ġdida fl-attakk.

Fis-sitt post jitilgħu Xewkija Tigers li bi tliet rebħiet konsekuttivi nqatgħu mill-aħħar pożizzjoni. Il-Bulgaru, Kiril Dyakov, qed ikun strumentali għalihom. St Lawrence Spurs issa qed jokkupaw l-aħħar pożizzjoni fejn f'dan it-tieni rawnd ħadu rebħa waħda, draw ieħor u erba' telfiet. It-tluq tal-attakkant Arġentin, Franco Franchino, naqqas is-saħħa tal-kontrattakki tagħhom.

Għaldaqstant wieħed qed jantiċipa t-tielet u l-aħħar rawnd mill-iktar eċċitanti fejn kollox għadu ndeċiż. Dan kollu jkompli jħeġġeġ iktar partitarji biex jinżlu jagħtu l-appoġġ tagħhom lit-timijiet rispettivi għax dan l-appoġġ jista' jgħin bosta lil dawk it-timijiet l-aktar li jkunu għaddejja minn mument ta' diffikultà. Fuq kollox nittamaw li

## Kampjonat Melita It-Tieni Diviżjoni

# Xagħra United favoriti li jirbħu t-titlu

Hawn il-favoriti għar-rebħ tal-Kampjonat huma bla dubju Xagħra United li jinsabu ħames punti vantaġġ fuq Żebbuġ Rovers. Xagħra f'dan ir-rawnd ħadu ħames rebħiet u telfa kontra Żebbuġ, li jinsabu fit-tieni post. Fil-fatt Żebbuġ bi plejers ta' esperjenza ukoll ħadu ħames rebħiet u draw. Għalhekk ma tkunx sorpriża jekk huma jersqu iktar viċin il-United fl-aħħar fażi. Fit-tielet post jinsabu flimkien Kerċem Ajax u Oratory Youths bl-ambizzjonijiet tagħhom prattikament ikun li jispiċċaw fit-tieni post, pożizzjoni li tagħtihom id dritt li jikkontestaw il-logħba deċiżiva kontra s-sitt tim klassifikat fl-Ewwel Diviżjoni. Munxar Falcons issuperaw lil Għarb Rangers fil-ħames post, mentri Qala Saints baqgħu ankrati fl-aħħar post tal-klassifika.

Victoria H. v Għajnsielem








naraw aktar logħob eċċitanti u sportiv bl-inqas numru possibbli ta' episodji diskutibbli, fejn dawn dejjem ikunu jinvolvu lill-uffiċjali tal-logħba fejn l-irwol tagħhom issa jkun iktar diffiċli f'dawn il-logħbiet meqjusa kruċjali u deċiżivi li jħollu u jorbtu nvestiment ta' staġun sħiħ, investiment mhux żgħir għall-futbol Għawdxi.

**Kif jinsabu**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sannat Lions FC | 12 | 7 | 4 | 1 | 34 | 10 | 25 |
| Għajnsielem FC | 12 | 7 | 3 | 2 | 16 | 11 | 24 |
| Nadur Youngsters FC | 12 | 6 | 2 | 4 | 21 | 13 | 20 |
| SK Victoria Wanderers | 12 | 3 | 4 | 5 | 14 | 21 | 13 |
| Victoria Hotspurs FC | 12 | 3 | 4 | 5 | 14 | 21 | 13 |
| Xewkija Tigers FC | 12 | 3 | 2 | 7 | 11 | 18 | 11 |
| St Lawrence Spurs FC | 12 | 3 | 1 | 8 | 10 | 26 | 10 |

**Kif jinsabu**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xagħra United FC | 12 | 10 | 1 | 1 | 33 | 11 | 31 |
| Żebbuġ Rovers FC | 12 | 8 | 2 | 2 | 30 | 14 | 26 |
| Kerċem Ajax FC | 12 | 6 | 4 | 2 | 30 | 10 | 22 |
| Oratory Youths FC | 12 | 7 | 1 | 4 | 27 | 17 | 22 |
| Munxar Falcons FC | 12 | 2 | 2 | 8 | 15 | 32 | 8 |
| Għarb Rangers FC | 12 | 1 | 3 | 8 | 10 | 35 | 6 |
| Qala Saints FC | 12 | 0 | 3 | 9 | 6 | 32 | 3 |

Victoria H. v Sannat L.



## Żwiemel

# Sport li qed iżid fil-popolarità

Matul dawn l-aħħar xhur li għaddew saru iktar meetings tat-tiġrijiet taż-żwiemel tal-istaġun ġewwa l-Korsa ta' Xħajma. Dan l-isport qed jkompli jżid fil-popolarità tiegħu f'Għawdex fejn dejjem qed ikun hemm attendenza tajba.

Fil-meeting, tad-9 ta' Jannar li għadda, saru għaxar tiġrijiet mill-iktar interessanti. L-ewwel waħda tas-Shetland intrebħet minn Jonathan Farrugia b'Quitero. Matthew Mamo fuq Herby u Yourn Stellini fuq Quick Kino spiċċaw fil-postijiet ta' wara.

It-tiġrija tal-Ponijiet intrebħet minn Flicka misjuqa minn Daniel Hili. Danger Boy (Nathan Cauchi) u Flame (Georgemax Cauchi) spiċċaw it-tieni u t-tielet post rispettivament. It-tielet tiġrija, riservata wkoll għal Ponijiet, intrebħet minn Steve Mamo fuq Chanelle u Carmel Debono daħal it-tieni b'Amigo. It-tiġrija tat-Trott C/D intrebħet minn Frank Cini fuq Roger Qui, b'Pascalino Cefai fuq Maiden Flash jidħol it-tieni u Salvu Vella fuq Malta Sara B spiċċa t-tielet.

Il-ħames tiġrija kienet il-Finali tat-Trott D/C. Din intrebħet minn Lutin de Memartin misjuq minn Dario Fenech. Huwa daħal qabel Chip Chop Lady misjuqa minn Mario Bugeja u Frokjaer Toj misjuq minn Mark Refalo. It-tiġrija tat-Trott A intrebħet minn Brian Zammit fuq Emil Brebro, b'Joseph Attard fuq Icare de Poix jispiċċa t-tieni u Vestru Farrugia b'Lowry d'Olivier jispiċċa t-tielet.

Is-seba' tiġrija kienet finali oħra riservata għat-Trott A1. Hawn ħareġ rebbieħ Tinto E misjuq minn Brian Zammit. Joss Royal misjuq minn Josef Farrugia daħal it-tieni u Salvu Vella b'Kamis de l'Eveche jidħol fit-tielet pożizzjoni. Mark Refalo b'Rybo Juvel rebaħ it-tiġrija tat-Trott B. Huwa spiċċa quddiem Judoka du Rib (Joe Farrugia) u Rybo Celion (Salvu Vella). Il-finali tal-A/B intrebħet minn Tip Tip Tap misjuq minn Mario Bugeja quddiem Obelix Blue (Salvu Vella) u Instead of Cash (Claudio Refalo).

L-aħħar tiġrija tat-Trott A1 intrebħet minn Salvu Vella fuq Mcollie quddiem Lucky du Soir (John Vella) u Mykonos d'Atree (Carmel Cauchi).

Programm ieħor sar, nhar it-23 ta' Jannar, 2011, fejn hawn saru seba' tiġrijiet. L-ewwel waħda, dik tas-Shetland intrebħet minn Sammy Hili fuq Love Potion, b'Matthew Mamo fuq Lizzy jidħol it-tieni. Georgemax Cauchi fuq Flame rebaħ quddiem Flicka (Daniel Hili) it-tiġrija tal-Ponijiet. It-tielet tiġrija kienet riservata għal tat-Trott D/C. Hawn ħareġ rebbieħ Dario Fenech fuq Lutin de Mamartin quddiem Maiden Flash (Pascalino Cefai) u Houston (Raymond Cauchi).

It-tiġrija tat-Trott A1 intrebħet minn Salvu Vella fuq Kamis de l'Eveche. Josef Farrugia fuq Joss Royal daħal it-tieni u John Vella fuq Lucky du Soir spiċċa t-tielet. It-tiġrija tat-Trott B intrebħet minn Tap Dancing (Carmel Cauchi) quddiem Kung Arthur A.L. (Jason Sultana) u Wodka Volo (Tony Cauchi). Is-sitt tiġrija riservata għal sewwieqa żgħażagħ intrebħet minn Daniel Hili fuq Mambere. John Paul Cauchi fuq Mykonos d'Atree spiċċa t-tieni u Jessica Micallef fuq Nowlong de Saussey spiċċat it-tielet.

L-aħħar tiġrija riservata għal tat-Trott A intrebħet minn Robin D (Carmel Cauchi) quddiem Maitre de Bannes (Dario Fenech) u Leo de l'Etange (Mario Spiteri).







# Tikber l-inċertezza hekk kif il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel jinsab sospiż

Fil-basketball lokali, l-aktar li spikkat matul dawn l-aħħar ġimgħat kienet l-inċertezza li rrenjat fil-Kampjonat Nazzjonali ta' l-Irġiel (I Diviżjoni) wara deċiżjonijiet meħuda fil-konfront ta' żewġ plejers ta' Bupa Luxol li kienu tkeċċew u, l-appell (jew aħjar appelli) li saru wara. Il-Kampjonat għadu sospiż sakemm tinstab xi soluzzjoni. Bħalissa għaddejjin laqgħat bejn il-klabbs kif ukoll qed jinstemgħu aktar protesti.

Fix-xahar ta' Frar saru żewġ finali Id-Detur Shield II Diviżjoni Irġiel rat lil Vida Siggiewi u Athleta jaslu sal-finali wara li għaddew mill-gruppi rispettivi tagħhom meta t-tnejn spiċċaw fit-tieni post. Athleta ħolqu sorpriża meta eliminaw lit-tim qawwi ta' Floraina Eurobasket Peugeot fis-semi finali filwaqt li Siggiewi għelbu lil Starlites Ker Grill.

Fil-finali ebda diffikultà għal Siggiewi, li ddominaw lill-avversarji, u spiċċaw rebbieħa komdi għal dan l-ewwel unur fit-Tieni Diviżjoni.

Siggiewi rebħu dan l-unur għall-ewwel darba waqt li Athleta kienu qegħdin jidhru fil-finali ta' din il-kategorija għall-ewwel darba.

Id-Detur Shield tan-Nisa ġiet mirbuħa għad-disa' darba minn Hibs Medsea. Huma u Alyssa Ashley Loyola wkoll għaddew għas-semi finali mit-tieni post tal-grupp tagħhom. Wara, Hibs rebħu lil Luxol, il-'holders', waqt li Loyola wettqu sorpriża mill-kbar meta ħasdu lil McDonalds Depiro biex kienu huma li għaddew għall-finali.

Hibs kienu fil-kontroll assolut tal-finali biex neħħew kull tama li kellhom Loyola li jirrepetu l-bravura tas-semi finali. Hibs baqgħu jżidu l-vantaġġ mill-bidu sal-aħħar biex id-distakk kien kbir ġmielu fi tmiem il-partita.

Għal Loyola kienet l-ewwel darba li qatt dehru f'xi final tan-Nisa.

Fit-II Diviżjoni Irġiel ukoll, il-kompetizzjoni tan-Knock-Out waslet sal-finali fejn il-'holders', Vida Siggiewi, se jilagħbu kontra Starlites Ker Grill. Fi triqithom għall-finali, Siggiewi għelbu lil Bell Net SN Suns u Miscela D'Oro Mtarfa, waqt li Starlites rebħu lil Athleta u Floriana Eurobasket Peugeot.

Ukoll fit-Tazza Louis Borg tan-Nisa, waslu fl-istadju tal-finali. Hawnhekk McDonalds Depiro ħarġu rebbieħa fuq Alyssa Ashley Loyola u Luxol u sejrin jilagħbu kontra Hibs Medsea rebbieħa l-istaġun li għadda li min-naħa tagħhom rebħu lil Athleta u St. Andrew's.

## Kampjonat I Diviżjoni Irġiel

**A to Z Electronics Athleta** ........ 79
**Tata Motors Loyola** ........ 63
(20-11, 10-7, 23-21, 26-24)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Bupa Luxol** ........ 61
**Siggiewi Derby** ........ 59
(11-18, 21-16, 16-13, 13-12)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A to Z Elect. Ath. | 7 | 7 | 0 | 590 | 318 | 14 |
| Bupa Luxol | 7 | 3 | 4 | 441 | 437 | 10 |
| Siggiewi Derby | 6 | 3 | 3 | 388 | 396 | 9 |
| Depiro Mtarfa | 6 | 2 | 4 | 355 | 378 | 8 |
| Tata Motors Loyola | 6 | 1 | 5 | 349 | 427 | 7 |

## Kampjonat II Diviżjoni Irġiel

**Vida Siggiewi** ........ 71
**Miscela D'Oro Mtarfa** ........ 49
(8-11, 18-12, 20-13, 25-13)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro



*Bupa Luxol v Rabat*

**Athleta** ....47
**Starlites Ker Grill** ....43
(10-14, 16-11, 8-6, 13-12)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Floriana Eurobasket Peugeot** ....81
**Mellieha Tritones** ....58
(17-20, 27-10, 16-16, 21-12)
Referis: JP Sammut, C. Terribile

**Athleta** ....63
**Bell Net SN Suns** ....46
(15-14)(16-10)(15-13)(17-9)
Referis: C. Terribile, B. Sly

**Vida Siggiewi** ....68
**Mellieha Tritones** ....70
(16-18, 25-13, 18-18, 9-21)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Floriana Eurobasket Peugeot** ....71
**Starlites Ker Grill** ....37
(19-4, 18-17, 20-10, 14-6)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

Klassifika

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana Euro. Peugeot | 7 | 6 | 1 | 479 | 361 | 13 |
| Vida Siggiewi | 7 | 5 | 2 | 463 | 401 | 12 |
| Athleta | 7 | 5 | 2 | 362 | 330 | 12 |
| Mellieha Tritones | 7 | 4 | 3 | 431 | 455 | 11 |
| Starlites Ker Grill | 7 | 3 | 4 | 381 | 398 | 10 |
| Bell Net SN Suns | 7 | 1 | 6 | 379 | 440 | 8 |
| Miscela D'Oro Mtarfa | 6 | 0 | 6 | 290 | 396 | 6 |

## BOV Knock-Out II Diviżjoni Irġiel

### Semi Finali

**Floriana Eurobasket Peugeot** ....52
**Starlites Ker Grill** ....63
(17-15, 14-12, 14-13, 7-23)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Vida Siggiewi** ....47
**Miscela D'Oro Mtarfa** ....39
(17-15, 14-12, 14-13, 7-23)
Referis: JP Sammut, A. Carbonaro

## Detur Shield II Diviżjoni Irġiel

### Semi Finali

Starlites Ker Grill ....41
Vida Siggiewi ....51
(8-7)(10-12)(17-15)(6-17)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

Floriana Eurobasket Peugeot ....40
Athleta ....44
(7-3, 14-13, 8-14, 11-14)
Referis: JP Sammut, C. Terribile

### Final

Vida Siggiewi ....61
Athleta ....41
(22-8, 14-12, 12-9, 13-12)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

## Rebbieħa kollha

1999 St. Georges
2000 St. Georges
2001 St. Georges
2002 Mosta
2003 Floriana
2004 ma saritx
2005 Floriana
2006 Qormi Kia
2007 Mellieha SVS
2008 St. James Hospital
2009 Mellieha Bullets
2010 Floriana
2011 Vida Siggiewi

## Kampjonat Nazzjonali Nisa

### It-Tieni Rawnd

**Starlites Sports Experience** .... 50
**Guzelpinar Mtarfa** .... 44
(14-7, 10-10, 14-13, 12-14)
Referis: E. Mangani, R. Darmanin

**Alyssa Ashley Loyola** .... 30
**Hibs Medsea** .... 47
(6-15, 5-14, 12-7, 7-11)
Referis: A. Carbonaro, E. Mangani

**St. Andrew's** .... 39
**McDonalds Depiro** .... 67
(6-20, 11-11, 6-22, 16-14)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Athleta** .... 36
**Luxol** .... 52
(6-15, 8-8, 16-9, 6-20)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Guzelpinar Mtarfa** .... 43
**Luxol** .... 100
(8-23, 14-27, 9-26, 12-24)
Referis: J. Mangani, R. Darmanin

**Hibs Medsea** .... 50
**St. Andrews** .... 35
(17-10, 3-10, 16-3, 14-12)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**McDonalds Depiro** .... 73
**Starlites Sports Experience** .... 20
(24-2, 13-8, 21-9, 15-1)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Alyssa Ashley Loyola** .... 41
**Athleta** .... 50
(13-15, 11-9, 7-10, 10-16)
Referis: C. Terribile, B. Sly

Klassifika

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| McDonalds Depiro | 11 | 10 | 1 | 764 | 430 | 21 |
| Luxol | 11 | 10 | 1 | 735 | 403 | 21 |
| Hibs Medsea | 11 | 9 | 2 | 693 | 373 | 20 |
| Athleta | 11 | 5 | 6 | 505 | 493 | 16 |
| Alyssa Ashley Loyola | 11 | 5 | 6 | 475 | 587 | 16 |
| St. Andrews | 11 | 3 | 8 | 410 | 638 | 14 |
| Starlites Sports Exp. | 11 | 2 | 9 | 383 | 649 | 13 |
| Guzelpinar Mtarfa | 11 | 0 | 11 | 363 | 692 | 11 |

## Detur Shield Nisa

### Finali

Hibs Medsea ....57
Alyssa Ashley Loyola ....36
(17-9, 17-12, 12-11, 11-4)
Referis: JP Sammut, A. Carbonaro

## Rebbieħa kollha

1990 Floriana
1991 Luxol Plasmon
1992 Luxol Plasmon
1993 Floriana F. Fenech
1994 Luxol Fitgar
1995 Hibs Selekta
1996 B'kara M.F.S.
1997 Hibernians
1998 Hibernians
1999 Hibernians
2000 Naxxar Danone
2001 Hibs Go Mobile
2002 Depiro
2003 Hibs Go Mobile
2004 ma saritx
2005 Depiro Still
2006 Depiro Still
2007 Hibs Medsea
2008 Hibs Medsea
2009 Luxol Ergon Projects
2010 Luxol
2011 Hibs Medsea

## Tazza Louis Borg Nisa

### Kwarti Final

**Athleta** ....35
**Hibs Medsea** ....66
(5-15, 13-21, 4-18, 13-12)
Referis: A. Carbonaro, B. Sly

**Guzelpinar Mtarfa** ....28
**St. Andrews** ....50
(5-6, 5-16, 11-14, 7-14)
Referis: JP Sammut, J. Mangani

### Semi Final

**Luxol** ....55
**McDonalds Depiro** ....58
(23-10, 13-21, 11-17, 8-10)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Hibs Medsea** ....73
**St. Andrews** ....32
(17-8, 17-8, 17-9, 22-7)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U HINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 30 ta' Jannar 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**U*Bet C'Ship Heat 1**
1 Napoleon Hjo (David Ellul)
2 Vasterbo Lymmel (Raymond Clifton)
3 Delvin's Buckaboo (Jeffrey Pace)
4 Luriga Liz (George Attard)

**RACE 2 - (2140m) Class Copper**
**U*Bet C'Ship Heat 2**
1 Pretty Post (David Ellul)
2 Supremo As (Christian Xerri)
3 Staro Braveheart (Rodney Gatt)
4 Nashville Victory (Shaun Portelli)

**RACE 3 - (2140m) Class Copper**
**U*Bet C'Ship Heat 3**
1 Arragon Crown (James Briffa)
2 Vasterbo Breezy (Shaun Formosa)
3 Mirall Composite (Michael Ellul)
4 Cash Collector (Andy Mifsud)

**RACE 4 - (2140m) Class Bronze**
**U*Bet C'Ship Semi Final 1**
1 Belbroughton Road (Carl Caruana)
2 Super Swede (Kevin Sciberras)
3 Apple Tooma (Charles Camilleri)
4 Rybo Juvel (Julian Farrugia)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold**
**U*Bet C'Ship Heat 1**
1 Notice As (Carl Caruana)
2 The Big Blue World (James Briffa)
3 Jigsaw (Darren Mizzi)
4 Race Ball (Tony Demanuele)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver**
**U*Bet C'Ship Semi Final 1**
1 Prince Brilliance (Charles Camilleri)
2 Noble Spirit (Noel Baldacchino)
3 Ironbar (Julian Farrugia)
4 G.Force Son (Brian Zammit)

**RACE 7 - (2140m) Class Gold**
**U*Bet C'Ship Heat 2**
1 Livi Cantona (Julian Farrugia)
2 Lover Boy Index (Mark Desira)
3 Tornado Hornline (Charles Camilleri)
4 Biggles Coquet (Jason Vassallo)

**RACE 8 - (2140m) Class Silver**
**U*Bet C'Ship Semi Final 2**
1 Gigo Lloyd (Charles Camilleri)
2 Matador Knick (Carmelo Farrugia)
3 Family's Moonlight (James Carabott)
4 Energy Launcher (Alex Cortis)

**RACE 9 - (2140m) Class Gold**
**U*Bet C'Ship Heat 3**
1 Gentle Way (Eric Bezzina)
2 Mint Spirit (Frank Portelli)
3 Kosai L.J. (Francis Cassar)
4 Lonshults Anders (Shaun Portelli)

**RACE 10 - (2140m) Class Bronze**
**U*Bet C'Ship Semi Final 2**
1 Robin Lou (Michael Ellul)
2 Kung Fjalar (Mark Desira)
3 Internet (Raymond Clifton)
4 Lady June (Carl Caruana)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 6 ta' Frar 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Glowing Star (George Attard)
2 Miami du Coq (Ludvic Ghigo)
3 Minuteman (Noel Baldacchino)
4 Lucky Sam de Court (Emmanuel Gafa)

**RACE 2 - (2640m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Ludo Pellois (Charlo Debono)
2 Lorrain d'Oliverie (Brian Hili)
3 Pondus Sund (George Attard)
4 Kenor Celeste (Raymond Clifton)

**RACE 3 - (2640m) Class Bronze**
**Caqnu Beer Bronze Race**
1 Jeans de Bannes (Charlo Debono)
2 Okapi d'Avril (Jason Cordina)
3 Gandhi Brogard (Carmelo Farrugia)
4 Ksar (Kurt Saliba)

**RACE 4 - (1750m) Class B**
**Flat Race**
1 Ollie Fliptrik (Sarah Borg)
2 Genievre (Charles Pace)
3 Salsiane (Michael Sultana)
4 Tantalus (Oliver Briffa)

**RACE 5 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Natif du Moulin (Carmelo Farrugia)
2 Notre Bellouet (Clive Gerada)
3 Flying As (Jonathan Farrugia)
4 Newman (Kevin Sciberras)

**RACE 6 - (2640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 L'Un des Olivettes (Rodney Gatt)
2 Le Major (Frank Portelli)
3 Midoun du Home (Tony Mallia)
4 Soren Sufflor (Charles Camilleri)

**RACE 7 - (1750m) Class A**
**Flat Race**
1 Giada Med (Ramon Grima)
2 Mean Mr Mustard (Michael Sultana)
3 Nikos Heriniere (Oliver Briffa)
4 Wildnis (Sarah Borg)

**RACE 8 - (2640m) Class Premier**
**Empire Cinema Premier Race**
1 Ker Pellois (James Briffa)
2 Lucky Fan (Carl Caruana)
3 Bill Boing (Carmelo Farrugia)
4 Kamis de l'Eveche (Salvu Vella)

**RACE 9 - (2640m) Class Bronze**
**Caqnu Beer Bronze Race**
1 Nox Blue (Brian Hili)
2 Judon du Cap Vert (Noel Baldacchino)
3 Lady Holmely (Herman McKay)
4 Noli de Marray (Patrick Spiteri)

## Tiġrijiet tal-Ħamis, 10 ta' Frar 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Hulegardens Filur (Noel Baldacchino)
2 General (Rodney Gatt)
3 Joker du Cornica (Victor Grech)
4 Mistral du Chene (Michael Ellul)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze**
**Caqnu Beer Bronze Race**
1 King Boy du Dane (Charlo Debono)
2 Mezio Josselyn (Victor Fenech)
3 Word Xing (Rodney Gatt)
4 Keifer Trot (Mario Farrugia)

**RACE 3 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Tip Tip Tap (Mario Bugeja)
2 Mambo du Mont (Jonathan Zammit)
3 Nep (Noel Baldacchino)
4 Notello de Brival (Joe Schembri)

**RACE 4 - (2140m) Class Copper**
**U*Bet C'Ship Copper Final**
1 Supremo As (Christian Xerri)
2 Pretty Post (David Ellul)
3 Staro Braveheart (Brian Zammit)
4 Vasterbo Lymmel (Raymond Clifton)

**RACE 5 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Netter Williams (Redent Magro)
2 Lutan Villetot (Charles Camilleri)
3 Nasdaq du Closet (Andrew Farrugia)
4 Look Castelets (Shaun Formosa)

**RACE 6 - (2140m) Class Bronze**
**U*Bet C'Ship Bronze Final**
1 Robin Lou (Michael Ellul)
2 Internet (Raymond Clifton)
3 Super Swede (Kevin Sciberras)
4 Dandy (Robert Polidano)

**RACE 7 - (2640m) Class Premier**
**Empire Cinema Premier Race**
1 Major Chaleonnais (Charlo Debono)
2 Master Perrine (Herman McKay)
3 Mon Daniel (James Carabott)
4 Malin Roro (Mario Farrugia)

**RACE 8 - (2140m) Class Silver**
**U*Bet C'Ship Silver Final**
1 Gigo Lloyd (Charles Camilleri)
2 Ironbar (Julian Farrugia)
3 Noble Spirit (Noel Baldacchino)
4 Energy Launcher (Alex Cortis)

**RACE 9 - (2640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Neo de Mira (George Muscat)
2 Kalipso Pierji (Michael Ellul)
3 Maestro d'Eloges (Kevin Sciberras)
4 Race Ball (Tony Demanuele)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 13 ta' Frar 2011

**RACE 1 - (2640m) Class Copper**
**Poligas Ltd Copper Race**
1 Newmarket Boy (Shaun Portelli)
2 Judoka du Rib (Joe Farrugia)
3 Jeo de Touvois (Chris Vassallo)
4 Facilon (France Bowell)

**RACE 2 - (2640m) Class Bronze**
**Caqnu Beer Bronze Race**
1 Larissa du Breil (Cliferty Calleja)
2 Kendo de l'Aron (Brian Hili)
3 Noel de Corneville (Noel Baldacchino)
4 Royal Qui (Alex Farrugia)

**RACE 3 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Chilly Beast (Herman McKay)
2 Jet de Mee (Clint Vassallo)
3 Lonestar Somolli (Brian Zammit)
4 Niko de Chamant (Victor Fenech)

**RACE 4 - (2640m) Class Silver**
**Poligas Ltd Silver Race**
1 Nuthan d'Emi (Carl Caruana)
2 Magnum (Carmelo Farrugia)
3 Cocos Kaos (Jason Vassallo)
4 Tinto E. (Brian Zammit)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold**
**U*Bet C'Ship Gold Final**
1 Lover Boy Index (Mark Desira)
2 Mint Spirit (Frank Portelli)
3 Gentle Way (Eric Bezzina)
4 Kosai L.J. (Francis Cassar)

**RACE 6 - (2640m) Class Bronze**
**Caqnu Beer Bronze Race**
1 Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
2 Tintin Haleryd (Cliferty Calleja)
3 Pout de Quelaines (David Galea)
4 Naja du Tija (Francis Felice)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier**
**U*Bet C'Ship Premier Final**
1 Think Yatzee (Clint Vassallo)
2 Flash Coger (Julian Farrugia)
3 Wiss Night Hawk (Charles Camilleri)
4 Isolated (Noel Baldacchino)

**RACE 8 - (2640m) Class Gold**
**Polidano Group Gold Race**
1 Max Galbe (Carmelo Agius)
2 Intrus des Rioults (Carmelo Micallef)
3 Lonshults Anders (Shaun Portelli)
4 L'An Deux Milles (Christopher Cassar)


Ollie Fliptrik - race 4


Giada Med - race 7


Major Chaleonnais - 7th race

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 20 ta' Frar 2011

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**Caqnu Beer Bronze Race**
1 Mirall Composite (France Tanti)
2 Major de Clerlande (John M. Seychell)
3 Flying Spur (Tony Demanuele)
4 Conrads Circle (Kevin Sciberras)

**RACE 2 - (2140m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Mario d'Orbec (Francis Cassar)
2 Nympheta de Bisoir (Jonathan Farrugia)
3 Keifer Trot (Mario Farrugia)
4 Lady Holmely (Herman McKay)

**RACE 3 - (2140m) Class Silver**
**Empire Cinema Silver Race**
1 Ouragan de Valsoiz (Emmanuel Garzia)
2 Mezio Josselyn (Victor Fenech)
3 Master Lupin (Rodney Gatt)
4 Sweep The Floor (Carmelo Farrugia)

**RACE 4 - (2250m) Class A**
**G&G VIP Bar & Restaurant (Enq.99499328)**
1 Uncle Bertie (Michael Sultana)
2 Ollie Fliptrik (Sarah Borg)
3 Life Is Now (Oliver Briffa)
4 Genievre (Charles Pace)

**RACE 5 - (2140m) Class Silver**
**Empire Cinema Silver Race**
1 Niko de Chamant (Victor Fenech)
2 Stainless Steel (Charles Camilleri)
3 Robin Grain (Julian Farrugia)
4 Kandy du Fruitier (Noel Baldacchino)

**RACE 6 - (2140m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Belbroughton Road (Carl Caruana)
2 Syllabub (Rodney Gatt)
3 Pout de Quelaines (David Galea)
4 Zut (Joe Schembri)

**RACE 7 - (2140m) Class Bronze**
**Polidano Group Bronze Race**
1 Noe de Loudat (Francis Cassar)
2 Marchallach (Paul Gauci)
3 Kejser Engely (Rueben Azzopardi)
4 Dandy (Robert Polidano)

**RACE 8 - (2140m) Class Silver**
**Empire Cinema Silver Race**
1 Front (Nathaniel Barbara)
2 Kobber Dust (Darren Mizzi)
3 Kaki de Peyrahout (Emmanuel Gafa)
4 Charlie Smitt (Shaun Formosa)


Lazume Simoni - race 6



Presentation of U Bet Cup to owner of Lover Boy Index


Neo De Mira - 9th race


Suprema As - 4th race



Presentation U Bet Cup to owner of Think Yatzee

 minn Kenneth Vella

## Dubai u Meydan...




*Il-jockey popolari Frankie Dettori u t-trainer minn Dubai tal-istalel Godolphin Saeed Bin Suroor wara success fil-korsa ta' Meydan. Fl-isfond tidher il-lukanda lussuża li tagħmel parti mill-kumpless.*

# Esperjenza unika

Riċentement kelli l-opportunità li nżur Dubai, fl-Emirati Għarab Magħquda. Dan mhux biss biex nara mill-viċin dan l-Emirat iżda fuq kollox biex inżur il-Kumpless impressjonanti ta' Meydan li nfetaħ ftit tax-xhur ilu. Matul iż-żjara tiegħi f'Meydan kelli ċ-ċans ukoll li niltaqa' personalment u niddiskuti l-iżvilupp tal-isport f'Dubai ma' Frank Gabriel JR, Amerikan li hu ċ-chairman tad-Dubai Racing Club u ma' uħud fost l-aqwa jockeys u trainers tal-galopp fid-dinja, fosthom il-jockeys Frankie Dettori u Kieran Fallon u t-trainer minn Dubai stess Saeed Bin Suroor.

**Sport bi storja twila**

F'Dubai l-isport tat-tiġrijiet għandu storja twila. Kien f'Ottubru, 1981, meta Dubai ospita l-ewwel tiġrijiet taż-żwiemel. Dawn saru f'korsa li fiha kienu jsiru tiġrijiet bl-iġmla u grazzi għall-intervent tax-Sheikh Mohammed Bin Rashid Al Maktoum, mexxej ta' Dubai u li huwa wkoll il-viċi president u Prim Ministru tal Emirati Għarab Maqgħuda u li tant għandu għal qalbu dan l-isport. Id-Dubai Racing Club twaqqaf, fl-1992, u ftit xhur wara infetħet il-korsa ta' Nad Al Sheba li mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni tal-aqwa jockeys mondjali.

Kien fis-27 ta' Marzu, 1996, li f'din il-korsa ġiet organizzata għall-ewwel darba l-famuża Dubai World Cup. Dan taħt il-patroċinju tal-istess Sheikh Al Maktoum. Matul is-snin, eluf żaru Dubai biex jaraw din it-tiġrija. Dan minbarra l-miljuni ta' spettaturi li jsegwuha permezz tat-televiżjoni. B'dan il-mod, iż-żwiemel Għarab setgħu wkoll jistabilixxu ruħhom fil-qasam tat-tiġrijiet tal-galopp mondjali. Fattur determinanti wkoll f'dan ir-rigward kien it-twaqqif tal-istalel Godolphin, fl-1994, amministrati mill-istess Sheikh Al Maktoum.

Matul is-snin, id-dirigenti tad-Dubai Racing Club komplew jieħdu aktar inizjattivi fosthom it-twaqqif tad-Dubai International Racing Carnival fl-2004 u l Winter Racing Challenge, fl-2006. Il-Karnival jibda, f'nofs Jannar, u jibqa' sejjer sal-bidu ta' Marzu bi premju globali ta' $35 miljun. It-tiġrijiet waqt il-Karnival jiġbdu kull sena lejn Dubai l-aqwa żwiemel tad-dinja.

Illum id-Dubai World Cup, waħedha, għandha premju ta' $10 miljuni u ssir fuq distanza ta' 2000 metru. Tiġrijiet oħra nternazzjonali li jiġu organizzati waqt l-istess laqgħa huma d-Dubai Duty Free, id-Dubai Sheema Classic, l-Al Quoz Sprint; id-Dubai Golden Shaheen; id-Derby tal-Emirati; il-Godolphin Mile u d-Dubai Kahayla Classic. Għal din il-laqgħa jkunu preżenti kull sena aktar minn 50,000 spettatur. Anke l-Maltin jistgħu jagħmlu dan grazzi għall-wieħed mill-vjaġġi offruti mil-linja tal-ajru Emirates Airline li topera wkoll minn Malta.

**Meydan**

Mis-sena li għaddiet, dawn it-tiġrijiet bdew jiġu organizzati fil-Kumpless maestuż ta' Meydan. Il-korsa ta' Meydan tagħmel parti minn dan iċ-ċentru modern li jinkludi wkoll faċilitajiet ta' divertiment, sport u kummerċ. Il-Kumpless jinsab erba' kilometri biss 'il bogħod minn Dubai Creek. L-idea tal-isem, Meydan, ġej minn kelma għarbija li tfisser "post fejn wieħed jiltaqa'".

Eżatt fin-nofs ta' dan il-Kumpless massiċċ issib il-korsa bi stand impressjonati fuq 1.6 kilometru li kapaċi jospita 60,000 spettatur u lukanda lussuża (ta' ħames stilel) eżatt biswit il-korsa. Il-Kumpless jinkludi wkoll faċilitajiet tat-taħriġ u tat-tagħmir taż-żwiemel u stabbilimenti tal-ikel u divertiment, jospita wkoll il-Mużew tat-tiġrijiet, cinema tat-tip IMAX; l-uffiċji tad-Dubai Racing Club u dawk



*Kenneth Vella flimkien mal-jockey ta' fama mondjali Frankie Dettori.*




*Dettori u Bin Suroor premjati fil-korsa ta' Meydan.*

tal-Awtorità tat-tiġrijiet tal-pajjiż. Fil-parkeġġ tal-kumpless hemm spazju għal 8600 karozza. Wieħed jista' jsemmi wkoll l-uffiċċji li minnhom jaħdmu wħud fost l-aqwa kumpaniji multinazzjonali u Meydan Godolphin Parks li hija wkoll żona ta' rilassament u divertiment.

Kif għedt qabel, il-Kumpless ta' Meydan jospita kull sena l-laqgħa ta' tiġrijiet relatata mad-Dubai World Cup. Dan grazzi għall-korsa tat-tip all weather tapeta fuq distanza ta' 1750 metru; korsa oħra tal-ħaxix fuq 2400 metru, żona għat-taħriġ, stalel, u stores fejn jitpoġġew affarijiet li jintużaw waqt it-tiġrijiet.

Il-jockey popolari, Frankie Dettori, twieled l-Italja u jgħix l-Ingilterra. Huwa kkunsidrat l-aqwa jockey tal-galopp. Dettori hu l-jockey tal-istalel Godolphin, proprjetà tax-Sheikh Mohammed Bin Rashid Al Maktoum. Dettori ddeskriva l-Kumpless ta' Meydan bħala state of the art b'korsa fantastika. "Dan hu kumpless li għandu l-aqwa faċilitajiet. Qishom l-inġiniera qabdu l-aqwa elementi ta' kull korsa fid-dinja u għaqduhom kollha flimkien fil-bini ta' Meydan," qal Dettori. Dwar l-involviment tiegħu mal-istalel Godolphin, Dettori kkummenta li ilu l-jockey numru wieħed ta' dawn l-istalel għal dawn l-aħħar 16–il sena u qatt ma kien ibassar li sal-lum bi żwiemel ta' dawn l-istalel kien se jirbaħ 'il fuq minn 100 tiġrija ta' grupp wieħed. Il-jockey irringrazzja wkoll lis-Sheikh Al Maktoum tal-fiduċja li wera fih. Mistoqsi dwar liema kienet l-isbaħ rebħa tiegħu s'issa f'Dubai, Frankie Dettori sostna li din kienet ir-rebħa b'Dubai Millennium fil-finali ta' Dubai World Cup fis-sena, 2000.

It-trainer ewlieni tal-istalel Godolphin hu Saeed Bin Suroor li hu wkoll minn Dubai. Hu qalli li beda l-karriera tiegħu 17–il sena ilu meta kien trainer taż-żwiemel tal-familjari tiegħu stess u f'Dubai kien hemm biss koros żgħar. "Dan l-isport minn dejjem kien jagħmel parti mill-kultura tagħna u qrabati dejjem kienu f'dan l-isport. Konna anke nagħmlu breeding biż-żwiemel tagħna. Iżda, mill-1990 'il quddiem, dan l-isport f'Dubai u l-Emirati ħa żvolta oħra u avvanza 'l quddiem. Dan grazzi għax-Sheikh Al Maktoum," qalli Bin Suroor.

Hu żied jgħid li kien unur għalih li s-Sheikh għażlu jkun it-trainer ewlieni taż-żwiemel tiegħu. "Fi ħdan Godolphin nagħżlu u nixtru l-aqwa żwiemel minn madwar id-dinja. Dan barra li għandna ċentri tal-breeding u stalel eċċellenti mxerrda madwar id-dinja. Sal-lum irbaħna l-aktar tiġrijiet importanti fix-xena nternazzjonali. Illum, għandna 'l fuq minn 300 żiemel fl-istalel Godolphin," ikkonkluda Saeed Bin Suroor.

Il-jockey Irlandiż, Kieren Fallon, hu tal-opinjoni li l-Kumpless modern ta' Meydan hu kkumplimentat ukoll mit-temp sabiħ ta' Dubai speċjalment matul ix-Xitwa. "Inħossni vera xxurtjat li jockeys kbar, fil-qasam tal-galopp internazzjonali, bħal Luca Cumani tawni ċ-ċans li nsuq hawnhekk. Nittama li jkolli wkoll iċ-ċans nikkompeti wkoll fid-Dubai World Cup li hija tiġrija bl-akbar premju fid-dinja u li kull jockey joħlom li xi darba jirbaħha fil-karriera tiegħu," ikkonkluda Fallon.

Waqt iż-żjara tiegħi fil-Kumpless ta' Meydan kellna wkoll sorpriża sabiħa u mhux mistennija meta għal ftit minuti resaq viċin tagħna wkoll ix-Sheikh Mohammed Bin Rashid Al Maktoum li mal-wasla tiegħu ingħata merħba kbira mill-eluf preżenti għal din il-laqgħa ta' tiġrijiet. Osservajt mill-viċin lil Al Maktoum ikellem lill-jockey Frankie Dettori u lil Bin Suroor dwar il-preparazzjoni taż-żwiemel tiegħu. Wieħed japprezza l-fatt li għalkemm Al Maktoum huwa l-aktar persuna mportanti, influwenti u potenti f'Dubai u minħabba f'hekk kien imdawwar minn numru ta' uffiċjali tas-sigurtà, xorta tħallejna nkomplu naħdmu viċin tiegħu mingħajr ebda diffikultà.

Fi tmiem din il-mawra, f'Dubai, nista ngħid li bqajt verament impressjonat u nemmen li fil-preżent m'hawn l-ebda Kumpless ta' tiġrijiet fid-dinja fil-livell ta' Meydan. Inħeġġeg lil kull dilettant ta' dan l-isport biex iżur Dubai u jekk ikollu ċ-ċans jassisti għall-famuża Dubai World Cup li din is-sena se ssir, is-Sibt 26 ta' Marzu, li ġej.

Finalment nirringrazzja lis-Sur Paul Fleri Soler, Manager ta' Emirates Airline għal Malta u Ċipru u lil Rachel Vella ta' Rocs Travel li għamlu ż-żjara tiegħi, f'Dubai, possibbli. Bħalissa Rocs qiegħdin joffru wkoll offerti speċjali fl-okkażjoni tad-Dubai World Cup.

*(Ritratti Dubai Edmund Curmi)*



*Fost il-personalitajiet preżenti fil-korsa ta' Meydan kien hemm ukoll ix-Sheikh Mohammed Bin Rashid Al Maktoum il-moħħ wara l-bini tal-kumpless Meydan u li huwa wkoll il-mexxej ta' Dubai, Viċi President u Prim Ministru tal-Emirati Għarab Magħquda*

European U/17 Snooker Open

# Zak Barton Champion 2011

## - Chris Peplow jitlef 4-2 fil-Kwarti-Finali



*Zak Barton*



*Liam Clark,*
*ir-referee Emmanuel Fiott*
*u Chris Peplow*

**L-Ingliż Zak Barton rebaħ il-ħames edizzjoni tal-European U/17 Snooker Open meta fil-final għeleb lil Ross Muir ta' l-Iskozja 5-1. Ir-rebbieħ ingħata €300 filwaqt li l-finalist tellief ingħata €100.**

Chris Peplow, li kien l-uniku plejer Malti li għadda għall-kwarti finali, f'din l-edizzjoni tal-European U/17 Snooker Open tilef, 4-2 (74-40, 23-72, 33-65, 34-44, 63-23, 38-64) kontra il-plejer Ingliż Liam Clark.

Minn Grupp B, Peplow għeleb lil Andrew Doherty tal-Irlanda 3-2 u lil Dylan Cassar 3-1 filwaqt li tilef kontra Ruberg Schachar (Iżrael) 1-3.

Il-plejers l-oħra Maltin kellhom prestazzjonijiet tajbin ukoll. Luke Borg, fil-fażi tal-gruppi rebaħ lil Ross Doyle tal-Irlanda 3-0 filwaqt li tilef 2-3 kontra Liam Clark (Ingilterra) u 1-3 kontra l-Iskoċċiż Rhys Clark .

Kemm Rhys Clark kif ukoll Liam Clark għaddew għas-semi-finali. Ryan Pisani kiseb rebħa ta' 3-0 fuq James Paul tal-Ingilterra, telfiet ta' 2-3 kontra Glenn Dossche (Belġju) u ta' 1-3 kontra Olli-Pekka Virho (Finlandja).

Min-naħa tiegħu, Mathew Zammit, li kellu grupp ferm diffiċli għamel rebħa tajba ta' 3-2 fuq Dylan Scully tal-Irlanda u tilef 0-3 kontra Zak Barton u Ross Muir, ir-rebbieħ u l-finalist rispettivament.

Ta' min ifakkar li, is-sena li għaddiet, l-ebda plejer Malti ma' għadda għall-kwarti-finali filwaqt li, fl-2007, Thurston Grixti kiseb l-aħjar prestazzjoni meta spiċċa fit-tielet post b'rebħa ta' 3-1 fuq Nicky Godeyne tal-Belgju u, fl-2008 u l-2009, Shaun Sultana kiseb ir-raba' u l-ħames post rispettivament.

Fit-tliet riżultati l-oħra tal-kwarti-finali, Zak Barton (Ingilterra) għeleb lil Olli-Pekka Virho (Finlandja) 4-0, Rhys Clark (Skozja) għeleb lil Ruberg Schachar (Iżrael) 4-3 filwaqt li Ross Muir (Skoċċiż) għeleb lil Glenn Dossche (Belġju) 4-0.

Fis-semi-finali, Zak Barton għeleb lil Rhys Clark 4-2 filwaqt li Ross Muir għeleb lil Liam Clark 4-2 ukoll.

L-ogħla break ta' dan it-tournament, li kien dak ta' 107, sar minn Ross Muir filwaqt li Zak Barton għamel break ta' 100. L-ogħla break li sar mill-plejers Maltin kien dak ta' Chris Peplow li rreġistra 66 punt.

Il-European U/17 Snooker Open ġie organizzat minn Pro Am Snooker u sponsorjat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, Bank of Valletta, San Antonio Hotel & Spa u Apple Snooker Club.

## EUROPEAN U/17 SNOOKER OPEN - 2011
## KIF SPICCAW FIL-GRUPPI

| Group A | L | R | T | FF | FK | DF | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 Olli Pekka Virho (Finlandja) | 3 | 3 | 0 | 9 | 2 | 7 | 6 |
| 2 Glenn Dossche (Belgju) | 3 | 2 | 1 | 7 | 6 | 1 | 4 |
| 3 Ryan Pisani (Malta) | 3 | 1 | 2 | 6 | 6 | 0 | 2 |
| 4 James Paul (Ingilterra) | 3 | 0 | 3 | 1 | 9 | -8 | 0 |

| Group B | L | R | T | FF | FK | DF | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 Ruberg Shachar (Izrael) | 3 | 3 | 0 | 9 | 2 | 7 | 6 |
| 2 Chris Peplow (Malta) | 3 | 2 | 1 | 7 | 6 | 1 | 4 |
| 3 Andrew Doherty (Irlanda) | 3 | 1 | 2 | 6 | 6 | 0 | 2 |
| 4 Dylan Cassar (Malta) | 3 | 0 | 3 | 1 | 9 | -8 | 0 |

| Group C | L | R | T | FF | FK | DF | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 Liam Clark (Ingilterra) | 3 | 3 | 0 | 9 | 2 | 7 | 6 |
| 2 Rhys Clark (Skozja) | 3 | 2 | 1 | 6 | 6 | 0 | 4 |
| 3 Luke Borg (Malta) | 3 | 1 | 2 | 6 | 6 | 0 | 2 |
| 4 Ross Doyle (Irlanda) | 3 | 0 | 3 | 2 | 9 | -7 | 0 |

| Group D | L | R | T | FF | FK | DF | PTS |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 Ross Muir (Skozja) | 3 | 3 | 0 | 9 | 1 | 8 | 6 |
| 2 Zak Barton (Ingilterra) | 3 | 2 | 1 | 7 | 3 | 4 | 4 |
| 3 Mathew Zammit (Malta) | 3 | 1 | 2 | 3 | 8 | -5 | 2 |
| 4 Dylan Scully (Irlanda) | 3 | 0 | 3 | 2 | 9 | -7 | 0 |

minn Vincent Pisani



# Malta tegħleb lill-Irlanda 5-2 f'logħba ta' ħbiberija

Iż-żgħażagħ Maltin kisbu rebħa prestiġġjuża ta' 5-2 kontra l-Irlanda f'logħba internazzjonali tal-isnooker, fl-Apple Snooker Club.

Għat-tim Malti lagħbu Thurston Grixti, Wayne Pace u Shaun Sultana, tliet żgħażagħ li fis-snin preċendenti ħadu sehem fil-European U/17 Snooker Open filwaqt li t-tim Irlandiż kien magħmul minn Andrew Doherty, Dylan Scully u Ross Doyle.

Shaun Sultana fetaħ tajjeb b'rebħa faċli ta' 80-26 fuq Ross Doyle iżda tilef 38-78 kontra Dylan Scully.

Min-naħa tiegħu, Wayne Pace, rebaħ iż-żewġ frames tiegħu 45-17 kontra Dylan Scully u 76-33 kontra Andrew Doherty.

Thurston Grixti beda tajjeb meta rebaħ lil Andrew Doherty 71-17 biex wara huwa tilef 17-58 kontra Ross Doyle. Grixti, iżda, issiġilla r-rebħa bi skor kbir meta għeleb lil Dylan Scully 72-9 u anke għamel break ta' 47 biex it-tim Malti kiseb riżultat ferm prestiġġjuż b'rebħa ta' 5-2.

Ir-referi tal-logħba kien Emmanuel Fiott.

Il-logħba kienet organizzata u sponsorjata minn Pro Am Snooker.



*Wayne Pace, Thurston Grixti u Shaun Sultana*



*uħud mil-players parteċipanti*



# Kampjonat 1953-54

## • Floriana jieħdu skoss qawwi fit-tentattiv li jirbħu l-kampjonat għall-ħames darba infila

### Il-Ħdax-il Ġurnata

**27-03-1954:**
**Valletta FC – Rabat FC 2-2**
**H.T 1-2**
**Ref: Walter (Watty) A.Gatt**
**Skurjaw: L. Pace (V) 17', L. Sammut (R) 36', C. Theuma (R) 40' u Ċ. Muscat (V) 47'**

*Valletta FC*: Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Albert Lewis, Ċensu Muscat, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Freddie Farrugia, John Piccinino, Leli 'Il-Pesa' Pace, Silvio Rapinett, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*Rabat FC*: Ninu Micallef, Alfie Pearson, Joe Cilia, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Donald MacDonald, Leli Sammut, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, John 'Iz-Zikizokk' Azzopardi.

1. Valletta taw id-debutt lil Albert Lewis li daħal minflok Lewis Azzopardi li emigra lejn il-Kanada.

**28-03-1954:**
**Floriana FC – Hibernians 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: BSM Joseph Galea (RMA)**
**Skurjaw: C. Bennetti (F) 36', o.g C. Tabone (F) 46' u T. Cauchi (F) 80'.**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Carm Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Stanley Williams, Tony 'Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Hibernians FC*: Johnnie 'Skipper' Formosa, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, John Gatt, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Anthony 'Skitu' Spiteri, Jean Claude Coulon, Fredu Church, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**03-04-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – Melita FC 5-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Joseph Spiteri**
**Skurjaw: T. Nicholl (S) 28', 36' u 61', R. Edwards (S) pen. u M.Walsh (S) 90'.**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Maurice Walsh, Piju Lebrun, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Salvinu Schembri.

*Melita FC*: Edwin Zammit, William (Bill) MacDonald, Albert Grech, Ġusi Borg, Henry Hayston, George Bencini, Spiteri, Peter Cornish, Bertie Agius, Rene Formosa, Lino Maistre.

1. Għal darb'oħra Tony Nicholl kien protagonista f'rebħa tal-Wanderers fuq Melita meta għal darb'oħra skorja hat-trick. Huwa kien diġà skorja hat-trick fil-partita tal-ewwel round kontra l-istess Melita biex żamm ir-rekord tiegħu li jiskorja dejjem fil-kampjonat kontra il-ġirien. B'kollox Nicholl skorja 30 goal fi 12-il partita tal-kampjonat kontra Melita fosthom sitt darbiet hat-trick, doppjetta f'erba' okkażjonijiet oħra filwaqt li fi Frar tal-1945 kien skorja erba' goals fir-rebħa ta' 8-1.

2. Melita komplew iżidu mal-problemi f'din il-partita meta ftit wara t-tielet goal ta' Nicholl l-attakkant tagħhom Spiteri weġġa' u kellu jittieħed l-isptar wara li qala' spalltu.

**04-04-1954:**
**Birkirkara FC – Ħamrun Sp. FC 2-2**
**H.T 2-0**
**Ref: Flt. Sgt. James Tuckett (RAF)**
**Skurjaw: L. Saliba (B) 10' u 37', Ġ. Buttigieg (Ħ) 48' u R. Psaila (Ħ) pen. 62'.**

*Birkirkara FC*: William Templeman, Lewis Caruana, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Kenneth Valenzia, Fredu Preca, Bob Bonavia, Victor Farrugia, Lieut. Stephen Samut Tagliaferro, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Leli 'Il-Likku' Saliba, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Ħamrun Sp. FC*: Joe La Rosa, Johnnie Alamango, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Loretu Scicluna, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Carmelo 'Nene' Grech, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

1. Carmelo Grech, magħruf bħala 'Nenè', kien qed jagħmel id-debutt tiegħu ma' Ħamrun Spartans. Tul il-karriera tiegħu huwa dejjem baqa' plejer tal-Ispartans. Fis-snin tmenin, disgħin u elfejn anke ibnu Marco Grech ukoll lagħab għal żmien twil dejjem bil-flokk ta' Ħamrun Spartans.

**Klassifika:** Floriana FC 17-il pt.; Sliema Wdrs. FC 16-il pt.; Valletta FC u Rabat FC 12-il pt.; Ħamrun Sp. FC 11-il pt.; Hibernians FC 9 pti.; Birkirkara FC 7 pti. u Melita FC 4 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 10 goals; R. Psaila (Ħamrun Sp. FC) u L. Pace (Valletta FC) 7 goals u C. Theuma (Rabat FC) 6 goals.

### It-Tnax-il Ġurnata

**10-04-1954:**
**Ħamrun Sp. FC – Floriana FC 5-1**
**H.T 2-1**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi.**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 7', G. Psaila (Ħ) 39', 44' u 51', Ġ. Buttigieg (Ħ) 57' u F. Formosa (Ħ) 83'.**

*Ħamrun Sp.* FC: Joe La Rosa, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Carmelo 'Nene' Grech, Loretu Scicluna, Armando Drago, Romeo Formosa, George Jones, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

*Floriana FC*: Michael Galea, Carm Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Pullu Mousu, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Stanley Williams, Tony 'Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Iċ-ċansijiet ta' Floriana li jirbħu t-titlu għal ħames sena konsekuttiva ħadu daqqa ta' ħarta bis-sospensjoni sa tmiem l-istaġun tal-goalkeeper Ġużi Alamango u l-wing half Tony Vella. Huma sofrew telfa kbira kontra l-Ispartans u b'żewġ logħbiet għat-tmiem tilfu anke posthom fil-quċċata tal-klassifika.

**11-04-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 5-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Sgt. John Azzopardi.**
**Skurjaw: T. Nicholl (S) 9', G. Piccinino (V) 42', S. Nicholl (S) 60' u 66', S. Schembri (S) 68' u S. Nicholl (S) 87'.**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Joe 'Labre' Camilleri, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Salvinu Schembri.

*Valletta FC*: Mike 'Il-Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Ċensu Muscat, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Gejtu Piccinino, John Piccinino, Silvio Rapinett, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Leli 'Il-Pesa' Pace.

1. Ċensu Muscat ta' Valletta tkeċċa fl-40 minuta wara li pprotesta mar-referee talli ammonixxa lil Dwinu Schembri wara li dan xejjer bis-sieq lil Maurice Walsh b'ritaljazzoni. Muscat reġa' daħal fil-



Azzjoni bejn Floriana u Sliema Wanderers fl-1952/53

ground jaqbeż bil-ferħ żewġ minuti wara meta Valletta kisbu l-goal tad-draw qabel ma' żewġ membri tal-Kumitat ta' Valletta kkonvinċewh biex jerġa' joħroġ. Aktar tard il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kien issospenda lil Muscat għal partita, neħħieh minn captain u mmultah £1.

2. Fit-23 ta'April, 1954, il-Kunsill tal-MFA ma laqax protest ta' Valletta FC li kien ibbażat fuq l-ineffiċjenza tar-referee.

3. Gejtu u John Piccinino ta' Valletta huma tewmin.

4. Għal Valletta rritorna Joe Grech 'It-Tichy' għalkemm dan deher nieqes mit-training. Huwa kien ilu nieqes mit-telfa ma' Sliema Wanderers tal-5 ta' Diċembru, 1953.

**17-04-1954:**
**Hibernians FC – Birkirkara FC 0-0**
**Ref: Walter (Watty) A Gatt**

*Hibernians FC*: Johnnie 'Skipper' Formosa, Colin Tabone, Victor Portelli, Victor Formosa, Farrugia, Sunny Anastasi, Anthony 'Skitu' Spiteri, Jean Claude Coulon, J. Spiteri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

*Birkirkara FC*: William Templeman, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Bob Bonavia, Fredu Preca, Leli 'Il-Likku' Saliba, Kenneth Valenzia, Lieut. Stephen Sammut Tagliaferro, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Tarċisju Cuschieri, Eugenio Pace.

1. Tarċisju Cuschieri ta' Birkirkara FC kien ġie akkwistat mingħand Lija Athletics. Fis-sena ta' qabel huwa kien ħalla lill-klabb ta' Lija u wera x-xewqa li jsir referee.

2. Victor Portelli ta' Hibernians kien qed jilgħab l-aħħar partita tiegħu fil-kampjonat minħabba li emigra lejn Montreal il-Kanada tliet ijiem wara abbord in-Nea Hellas.

**18-04-1954:**
**Rabat FC – Melita FC 3-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Leli Spiteri**
**Skurjaw: L. Sammut (R) 23', C. Theuma (R) 29' u L. Vigar (R) 74'.**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Alfie Pearson, Joe Cilia, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Donald MacDonald, Paul 'It-Tiger' Micallef, Louis Vigar, Leli Sammut, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

*Melita FC:* Edwin Zammit, Patrick Feekry, Albert Grech, Joe Vella, Henry Hayston, George Bencini, Frankie Zammit, Peter Cornish, Bertie Agius, Rene Formosa, Salvu Borg.

1. Melita kienu qed jilagħbu mingħajr Bill MacDonald u Giusi Borg, tnejn mill-aqwa difensuri tagħhom, minħabba li kienu mweġġgħin.

**Klassifika:** Sliema Wdrs. FC 18-il pt.; Floriana FC 17-il pt.; Rabat FC 14-il pt.; Ħamrun Sp. FC 13-il pt.; Valletta FC 12-il pt.; Hibernians FC 10 pti.; Birkirkara FC 8 pti. u Melita FC 4 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 11-il goal; R. Psaila (Ħamrun Sp. FC), C. Theuma (Rabat FC) u L. Pace (Valletta FC) 7 goals u S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 goals.

# Aħbarijiet

Fit-22 ta' Marzu, 1954, ir-referee Flight Sergeant W. L. Kidd irriżenja mill-kariga ta' viċi-president tal-MFRA minħabba li kien wasal iż-żmien li jirritorna l-Ingilterra.

Fit-28 ta' Marzu, 1954, il-partita tat-Tielet Diviżjoni bejn Sta. Venera Lightnings u Għaxaq FC ġiet abbandunata seba' minuti mit-tmiem wara li r-referee ġie attakkat minn żewġ plejers ta' Ħal Għaxaq. Sal-ħin tal-abbandun Sta. Venera kienu qed jirbħu 1-0.

Fil-5 ta'April, 1954, Gunner Ġużi Alamango u Lance Bumbardier Tony Vella ġew sospiżi mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Armata wara li ħolqu l-inkwiet waqt partita bejn it-team tal-Armata u Sliema Wdrs. FC li nltagħbet fil-15 ta' Marzu, 1954. Alamango kien anke akkużat li wara li spiċċat il partita attakka lil wieħed mill-ispettaturi. Alamango ġie sospiż għal tliet xhur filwaqt li Vella ġie sospiż għal xahar. Iż-żewġ players kienu jilagħbu ma' Floriana fil-kampjonat Malti. Il-Greens issostitwixxewhom permezz ta' Mike Galea u Ġużi Bennetti. Alamango kien għadu kemm skonta sospensjoni twila li kienet ingħatatlu mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA fuq rapport li kien sar mill-klabb tiegħu stess. Is-sospensjoni kellha tibda tgħodd mis-16 ta' Marzu u għalhekk filwaqt li Alamango kien ser jitlef il-kumplament tal-istaġun, Lolly Vella kien ser jitlef biss partita waħda.

WasteServ Malta Ltd

# L-ewwel parti tal-impjant f'Sant'Antnin

# QEGĦDHA TAĦDEM



Bil-kooperazzjoni tiegħek, fil-faċilità għall-Irkupru ta' Materjal Riċiklabbli (Material Recovery Facility) ġewwa Sant' Antnin, matul l-2009 inġabru madwar 12-il miljun kilo ta' Karta, Plastik u Metall.

Dan l-impjant immodernizzat qiegħed jgħin biex inħarsu l-ambjent u nnaqsu l-iskart li jidħol fil-landfill.

# GRAZZI

*Dan il-proġett qed jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea*

**FOND TA' KOEŻJONI GĦAL MALTA 2004-2006**
**PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA**
**RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 70%**

# Core Stability - Often Forgotten

by Dr. Kirill Micallef Stafrace

Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science






Core Stability, sometimes also known as Core Strength( although strictly speaking this refers to the strength of the muscles that provide core stability) has been defined and described in various ways. The term was introduced in the 1980s and the definition I prefer is derived from the notes of a physical training course held in Loughborough in 2000, which describes Core Stability as 'the system the body uses for spinal support and to maintain muscular balance while at the same time providing a firm base from which other muscles can work ... allowing the body to maintain its posture'.

The concept of Core Stability is nothing new and has been in use for quite some time among sport medics, physiotherapists and musculoskeletal connoisseurs. Similar concepts are also found in traditional practices such as Yoga, Tai Chi, Daoyin and Pilates.

More and more athletes , from all sporting disciplines, are incorporating Core Stability into their training regimen. The reason is twofold, firstly a well supported spine means that there is less risk of injury and secondly, a firm base of support implies better performance. However, having good Core Stability does not only apply to athletes as after all research has clearly shown that 80% of us will experience low back pain during our life and for 60% this will likely recur.

Core Stability training can be used for the whole spine and pelvis , but often training is limited to the lower back or lumbar region, unless specific problem areas have been identified. It is not the scope of this article to enter into an in depth discussion of how to undertake a Core Stability programme, but rather to impart some basic advice. Foremost is that if you are new to Core Stability training and especially if you are experiencing pain or have an injury, then it is imperative that you seek the help of a qualified practitioner to supervise your programme.

A Core Stability practitioner will assess your posture and any complaints you might have and thereby identify the areas to target. Initially this will involve learning how to activate the core muscles, especially the often overlooked transversus abdominis. As with all exercise programmes, the aim is to gradually and safely increase the difficulty such that with time you will attain a high level of competence. If you are rehabilitating from an injury or a weakness has been identified, then the programme can initially be rather frustrating, as you might have the innate muscle strength to cope with more advanced and difficult exercises, but to do so would be to the detriment of recruiting the weaker core muscle stabilisers.

Core Stability training is here to stay. Although there is a whole media and marketing frenzy surrounding it, the truth is that its role in all forms of rehabilitation and training has been firmly established. It is now up to us to ensure we find the best way to implement this knowledge and incorporate it into our practice, training and even in activities of daily living.

Dr Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.

*kmicallefstafrace@gmail.com*

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1980-1989) ... It-Tielet Parti

Fl-1984, sar tibdil fil-kanal tat-tiġrija. Waqt li t-tul tal-korsa baqa' l-istess, il-planki tal-injam li jagħlqu l-kanal tressqu aktar qrib il-Ponta ta' l-Isla. Bla dubju ta' xejn dan iċ-ċaqliq issodisfa l-aktar lill-ispettaturi u lill-partitarji Sengleani li ta' kull sena jkunu qegħdin isegwu b'tant entużjażmu t-Tiġrija tal-Vitorja mill-Ponta u minn fuq is-swar tal-Gardjola. Sfortunatament, fl-istess żmien kompla għaddej b'ritmu mgħaġġel ir-reġistrazzjoni tal-qaddiefa stabbiliti minn distrett għall-ieħor – proċess vizzjuż li maż-żmien dgħajjef ħafna lid-distretti ż-żgħar kif fil-fatt ikkummenta miegħi qaddief Belti: *'... iċ-ċaqliq ta' qaddiefa dgħajjef lid-distretti żgħar u saħħaħ lill-kbar bħal Bormla u l-Isla ... ngħid għalija, fil-preżent, jien nqis lid-distretti tal-Birgu u l-Marsa bħala sfidanti għall-paljijiet il-kbar iżda mhux għar-rebħ tax-Shield, waqt lil Marsamxett/Valletta u l-Kalkara nqishom bħala distretti żgħar minkejja li fil-passat il-Kalkara kienet qawwa kbira ... rigward Marsamxett, għalkemm f'dawn l-aħħar snin irbaħna xi paljijiet prestiġġjużi għadu ma kisibx il-qawwa li jingħad li kellu qabel il-gwerra ... ħaġa oħra li rrid inżid hi, li għalkemm id-distretti ż-żgħar m'għandhom xejn x'joffru lill-qaddiefa tagħhom, huma l-uniċi distretti li ta' kull sena jagħtu ċ-ċans lil bosta qaddiefa ġodda jieħdu sehem fir-Regatta ...'*

Dan iċ-ċaqliq tant beda jħasseb lid-diriġenti tal-klabbs tar-Regatta u lill-partiġġjani tagħhom li xi wħud minnhom kienu avviċinaw lill-membri tal-Assoċjazzjoni tar-Regatta u talbuhom biex immedjatament isibu mezz kif irażżnu ċ-ċaqliq tal-qaddiefa għax kien hemm il-biżgħa li xi distretti jżarmaw. Ħafna kienu tal-fehma li l-unika soluzzjoni kif l-Għaqda tar-Regatta setgħet trażżan jew tikkontrolla dan iċ-ċaqliq sfrenat ta' xi wħud mill-qaddiefa minn klabb għall-ieħor kienet li temenda l-istatut tagħha b'sett ta' regolamenti ġodda, fosthom b'regolament li jirregola sistema ta' reġistrazzjoni tal-qaddiefa mal-klabbs għall-perijodu ta' snin.

Kien proprju, fi Frar 1985, meta l-Għaqda tat-Tiġrija ta' Settembru u Qdif Ieħor bdiet tiddiskuti din il-problema bis-serjetà. F'waħda minn dawn il-laqgħat ġiet diskussa fit-tul ir-reġistrazzjoni tal-qaddiefa. Għalkemm bħala prinċipju kien hemm qbil unanimu fost id-delegati tad-distretti, kien għad irid jiġi stabbilit it-tul taż-żmien qabel dan ir-regolament jiġi nkluż fl-istatut ġdid li kien qed jiġi mħejji mill-Għaqda. Jingħad li kien hemm min ipproponа li tul tar-reġistrazzjoni tal-qaddiefa jkun ta' ħames snin, iżda mhux kulħadd qabel magħha. Niftakar li din il-proposta ma ntogħġbitx minn diversi qaddiefa li bdew isostnu, li tul ta' ħames snin minbarra li kien twil wisq, kien se jtellef ukoll iċ-ċans li qaddiefa ġodda jtejbu l-karriera tagħhom tal-qdif ma' distretti oħra u għalhekk huma ma kinux se jaċċettawha. Niftakar ukoll li kienu saru diversi laqgħat mill-qaddiefa f'każini tal-baned fejn minbarra li saru xi lmenti dwar titjib fl-organizzazzjoni talbu li r-reġistrazzjoni tal-qaddiefa mal-klabbs issir bejn sentejn jew tliet snin, u kull waħda ssir bi ftehim bejn id-diriġenti tal-klabb u l-qaddief.



*Qaddiefa u partitarji Vittoriosani jidhru jieħdu r-Ritratt ta' tifkira wara r-rebħa tax-Shield fl-1984*

Partitarju Marsi ikkummenta hekk dwar ir-reġistrazzjoni tal-qaddiefa: *'... jien bħal ħafna oħrajn naqbel li kull qaddief għandu jirreġistra għan-numru ta' snin ma' klabb .... mhux sewwa li wara snin tħarreġ tim ta' qaddiefa u tikseb suċċess bihom, dawn jitilquk bħal erbgħa fost il-ġimgħa u jmorru jaqdfu ma' klabb ieħor għax iwegħduhom xi ħaġa ... kulħadd jaf li aħna m'għandniex l-isponsors bħalma għandhom id-distretti l-kbar ... aħna erbaħna seba' darbiet ix-Shield bis-saħħa u l-ħila tal-qaddiefa tal-lokal - kollha Marsin, iżda illum ġejna f'sitwazzjoni fejn li lanqas għandna qaddiefa biżżejjed mil-lokal biex narmaw nofs l-opri tagħna ... kif qaddief jirbaħ palju, jitfa' ħarstu lejn id-distretti l-kbar u jirreġistra magħhom ... jekk l-Assoċjazzjoni tar-Regatta tixtieq li aħna nkomplu nieħdu sehem fir-Regatta, hemm bżonn li nreġġgħu l-arloġġ lura għaż-żmien meta kull qaddief kien jintrabat ma' klabb għal numru ta' snin ... taf xejn li hawn qaddiefa li f'temp ta' ħames snin qadfu mat-tliet klabbs differenti ... kif għedtlek, illum għandek qaddief tajjeb, sena oħra tfittxu u ma ssibux ... ħabib tiegħi, dilettant bħali dan l-aħħar qalli li għad jasal żmien li r-Regatta tibda ssir bejn żewġ jew tliet distretti, għax l-oħrajn ikollhom iżarmaw ...'*

Partitarju ieħor qabeż fil-pront u qalli: *'... jien nibża' li għad jasal żmien meta ta' warajna għad jaqraw fuq il-gazzetti li dari fil-Vitorja kienet issir tiġrija tad-dgħajjes fil-port, li sfortunatament mietet mewta naturali għax naqas l-interess fiha ... naħseb li l-Assoċjazzjoni tar-Regatta ma tixtieqx li jasal dan iż-żmien... '*



*It-tluq tad-dgħajjes tal-Pass b'żewġt Imqadef fir-Regatta 1985*






*Is-sur Michael Tabona f'isem 'Captain Morgan Cruises' jippreżenta sett T-Shirts lis-sur Matty Grima, president tal-klabb ta' Bormla tar-Regatta fl-1980*

Madankollu, għalkemm xi wħud mill-kumitati tal-klabbs tar-Regatta kontinwament kienu (u għadhom) jiffaċċjaw dawn il-problemi, xorta waħda komplew għaddejjin bl-attivitajiet soċjali bil-għan li jattiraw membri u sponsors ġodda għall-klabbs tagħhom. Fis-snin 80, insibu li l-maġġoranza tad-distretti parteċipanti kellhom Klabbs ġodda, spazjużi u attrezzati bil-faċilitajiet kollha meħtieġa li jirrikkjedi dan l-isport tal-baħar. Kien proprju f'dan il-perijodu ta' snin li l-kumitat tad-distrett ta' Marsamxett/Valletta beda jfittex maħżen f'xatt il-Belt biex it-taħriġ tal-qaddiefa fid-dgħajjes tagħhom jibda jsir fil-Port il-Kbir. Wara ħafna taħbit, huma ngħataw maħżen qrib id-Dwana l-qadima.

Kien żmien ukoll fejn kull klabb tar-Regatta kompla jissaħħah b'opri ġodda, tant hu hekk, li f'kull edizzjoni osservajna diversi dgħajjes ġodda fil-kanal. Ħafna drabi, opra ġdida taqla' lill-qadima u xi wħud minn dawk l-opri bħal dgħajjes tal-Pass, Frejgatini u Kajjikki li ma jibqgħux jintużaw għat-taħriġ ta' qaddiefa ġodda jinbiegħu lill-partitarji. Kien hemm każi fejn xi dgħajjes ingħataw bħala rigal lil xi qaddiefa li jkunu taw sehem kbir lill-klabb. Meta għamilt riferenza dwar l opri ġodda li żżanżnu matul dan il-perijodu ta' snin, ftakart f'sentejn partikulari, fl-1983 insibu li d-distretti tal-Kalkara u l-Birgu żanżnu dgħajsa ta' bl-Erbgħa waqt li l-Isla żanżnu dgħajsa tal-Midalji u Kajjikk, fl-1986, insibu li l-Birgu żanżnu żewġ opri ġodda, dgħajsa tal-Midalji u Kajjikk, waqt li l-Isla żanżnu wkoll żewġ opri oħra Kajjikk u Frejgatina. S'intendi, barra dawn l-opri, matul din l-epoka nbnew diversi opri oħra tat-tiġrija mill-aħjar bennejja li għandna madwar il-port għal xi wħud mid-distretti parteċipanti.

Kien żmien ukoll fejn xi wħud mill-qaddiefa qabel ma kienu jiżlu fid-dgħajjes kienu jippreparaw irwieħhom tajjeb b'eżerċizzji fiżiċi (*jogging* u rfigħ ta' ħadid) taħt il-ħarsien ta' għalliema professjonali imbagħad jibdew it-taħriġ tagħhom fl-opri tat-tiġrija. Kienet epoka wkoll fejn mas-swar jew ma' xi bini għoli madwar il-kanal, il-partitarji tad-distretti avversarji bdew idendlu bnadar kbar bil-kuluri tradizzjonali tagħhom - drawwa li għadna ngawduha sal-lum. Il-partitarji tal-Birgu kienu u għadhom idendlu bandiera kbira ħamra mas-sur ta' Sant' Anġlu, ta' l-Isla jdendlu oħra Safra u ħamra taħt il-Gardjola tal-Isla waqt li dawk tal-Marsa, Bormla u Marsamxett/ Valletta kienu u għadhom ukoll idendlu l-bnadar tagħhom ma' xi bini għoli fix-Xatt ta' Laskaris.

S'intendi jekk il-briju u l-entużjażmu fost l-ispettaturi kompla jiżdied fir-Regatta, l-eċċitament fost il-partitarji avversarji minn dejjem jilħaq l-aqwa tiegħu matul l-andament ta' kull tiġrija, partikularment f'ta' bl-Erbgħa, fejn ħafna drabi tkun waħda deċiżiva u l-pjazzament tad-dgħajjes jħoll u jorbot ir-rebħ tax-Shield. Nafu wkoll li x-xahar ta' Settembru jaf ikun kiefer fejn jidħlu l-elementi naturali. Mhux l-ewwel darba li waqt f'xi tiġrija għamlet xi bexxa xita qalila u r-Regatta kellha tieqaf għal xi ħin, iżda rjiħat qawwija esperjenzajna bosta drabi u sfortunatament ġabu fix-xejn it-tamiet ta' diversi ekwipaġġi tajbin, ġieli wkoll favoriti għar-rebħ tal-palju għax il-polza tinzertalhom f'lanes fejn l-aktar jaffettwahom ir-riħ.

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss*

**Korrezzjoni fil-ħarġa ta' Jannar 2011:**
Id-data li dehret fil-caption tar-ritratt li juri d-dgħajsa ta' bl-Erbgħa tal-Birgu quddiem dik ta' Bormla kellha tkun 1983 minflok 1981.



*Il-President Agatha Barbara tippreżenta x-Shield lil Sunny Busuttil - president tal-klabb tar-Regatta ta' Bormla fl-1983*

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2011.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 46

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 46 huwa: Daniel Tanti - Mosta**





Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

**Irbaħ Weekend Break ma' Le Meridien Hotel**

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2011

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Kriss-Kross, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ______________

Indirizz ______________

Email ______________

# SPORTIV Kriss-Kross

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 46

| | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | B | | | | C | | | P | O | D | E | S | T | A | |
| B | E | A | R | Z | O | T | | S | | I | | | U | | |
| | N | | A | | H | | | A | | M | O | D | R | I | C |
| | I | | F | | E | M | P | I | R | E | | | N | | U |
| S | T | E | F | A | N | | | L | | C | | I | | | R |
| | E | | A | | | | N | A | T | H | A | N | | | R |
| | Z | | | G | A | G | A | | A | | | D | O | D | A |
| | | A | | R | | | U | E | F | A | | U | | | N |
| C | O | S | T | A | | | D | | F | | | R | | T | |
| A | | A | | V | I | E | I | R | A | | B | A | R | R | Y |
| S | A | M | B | A | | | | | R | I | | I | | O | |
| S | | O | | T | | | C | O | E | | | N | E | T | O |
| A | L | A | M | A | N | G | O | | L | O | B | | | T | |
| N | | H | | | A | | C | | | K | | K | | | L |
| O | | | X | | D | R | O | G | B | A | | I | | | E |
| | S | O | U | Z | A | | | | | N | I | M | E | N | O |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 46 ta' Jannar 2011 huwa: Keith Debono - Gzira

**MIMDUDIN**

1) Hermans, kowċ nazzjonali ta' Malta fil-Futsal (3)
4) Kevin, il-plejer Awstraljan-Malti sospiż 8 partiti fuq foul vjolenti (6)
7) It-tellieqa tal-qdif "Cambridge-......" li bdiet fl-1829 (6)
10) Michael, sid u ġerrej fil-korsa tal-Marsa (5)
11) Robert, ippremjat talli xxabbat mal-muntanja Everest (4)
12) Steven ingħaqad ma' Tottenham Hotspur f'Jannar (7)
14) Charles qadef fil-kajjik tal-Marsa fil-Vitorja 2010 (4)
15) Jean, president tal-FIA, kien f'Malta m'ilux (4)
16) Junhui, rebbieħ tal-Masters fli Snooker f'Jannar (4)
18) Hoeness, eks plejer ta' Bayern Munich 1970-79 (3)
20) Il-midfilder Marokkin li ingħaqad ma' Inter f'Jannar (6)
22) Supporters, mhux 'fannijiet' (4)
24) Khan, boxer Ingliż b'dixxendenza Pakistana (4)
25) Camilleri, 11-il darba champion tal-ICC Hillclimb (6)
28) Il-Hotspurs tal-Futbol Malti (5)
29) Barry, chairman tal-World Snooker Association (5)
32) Jackson, attakkant barrani ta' Sliema Wanderers (4)
33) Zammit ta' Valletta FC, Azzopardi ta' Sliema W. FC (3)
34) Declan, eks plejer Irlandiż ta' Valletta FC (1'5)
37) Bejn il-Blue u l-Black fli Snooker (4)
38) National Basketball Association (1,1,1)
39) Gozo Football Association (1,1,1)
40) Kyle, plejer internazzjonali Malti tar-Rugby (5)
43) Daniele .. Rossi, midfilder ta' AS Roma (2)
44) Mauro Di ....., beda l-karriera f'Malta ma' Pietà H. FC (5)
45) Edin, l-aħħar akkwist 'miljunarju' għal Man City (5)
46) "...de Loudat", żiemel Franċiż fil-korsa tal-Marsa (3)
47) "Quick ...." - II/III Division Knock-Out tal-MFA (4)

**WEQFIN**

1) Dídac, minn ma' Espanyol għal ma' AC Milan (4)
2) Iċ-ċiklist Spanjol f'kontroversja dwar doping (8)
3) Pace, champion renjanti ta' Malta fiċ-Cess (5)
5) "The Morning ....", tal-mibki ġurnalist Benny Pace (4)
6) Cohen, eks futboler Iżraelit li miet f'Diċembru 2010 (3)
8) Plejer Brażiljan ta' Valletta FC li għandu aktar DENI (5)
9) Il-mibki futboler Charles "il-...." Muscat (5)
13) Buhagiar, attakkant ta' Birkirkara FC (5)
14) Il-Ġappun, rebbie_ tal-..... Cup 2011 tal-Futbol (5)
16) Jermain, attakkant internazzjonali Ingliż b'45 preżenza (5)
17) Ray "...." Farrugia, kowċ ġdid tal-Under-21 tal-MFA (4)
19) L-imħallef Camilleri, eks president tal-KOM (4)
20) Garry, ikkunsidrat l-aqwa fost l-aqwa fiċ-Cess (8)
21) Petar, plejer Maċedon ta' Luxol Basketball Club (5)
23) Tiratur żagħżugħ promettenti - ...... Lee Xuereb (6)
25) It-tlielaq ta' dan it-tajr popolari ħafna f'Malta (6)
26) "Sport ....", magażin sportiv Ġermaniż (4)
27 Cremona, rebbbieħ ta' li SportMalta Awards 2010 (7)
30) Muscat, għawwiema bir-rekord fil-100m freestyle (5)
31) Azzopardi, midalja tal fidda fil Bowling fl-iSpecial Olympics (6)
35) "Air .....", kompetizzjoni fl-iSparar (5)
36) Dos Santos, difensur Brażiljan ta' Valletta FC (5)
38) Frederiek, ċiklist Belġjan li miet fl-2009 (4)
41) Abela, bowler Maltija ta' esperjenza kbira (3)
42) Ato, Kaz u ..., mascots tal-FIFA World Cup 2002 (3)
43) Ross, ta ħafna lill-Baskitbol Malti (3)
44) Concetto .. Bello, eks referi tal-Futbol ta' fama mondjali (2)


YOU'VE GOT
THE POWER.
WE'VE GOT THE REST.
VISIT US NOW.
lemeridienmalta.com/fitness-gym-malta
or call 2311 2861.
Le Méridien
Lotus Fitness Center
LE MERIDIEN ST. JULIANS
HOTEL + SPA
39, MAIN STREET, BALLUTA BAY ST JULIANS STJ 1017
T: +356 2311 0000
sales.malta@lemeridien.com
lemeridienmalta.com
Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA
N 55° 35' E 30° 14'

seat.com.mt

SEAT

**SEAT LEON STYLANCE** 1.4TSI 125bhp
fully equipped for only **€19,300**

Benefit up to
**€2000**
rebate
with the new
scrappage scheme.



Special offer features include:

- 16" alloy wheels
- Tinted windows & rear privacy glass
- Electrically foldable exterior mirrors
- Multi function leather steering wheel
- Multi-function display
- Micrometallic inlays
- ESP & EBA + DSR (Dynamic Steering Response)
- Hill hold assist
- Tyre pressure sensor
- Climate control air-conditioning
- Cruise control
- Bluetooth mobile handsfree
- USB interface
- Height adjustable driver & passenger seat
- Front seats with lumbar support
- Front fog lights
- Alarm system and backup horn
- ABS & TCS
- Remote central locking
- Radio CD MP3 + 8 speakers + Aux-in
- On board computer
- Front & rear power windows
- 6 airbags (2 front, 2 side and 2 curtain airbags)
- Interior light package

The above offer is valid only until stock lasts.

Join us on facebook
'SEAT- Malta'

MEMBER OF THE VOLKSWAGEN GROUP

**Continental Cars Ltd,** Testaferrata Street, Ta' Xbiex XBX1407 | Sales: 23476 342 / 350 | Mobile: 7900 7147 /7942 5868 | E-Mail: seat@ccl.mizzi.com.mt